**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 26 ta' Ottubru 2021

Rikors Numru: 196/2009 AL

**A sive A B personalment u bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri AA B, AB B u AC B b'digriet datat 7 ta' Lulju 2009**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 630/1993)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-partijiet izzewgu fis-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elf disa mija u tlieta u disghin (1993) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A;*

[1] Fol. 1.

2. *Illi minn dan iz-zwieg huma ghandhom tlett itfal AA ta' erbatax (14) il-sena li twiedet fit-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994), AB ta' hdax (11) il-sena li twieled fis-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elf disa mija u sebgha u disghin (1997), u AC ta' disa' (9) snin, li twieled fid-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elf disa mija u disa u disghin (1999);*

3. *Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba adulterju, vjolenza, ingurji, eccessi, theddid u swat u abbandun tad-dar matrimonjali komessi mill-intimat fuq martu u htija ta' dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;*

4. *Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permess ta' digrieti tal-Qorti Civli (Sezzjoni tal-Familja) anness u mmarkati Dok. B u Dok. C;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni ta' bejn il-konjugi B minhabba adulterju, vjolenza, ingurji, eccessi, theddid u swat u abbandun tad-dar matrimonjali komessi mill-intimat fuq martu;*

2. *Tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri AA, AB u AC f'idejn ir-rikorrenti;*

3. *Tikkundanna lil-intimat ihallas lir-rikorrenti ghal imsemmi minuri dik ir-retta alimentarja li dina l-Onorabbli Qorti joghogbha tiffissa skond il-mezzi ta' zewgha, bi provizjon ghal-zieda tal-gholi tal-hajja kif ukoll tordna lil intimat ihallas l-ispejjez kollha in konessjoni mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri u tordna ulterjorament lil intimat jikkontribwixxi ghal spejjez in konessjoni mal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-imsemmija minuri;*

4. *Tikkundanna lil intimat ihallas lir-rikorrenti retta alimentarja ghaliha personalment skond il-bzonijiet tal-attrici u l-mezzi ta' zewgha;*

5. *Ixxolji l-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess kommunjoni f'zewgt porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lil intimat billi tikkunsidra t-tortijiet kommessi mill-konvenut b'konsegwenza ta' liema z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment, okkorrendo bili jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;*

6. *Tistabilixxi data retroattiva minn mindu l-partijiet individwalment ghandhom jitqiesu responsabbli ghad-djun u obligazzjonijiet assunti minnhom;*

7. *Tikkundanna lill-intimat jirritorna lir-rikorrenti l-assi parafernali kollha taghha;*

8. *Tawtorizza lil esponenti tghix fid-dar mija sitta u tmenin (186), Triq Fra Francesco Wizzino, Pembroke ad eskluzjoni tal-intimat;*

9. *Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u/jew 50 sa 55 tal-Kodici Civili;*

*Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat li hu min issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-rikors tal-attriċi ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur,[2] fejn talbet lill-Qorti sabiex tiġi nominata kuratriċi *ad litem* ta' uliedhom minuri, liema talba ġiet akkolta permezz ta' digriet datat 7 ta' Lulju 2009;[3]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[4] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi qabel xejn l-attrici ghandha tipprezenta id-digriet li qed imsemmi fl-occhio tal-Kawza u datat 7 ta' Lulju 2009. Il-konvenut ma jidhirlu li hemm ebda digriet li jahtar lill-attrici bhala kuratrici ad litem tat-tfal – biss biss AA B ilha tghix mal-konvenut aktar minn sena.*

---

[2] Fol. 23.
[3] Fol. 24.
[4] Fol. 289.

2. *Illi t-talba ghas-separazzjoni ghandha tigi milqugha izda ghal ragunijiet attribwibbli lill-attrici kif ser jirrizulta fil-kontro-talba.*

3. *Illi mhuwiex minnu li l-konvenut kisser dan z-zwieg. Hu kien kontinwament soggett ghal provokazzjonijiet kbar ta' martu u kienet l-attitudni tal-mara kif ukoll l-adulterju taghha li wassal ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg.*

4. *Illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn il-konvenut peress li hu l-aktar genitor idoneju sabiex jiehu hsieb lit-tfal. It-tifla ilha tghix mal-missier il-fuq minn sena u is-subien erba' t'iljieli minn sebgha ukoll ikunu mal-missier u jorqdu mieghu.*

5. *Illi d-dar matrimonjali ghandha tinbigh – ma hemm ebda raguni ghaliex il-konvenut ghandu jitlef sehemu mill-istess dar. Hu allontana ruhu mid-dar biss minhabba fil-provokazzjonijiet kontinwi ta' martu. Intant l-ispizerija hi l-uniku mezz ta' ghixien ghall-konvenut.*

6. *Illi ebda manteniment ma ghandu ikun dovut lill-attrici l-ewwel nett ghaliex hi tahdem bhala travel consultant u it-tieni nett ghaliex hemm ragunijiet bizzejjed biex hi tiddekadi mid-dritt li tircievi manteniment fosthom l-adulterju.*

7. *Illi il-konvenut qed juza ir-rikors guramentat sabiex jaghmel il-kontro-talba tieghu.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut,[5] fejn il-konvenut ippremetta:

1. *Peress illi l-konvenut ilu mizzewweg lill-konvenuta mis-6 ta' Mejju 1993 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal AA B li twieldet fit-13 ta' Novembru 1994 (id 504094M), AB B li twieled fis-7 ta' Lulju 1997 (id 265697M), u AC B li twieled fid-19 ta' Gunju 1999 (id 206499M).*

2. *Peress illi l-attrici saret hatja ta' adulterju, vjolenza u swat, ingurji gravi,*

[5] Fol. 290.

*sevizzi u mohqrija lejn zewgha' u fil-fatt ir-ragel kellu jitlaq mid-dar matrimonjali biex mar jghix temporanjament bit-tifla AA band' ohra; dan iz-zwieg gie anke rez impossibbli minhabba inkompatibilita' ta' karattru.*

3. *Peress illi l-konvenut ma ikkommetta ebda htija li setghet wasslet ghal dan it-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u ghalhekk il-konvenut ghandu jithalla jkompli jghix fid-dar matrimonjali flimkien ma' uliedu u ad eskluzjoni tal-attrici.*

4. *Peress illi l-konvenut qed jaghmel din il-kontro-talba in forza ta' digriet ta din il-Qorti – digriet anness mar-rikors promotorju.*

5. *Peress illi fil-komunjoni talakkwisti hemm ukoll spizerija li hija parti mill-binja tad-dar matrimonjajali u li hija l-unika sors ta' introjtu ghall-konvenut. Il-konvenut huwa spizjar u imexxi u jahdem fl-istess spizerija li giet miftuha u tithaddem bil-hila u sagrificcji kbar tieghu.*

6. *Peress li l-attrici tahdem bhala travel consultant u ukoll anke kieku ma tahdimx hi ghandha tiddekadi mid-dritt li tircievi manteniment minhabba l-adulterju, sevizzi u mohqrija li wettqet kontra zewgha.*

7. *Peress illi il-konveut hu l-aqwa genitor li jista jiehu hsieb lit-tfal kif jixraq u anke l-istess tfal iridu jghixu ma' missierhom tant li ga it-tifla ilha tghix mal-missier il-fuq minn sena u is-subien erba' t'iljieli minn sebgha ukoll ikunu mal-missier u jorqdu meghu. Hemm gia rikorsi sabiex it-tfal imorru jghixu ma missierhom.*

*Tghid l-attrici ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, vjolenza u swat, minacci, ingurji gravi, sevizzi, u mohqrija lejn il-konvenut maghmula mill-attrici ai termini tal-Kodici Civili u minhabba inkompatibilta ta' karattru;*

2. *Tiddikjara u tordna li l-istess attrici ghandha titlef id-drittijiet kollha li haqqa titlef minhabba l-azzjonijiet taghha inkluzi dawk kontemplati fl-artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili u tappika kontra*

*l-attrici u favur il-konvenut id-disposizjonijiet tal-Artiklu 48 tal-Kodici Civili;*

3. *Tordna it-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;*

4. *Tillikwida l-istess kounjoni tal-akkwisti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u taqsam l-istess bejn ik-kontendenti nofs kull wiehed b'dan pero li lill-konvenut ghandhom jigu assenjati fl-intier tagħhom l-akkwisti li saru bil-hidma tieghu u jinghatalu lura dak li hu ta lill-attrici b'donazzjoni bil-hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg jew b'xi titolu iehor u b'dan ukoll illi l-konvenut ghandu jinghata d-dritt skont artikolu 55A tal-Kodici Civili li wahdu mat-tfal minuri jibqa' jghix fid-dar matrimonjali ghallanqas sakemm AC jaghlaq 18 il-sena' b'dan ukoll li lill-attur ghandha tigi assenjata l-ispizerija li hija s-sors ta' ghixien tieghu.*

5. *Tahtar jekk ikun hemm bzonn Nutar u tiffissa data, lok u hin sabiex jekk ikun hemm bzonn issir il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti kif likwidati u tahtar kuraturi deputati biex fil-kontumacja jew l-assenza tal-attrici jidhru minfloku;*

6. *Tiddikjara liema huma l-flus u/jew l-oggetti parafernali li jappartjenu lil-kull wahda mill-partijiet u tordna li qabel il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti kull parti tiehu dak li hu parafernali taghha;*

7. *Tordna li l-kura u l-kustodja tal-miuri kollha tigi fdata f'idejn il-konvenut u tordna li kull access tal-attrici ghall-minuri ma jsirx f'cirkostanzi li jistghu jaghmlu hsara morali jew materjali lill-minuri;*

8. *Tordna li l-konvenut wahdu jibqa' jghix flimkien ma' uliedu minuri fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' martu u dan skont artiklu 55A tal-Kodici Civili ghall-anqas sakemm AC B jaghlaq tmintax il-sena;*

9. *Tordna lill-attrici thallas lill-konvenut retta alimentari fil-gimgha ghall-minuri skont kif tistabilixxi dina l-Onorabbli Qorti u tordna li din ir-retta tizdied maz-zmien sabiex tirrifetti iz-zjiediet fl-gholi tal-hajja.*

10. *Tordna li l-attrici tiddekadi mid-dritt li tircievi manteniment ghaliha minn*

*ghand zewgha minhabba ragunijiet valid fil-ligi u anke ghaliex l-istess attrici kapaci tahdem u fil-fatt qeghda tahdem bi qligh.*

*Bl-ispejjez konta l-attrici kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba. L-attrici hi min issa ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonant;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attriċi għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, fejn eċċepiet:[6]

1. *Illi l-esponenti filwaqt li taqbel li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet tirribatti li ż-żwieġ tkisser minħabba tortijiet unikament attribwibbli lill-konvenut li abbanduna d-dar konjugali għal aktar minn tlett snin ilu u ċioe' f'Ġunju 2006 kif ukoll ta' adulterju, vjolenza, inġurji, eċċessi, theddid u swat... Illi l-esponenti tirrileva li kien biss sussegwentement u wara li nfetħet il-proċedura ta' medjazzjoni u wara li l-esponenti preżentat l-ewwel rikors għal kura u kustodja u manteniment li t-tifla AA marret tgħix miegħu u mhux kif ġie dikjarat bil-ġurament mill-konvenut fir-rikors tiegħu. Illi dan kollu ser jirriżulta aħjar tul it-trattazzjoni tal-kawża;*

2. *Illi l-esponenti qed topponi għat-tieni talba tal-kontro-talba tal-intimat rikonvenzjonant. Illi hija ma hijiex ħatja tal-ksur taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet u għalhekk ma għandhomx japplikaw fil-konfront tagħha s-sanzjonijiet kontemplati fit-talba tal-intimat rikonvenzjonant;*

3. *Illi l-esponenti m'hijiex qed topponi għat-tielet talba f'dak li jirrigwarda t-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet;*

4. *Illi l-esponenti ma topponiex għal likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti imma qed topponi għar-raba' talba tal-konvenut rikonvenzjonant kif dedotta. Illi l-esponenti qed topponi għat-talba tal-konvenut rikonvenzjonant li jiġi assenjat l-akkwisti li saru bil-ħidma tiegħu u dak li ta hu lill-attriċi b'donazzjoni bil-ħsieb taż-żwieġ jew waqt iż-żwieġ jew b'titolu ieħor kif ukoll qed topponi li l-konvenut jingħata d-dritt li waħdu mat-tfal minuri jibqa' jgħix fid-dar matrimonjali. Illi l-esponenti qed topponi li l-ispiżerija*

[6] Fol. 405.

*tiġi assenjata lill-intimat. Illi l-esponenti ulterjorment teċepixxi li l-ispiżerija tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, twaqqfet fil-komunjoni tal-akkwisti bi flus tal-komunjoni tal-akkwisti u qed topera minn proprjeta' tal-komunjoni tal-akkwisti. Illi l-ispiżerija inkluż il-valur tal-avvjament, il-valur tal-liċenzja u l-merkanzija ta' ġewwa fiha flimkien mad-dar matrimonjali u l-garaxx huma l-assi prinċipali tal-komunjoni tal-akkwisti u likwidazzjoni u l-eventwali assenjazzjoni tal-istess għandha ssir biss wra li ssir valutazzjoni tal-assjem tal-proprjeta'. Illi l-konvenut rikonvenzjonant diġa' għandu fil-pussess tiegħu effetti mobbli ta' valur sostanzjali li hu arbitrarjament u mingħajr awtorizazzjoni meta telaq mid-dar f'Ġunju 2006 dettalji ta' liema ser jiġu preżentati fl-atti tal-kawża;*

5. *Illi l-esponenti ma hijiex qed topponi għall-ħames talba b'dan li għandu jinħatar kuratur deputat biex jirrappreżenta anke l-konvenut fil-kontumaċja jew fl-assenza tiegħu;*

6. *Illi b'referenza għas-sitt talba l-esponenti ma għandha ebda flus / jew oġġetti parafernali tal-konvenut fil-pussess tagħha anzi għall-kuntrarju huwa l-konvenut li għandu oġġetti parafernali tagħha fil-pussess tiegħu;*

7. *Illi l-esponenti qed topponi għas-seba' talba. Illi huwa fl-aħjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tiġi fdata lilha bi dritt t'aċċess lill-konvenut għall-minuri liema aċċess ma jistax jiġi eżerċitat mill-konvenut b'mod li jesponu lill-minuri għal skandlu u fil-preżenza ta' terzi persuni tas-sess oppost. Illi l-konvenut kien espona lil uliedu għal dawn l-aħħar seba' snin lil nisa u jgħidilhom li dawn huma ħbieb tiegħu. Illi meta t-tfal ikunu fil-kustodja tal-missier huma qed jinżammu minn mara MV li magħha għandu relazzjoni kemm fid-dar tagħha kif ukoll fl-appartament tal-Qawra fejn jabita l-konvenut. Illi jkun hemm ukoll ħafna okkażżjonijiet fejn it-tfal jiħallew waħedhom fl-appartament fil-Qawra. Illi hija l-esponenti li hija l-aktar ġenitur idonju li tiġi fdata l-kura u l-kustodja ta' ulied il-kontendenti, li l-esponenti baqgħet kostanti u dejjem żammet l-aħjar interess tat-tfal tul is-snin;*

8. *Illi l-esponenti qed topponi għad-disa' talba tal-konvenut rikonvenzjonant u dan stante li ma jeżistux l-estremi fil-liġi li hija tiġi eskluża mid-dar matrimonjali. Illi l-esponenti qed tgħix fid-dar matrimonjali għad esklużjoni*

*tal-konvenut rikonvenzjonant wara digriet maħruġ mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u kienet vittma ta' vjolenzi perpetrati mill-konvenut rikonvenzjonant tul il-ħajja matrimonjali kif ser jiġi pruvat ampjament tul it-trattazzjoni tal-kawża. Illi hemm diġa' esebiti mill-esponenti rapporti tal-Pulizija dwar il-vjolenzi kommessi mill-intimat C B fuq martu. Illi l-esponenti la għandha post ieħor fejn tabita u lanqas il-mezzi biex tidħol f'kirja kummerċjali. Illi l-esponenti żżomm ferm mat-talba tagħha li l-minuri għandhom jiġu fdati fil-kura u l-kustodja tagħha;*

9. *Illi l-esponenti qed topponi għad-disa' talba. Illi l-konvenut rikonvenzjonant qed jopera u jiġġestixxi l-ispiżerija li tappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti mingħajr ma jagħti rendikont lil martu u preżentement mingħajr ma qatt taha sehemha mill-profitti ġenerati mill-ispiżerija appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti. Illi inoltre l-esponenti qed taħdem fuq bażi part-time. Illi l-esponenti ma għandhiex il-mezzi sabiex tagħti manteniment lill-konvenut;*

10. *Illi l-esponenti qed topponi għall-għaxar talba tal-konvenut u dan stante kif diġa' ingħad hija m'hijiex ħatja tal-ksur taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet u m'għandhiex tbati konsegwenzi legali;*

11. *Illi l-esponenti qed topponi li tiġi addebitata kwalunkwe spejjeż għal dawn il-proċeduri;*

12. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi rikonvenzjonata;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat l-affidavits tal-partijiet kontendenti u d-dokumenti annessi;[7]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Fransina Abela, u kif ukoll dawk quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat is-sentenza preliminari fl-ismijiet premessi deċiza minn din il-Qorti kif

[7] Fol. 186, Fol. 387.

presjeduta mogħtija nhar id-9 ta' Mejju 2019, fejn il-Qorti ċaħdet it-talba ta' C B sabiex ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti matul il-proċeduri odjerni;

Rat ir-rapport maħluf tal-Perit Legali Dr Abigail Critien;

Rat id-domandi in eskussjoni u r-risposti għall-istess;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet;[8]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[9]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha stess, u dan senjatament minħabba d-domandi in eskussjoni u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, u ċjoe' riassunt tal-provi kollha mressqa mill-partijiet u kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit wara li ħadet konjizzjoni tal-erba' u għoxrin (24) proċess voluminuzi li kollha flimkien isawru l-kaz odjern li ilu għaddej għal tnax-il (12) sena.

1. **Ir-Rapport tal-Perit Legali:**

Il-Perit Legali Dr Abigail Critien ġiet maħtura għal tali skop permezz ta' digriet datat 3 ta' Frar 2012, fejn in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilha din zammet numru ta' seduti. Wara li l-Perit Legali rat ir-rikors promotur, ir-risposti ġuramentati u l-kontro-talba, hija kompliet bis-segwenti:

9. *Illi f'dan l-istadju l-esponenti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-mertu tal-każ odjern u abbażi tal-provi kollha mressqa mill-partijiet, id-dokumentazzjoni esebita, r-rapporti tal-Perit Tekniku Tancred Mifsud, ir-rapport tal-Perit komputista William Spiteri Bailey, l-ġurisprudenza u l-insenjamenti*

[8] Fol. 4928 – 4994, 5001 – 5037.
[9] Fol. 5054.

*applikabbli tippreżenta r-rapport odjern;*

## 10. Ix-xhieda tar-Rikorrenti

*L-attriċi tippreżenta affidavit twil u voluminuż*[10] *li tikkontendi li qed jiġi preżentat wara 6 snin attentat ta' rikonċiljazzjoni u sussegwentement attentat ta' ftehim bonarju. Tgħid li kellha ddur lejn il-Qorti minħabba l-manipulazzjoni fuq it-tfal li bdiet tiskala u żżid tgħid ukoll li konxja li l-intimat se juża lil uliedhom b'mod aktar aggressiv fil-proċeduri odjerni. Tgħid li bdiet tieħu saħħitha lura wara snin ta' torturi u abbuż mentali, emozzjonali u fiżiku meta din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta ordnat li tgħix m'uliedha fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-intimat żewġha permezz ta' digriet tal-10 t'Ottubru 2008. Issostni li damet tittratieni sabiex tintavola l-affidavit tagħha bit-tama li ma tkunx kostretta titfa ħatab fuq in-nar fl-aħjar interess tat-tfal.*

*Tispjega li l-għerusija tagħhom kienet waħda tajba b'dan li l-intimat kien ġentlomm magħha u kien juriha li jħobbha u jirrispettaha iżda ssostni li dan kien ingann għaliex wera ġildu u snienu hekk kif iżżewġu. Tgħid li l-inkwiet kiber meta fetaħ l-ispiżerija u rrealizzat li kien iżżewwiġha għaliex dak iż-żmien kellha l-flus u għax ried jitlaq mid-dar tal-ġenituri tiegħu peress li kien ikollhom tilwim kontinwu. Tgħid li saret taf snin wara li r-relazzjoni li l-intimat kellu qabel ma bdew joħorġu flimkien hi u l-intimat ma' ċertu JS kienet spiċċat da parti tagħha għaliex l-intimat kien jisraq. Tagħtu s-sapport sħiħ anke fi żmien l-istudji tal-Universita' (sapport li tagħtu minkejja li lanqas il-ġenituri tiegħu ma kienu jemmnu fih). Tgħid li fl-għerusija hi kellha introjtu tajjeb ħafna filwaqt li l-intimat kellu biss l-istipendju u għalhekk anke meta kienu joħorġu, kienet tħallas kollox hi iżda għaliha din ma kienitx problema għaliex il-flus qatt m'għamlu biha.*

*Tispjega kif l-art li oriġinarjament kienet ta' JS u l-intimat, saru l-arranġamenti neċessarji sabiex din inqalbet għal fuqha u fuq l-intimat, dejjem ovvjament bi ħlas lil JS li assenjat sehemha. Tiddikjara li l-ispiżerija u d-dar matrimonjali li huma mibnija fuq tali art huma tagħhom it-tnejn. Tgħid li kienet hi li ħallset is-somma ta' Lm2000 biex ħarġet mix-xena JS. Tgħid li peress li l-intimat imbagħad kien għadu jibda fil-ħajja lavorattiva tiegħu, kienet hi li ħallset il-ħaddiema u sabiex il-post jinbena u tikkalkula li ħallset madwar Lm50,000 għal dan l-iskop. Apparti dan tgħid li kien sellifhom Lm6000 missierha li saż-żmien li kien preżentat l-*

[10] Liema affidavit hu esebit a fol 186 tal-proċess u ġie ġuramentat fid-19 ta' Frar 2010.

*affidavit, tgħid li tali dejn kien għadu eżistenti. Tkompli tgħid li ħadu wkoll* loan *ta' Lm14,000 mil-Lohombus Bank sabiex jitħallas dak li ma laħħqitx hi mill-paga tagħha. Tiddikjara li l-proprjeta' eżistenti nbniet mill-flus li kienet taqla' hi, mill-flus li sellifhom missierha u mill-flus li sselfu mil-Lohombus Bank għalkemm l-intimat jallega li hi qed tapprofitta ruħha mil-liġi għaliex ħadem għall-proprjeta' hu. Tiddikjara wkoll li l-intimat għamel xi xogħol intern fl-istess dar u tgħid li meta fiż-żwieġ rebħet karozza, biegħitha* brand new *u l-flus marru biex inxtraw il-kmamar tas-sodda tat-tfal u għal safra EuroDisney.*

*Tiddiskrivi l-ħajja miżżewġa bħala żmien fejn ma tantx kienu jqattgħu* quality time *flimkien għaliex l-intimat kien joqgħod jara t-*television. *Meta kienet tgħidlu bil-kelma t-tajba, kien jirvilla u tant kienet tibża' minnu li kienet tiżgiċċa mid-*dar *u tibqa' barra għal xi siegħa sakemm jikkalma. Tgħid li meta żżewġu rrealizzat li kellu problemi psikoloġiċi kbar u ma kienx kapaċi jaffronta problema bil-*kalma *iżda bir-*rabja *u t-tkissir. Tgħid li kienet tkun trid ittemm kollox bejniethom iżda mbagħad, meta jikkalma, kien jikkonvinċiha biex tibqa' miegħu u li kien iħobbha u kien jiktbilha l-*cards*, jagħtiha r-rigali u jippreparalha xi ikla speċjali. Kienet taħfirlu anke abbażi tal-fatt li kienet temmen li għandha żżomm il-kwistjonijiet ta' bejniethom privati.*

*Tirrakonta li meta qaltlu li kienet ħarġet tqila, r-reazzjoni tiegħu kienet ta'* concern *għaliex beża' mill-flus jekk tieqaf taħdem iżda mbagħad maż-żmien beda jaċċetta r-realta' iżda l-attriċi tgħid li ndunat li għalih l-*ulied *kienu jfissru sagrifiċċji u mhux ferħ u l-bidu tal-familja tagħhom. Biex iżżomm il-familja magħquda u tagħti familja lit-*tarbija *li kienet ġejja (AA), għamlet l-almu tagħha biex issalva ż-żwieġ għalkemm tgħid li ċerta li li kieku ma nqabditx tqila, kieku kienet ittemm iż-żwieġ tagħha.*

*Maż-żmien ġew ukoll l-*ulied *l-oħra (li wkoll ma kienx kuntent bit-tqala għalkemm tgħid li AB kien pjanat) u l-attriċi tgħid li kienet tokroblu biex ma jibqax jgħajjat quddiem it-tfal iżda r-risposta tiegħu kienet tkun dejjem l-istess '**Jien trabbejt fl-għajjat u l-inkwiet u lil uliedi nrabbihom l-istess**'*[11]. *Meta mbagħad kien jikkalma, kien jiddispjaċih talli għamel iżda l-*pattern *baqa' jiggrava. Tgħid li lilha u lis-subien kien jużhom bħala* punching bag *biex jiżvoga d-dwejjaq tiegħu b'dan li kien jieħu wkoll kura psikjatrika u jieħu l-*antidepressants *għaliex ma kien ikun kuntent qatt u kien jara kollox ikrah u negattiv għalkemm hi baqgħet*

[11] Ara paġna 7 tal-affidavit a fol 192 tal-proċess.

*tissapportjah u tħobbu.*

*Tgħid li tat ħajjitha għal żewġha u għall-familja tagħha iżda mbagħad meta ra gelgul ta' flus diħlin, taha bis-sieq u tefagħha 'l barra biex igawdi l-frott ta' dak li bagħtet għalih hi ma' nisa oħrajn.*

*Tirrakonta episodji ta' vjolenza meta kienet tqila b'AB li tgħid li kien biss għall-fatt li l-bieba tal-gwardarobba zgiċċatlu minn idha li ma kissirhiex fuqha. It-tifel AB kellu xi problemi fil-kliewi u fil-fatt ġie operat ftit wara li twieled. Għall-attriċi dan it-tifel kien ġawhra kbira u minħabba tali problema baqgħet tagħtih ħafna attenzjoni – attenzjoni li skond hi l-intimat kienet iddejqu għaliex kien jgħir għal ibnu stess b'dan li r-relazzjoni tal-istess intimat u AB ma kienet waħda pożittiva xejn tant li kien ifittex l-attenzjoni ta' missierijiet oħra biex jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' missieru. Dan baqa' għaddej sakemm infetħu l-proċeduri ta' separazzjoni għaliex hemm imbagħad l-intimat beda jagħti l-attenzjoni lill AB u dan tal-aħħar 'iġġennen' għaliex fl-aħħar missieru beda jtih dak li dejjem xtaq għaliex qabel dan iż-żmien, lanqas kien qatt attenda xi attivita' tal-iskola tiegħu u lanqas għall-appuntamenti mediċi ħlief għal appuntament wieħed li t-tifel stess insista li jkollu lil missieru miegħu u meta kellu test partikolarment goff. Tispjega li preċiżament bħal AB, AC kien unwanted u traskurat minn missieru tant li kellu ringworm f'rasu li b'konsegwenza tagħha baqa' bi scaring f'rasu u għandu parti minn xagħru li ma titlalux. Tgħid li llum huwa mfejjaq pero' l-scarring jibqa' hemm.*

*Tgħid li l-intimat tant kien imdejjaq hawn Malta li kienu ser jemigraw darbtejn iżda qatt ma spiċċaw marru. L-ewwel darba għaliex wara li kien hemm xi ntoppi fuq is-saħħa ta' AB, iddeċidew li jirtiraw l-applikazzjoni u t-tieni darba għaliex infetħet l-ispiżerija u l-attriċi saret taf li l-intimat kellu relazzjoni adultera. Kien negattiv f'kollox u ma kienx jiekol l-ikel li ssajjarlu għalkemm kienet tipprova titgħallem mingħandu iżda kien jirrifjuta li jgħallimha u kien jgħidilha li t-tisjir li tagħmillu tagħmlu apposta biex tħaxxnu ħalli l-ebda mara ma tħares lejh. Kien jikkummenta b'mod negattiv anke fuq il-mod ta' kif tgħaddi l-ħwejjeġ tant li beda jgħaddi l-ħwejjeġ tiegħu hu stess.*

*Issemmi li beda jinżel Paceville u li għamel ħbiberija ma' mara Amerikana li fil-verita' kienet qed tużah u wara ħafna tilwim waqqaf kollox. Tispjega li ssakrifikat kollox għall-familja biex trabbi lil uliedha u biex jitrabbew f'ambjent ta' familja*

*fejn hemm l-omm u l-missier preżenti u li warrbet l-ambizzjonijiet u l-karriera tagħha għal dan il-għan minkejja li kellha futur sabiħ quddiemha fil-karriera tagħha. Tgħid li żewġha kien ikun irid jagħti il-phenergan lit-tfal (kalmant tat-tfal) biex ikunu jistgħu joħorġu iżda qatt ma aċċettat minkejja li dan kien iwassal għal ġlied u għawġ kbir. Ma kienx jgħannaqhom lil uliedu għaliex kien jgħid li mhux kapaċi pero' meta mbagħad infetħu l-proċeduri odjerni, beda jgħannaqhom.*

*Tatribwixxi t-tkissir tal-familja tagħhom lill-intimat bl-aktar mod assolut fosthom minħabba l-adulterju tiegħu, l-aspett negattiv u vjolenti tiegħu u n-nuqqas ta' mħabba u karezzi lejn l-ulied.*

*Tallega li l-ispiżerija tagħhom infetħet u kienet mimlija daqs bajda bl-ammont ta' mediċina li l-intimat irnexxielu jisraq mill-ispiżeriji fejn kien jaħdem qabel ma fetaħ għal rasu u li qatt ma nqabad għaliex dak iż-żmien ma kienx hemm sistemi ta' cameras fost oħrajn. Kien jgħidilha biex ma tiftaħ ħalqha ma' ħadd u li jekk xi ħadd jistaqsi, tirrispondi li ma taf b'xejn. Iżżid tgħid li kien anke jixtri xi affarijiet bl-irħis mingħand numru ta' drug addicts u dan kien sors t'inkwiet għaliha speċjalment meta uriha arloġġ u kullana tal-perli li dehru jiswew ħafna flus u li skond hu ġew mingħand tifla t'Imħallef bħala garanzija għall-flus li sellifha biex tixtri d-droga. L-attriċi ma ssemmix min pero' tgħid li lesta tiżvela dan fil-Qorti. Tispjega li tkexxet b'dan kollu u talbitu biex jieqaf b'rispett lejn it-tfal. Tali oġġetti reġgħu ġew ritornati għand il-familja ta' din it-tfajla wara li kellha overdose u skond l-attriċi, l-intimat irnexxielu jingannhom tant li rringrazzjawh talli żamm kollox mistur.*

*Is-serq mill-ispiżeriji u l-kuntatt maċ-ċirku tad-droga waqaf meta nfetħet l-ispiżerija – għalkemm tissuspetta li kwantu għall-kuntatt mad-drug-addicts dan baqa' għaddej tant li kien hemm istanzi fejn żamm il-blokki tal-ħaxixa d-dar u darba qabditu jpejjipha. Tispjega li s-serq kien ingrained ġo fih u li skond hu, kien inqabad jisraq mid-Dolphin Supermarket meta kien għadu miftuħ, mill-Exotique u mit-Toyland b'dan li ġie mwissi biss iżda ma ttieħdux passi kontrih. Minkejja dawn l-episodji, l-attriċi tgħid li kien jirnexxielu joħroġ minn ħwienet b'affarijiet li ma jitwemmnux li seta' joħroġ bihom u jgħaddiha lixxa.*

*Tiddiskrivi l-istil ta' ħajja li kien jgħix l-intimat bħala beyond his means b'dan li kien jixtri jew jisraq dak kollu li jixtieq. Kien ikollhom ħafna ħela anke fl-ikel. L-*

*ammont ta' għodda (latest state of the art and technology) li kien jixtri jew jisraq kien fenomenali. Tgħid li kien jixtri wkoll ħafna teknoloġija li hekk kif beda jippjana li jitlaq mid-dar, ħbihom xi mkien pero' ssostni li dawn huma formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*

*Għalkemm tħoss li dak spjegat hawn fuq huwa bażi għat-tkissir taż-żwieġ tagħhom, fil-verita' l-agħar seħħ wara li nfetħet l-ispiżerija għaliex l-adulterju kien sfaċċat. Il-btala li marru l-partijiet bir-rikavat mill-karozza li rebħet ma kienitx waħda sabiħa għall-attriċi u l-ulied tant li AB baqa' jgħid li ħassrulu l-lucky birthday li nzerta waqt tali btala. Tant kienet esperjenza ħażina li l-attriċi tgħid li l-intimat qagħad ħdejn żewġ tfajliet Franċiżi fuq l-ajruplan u mhux ħdejha jew ħdejn it-tfal.*

*Tgħid li kienet tgħinu fl-ispiżerija pero' għalih kienet ta' xkiel għaliex ried li jkun liberu biex joqgħod jitkellem man-nisa li wħud minnhom kienu jkellmuh fuq affarijiet li mhux normali li wieħed ikellem lill-ispiżjar tiegħu dwarhom u mhux problemi relatati ma' xi mediċina lanqas. Darba fost l-oħrajn niżlet l-ispiżerija u rat lill-intimat fl-ispiżerija waħdu ma' mara – CP li skond l-attriċi kienet il-bidu tat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u l-mara li dewqitu l-adulterju t-thrill tagħha. Mara li peress li tiġi oħt il-gynae tal-istess attriċi (Mr. John Mamo) l-intimat ħass li kellu jafdaha wkoll. Tgħid li baqa' jibni relazzjoni magħha b'dan li kien hemm żmien fejn anke ħarġu bħala familji flimkien. L-attriċi tgħid li ħarġu bħala familji darbtejn u dan għamlitu bi sforz biex tipprova żżomm il-kalma għaliex skond hi l-intenzjoni kienet ċara u ċioe' li tkompli tikber il-kunfidenza ta' bejniethom. Tgħid li ried li t-tifla tibdel l-iskola tal-ballet biex tmur għal-lezzjonijiet għand ħu C u ried li tibda tmur għal-lezzjonijiet ta' privat għand C ukoll iżda oġġezzjonat għax ma riditx li juża t-tifla għall-intenzjonijiet ħżiena ta' moħħu. Tgħid li kien jirrakkonta kif iż-żwieġ ta' din CP ma kienx wieħed feliċi għaliex kien isawwatha r-raġel u li darba sawwatha għax ma sabiex id-dar meta kienet għandu bħala spiżjar – tkaża b'affarijiet li kien ilu jagħmel għal snin. Tirrakonta kif l-intimat żewġha kien jiltaqa' ma' din C kmieni filgħodu wara l-mixja tagħha (ħin li normalment spiżerija ma tkunx miftuħa għax tgħid li kien għall-ħabta tas-6.30am) b'dan li wara li jitlaq żewġha lejn ix-xogħol tagħmel sal-ħin li t-tfal jiġu lura bil-van fl-ispiżerija miegħu biex imbagħad terġa' tmur l-ispiżerija fl-4.00pm bit-tfal b'kollox. Lil uliedhom, meta kienu jinżlu l-ispiżerija kien ikeċċihom 'il fuq iżda lill-ulied C kien jagħmlilhom il-karezzi u jkun ħelu magħhom. Meta l-attriċi kienet tinżel l-ispiżerija bit-tama li din C ma tibqax tmur hemm, l-intimat kien jirvilla u*

*jibda jgħajjarha għaliex tkun telqet C mill-ispiżerija minħabba fiha. Tgħid li l-ongoing gossip kien li l-ispiżjar ta' Pembroke kellu relazzjoni mal-għalliema C tal-Junior 6 b'dan li darba fost l-oħrajn mar jiltaqa' magħha minkejja li kien id-dar mal-familja tiegħu għaliex ma riditx tmur id-dar għand ir-raġel tagħha wara sessjoni li kellha mas-psychologist. Beda wkoll joħroġ waħdu b'dan li darba segwietu u ndunat li mar jiltaqa' ma' din C. Tgħid li żewġha dejjem insista li r-relazzjoni li kellu ma' din C kienet waħda ta' ħbiberija biss iżda hi ssostni li l-messaġġi li rat u l-komunikazzzjonijiet elettroniċi ta' bejniethom kienu juru mod ieħor – fosthom messaġġ li rat fis-6 ta' Settembru 2003 li bgħatet C lil żewġha* **'I am on the roof looking at the stars. Think about what we said today and make love me tonight**'[12]. *Dak il-lejl stess ikkonfrontat lil żewġha fil-preżenza ta' din C (li min-naħa tiegħu infexx jgħajjarha u jkellimha oxxen) u talbitha biex tħalli lil żewġha bi kwietu għax hemm 3 itfal żgħar fin-nofs b'dan li din l-imsemmija C irrispondietha li żewġha kien jgħidilha li r-relazzjoni tiegħu magħha bħala martu kienet ilha li spiċċat. Tgħid li C skużat ruħha pero' dan ma kien xejn ħlief dmugħ tal-kukkudrilli għax baqgħet għaddejja b'dak li kienet qed tagħmel qabel b'dan li anke l-komunikazzjoni ta' bejniethom kienet waħda intima għall-aħħar u kienet tinkludi wkoll aspetti personali u intimi bejn ir-rikorrenti u żewġha li għall-istess rikorrenti kienet offensiva. Minkejja dan kollu r-rikorrenti tgħid li ma riditx li tkisser il-familja pero' wara episodju vjolenti da parti ta' żewġha, rnexxielha taħrab mit-tieqa tal-kċina tad-dar marret tgħid lil żewġha.*

*Tispjega li żewġha prattikament ġiegħla taħdem b'tali mod (bħala tour leader) li prattikament ma tkunx id-dar u dan bħala patt sabiex iħalli l-ħajja li kien qabad. Tgħid li għalkemm ma riditx tagħmel dan, spiċċat għamlet hekk bit-tama li ssalva ż-żwieġ tagħhom iżda fil-verita' dak li ġara kien li żewġha kien idaħħal lil din C id-dar meta żewġha kien ikun għax-xogħol u ntroduċa lill-istess C ma' wliedhom minflok ġab babysitter kif kien qal li ser jagħmel. Tirrakonta li kif induna li binthom kienet kixfet lil missierha bil-fatt li C kienet qed tkun id-dar tagħhom beda jsawwat lit-tifla f'wiċċha u kullimkien tant li għawwġilha n-nuċċali tal-vista u qallha li* '**This is all your fault that am hitting you**'[13]. *Malli waslu d-dar ta xebgħa wkoll lir-rikorrenti, ħarbet u marret id-dar ta' C fejn żewġha qallha biex iżżomm il-problemi tagħhom għaliha. Għalhekk ir-rikorrenti marret il-Millenium Chapel u wara l-għassa ta' San Ġiljan b'dan li l-Pulizija ssuġġeriet li tmur il-polyclinic minħabba t-tbenġil li kellha fuqha u qalulha wkoll li kienu ser jitilgħu*

[12] Ara a fol 214 tal-proċess
[13] Ara a fol 216 tal-proċess

*għalih u li kienu ser jipproteġuha imma kellha tkun hi li tiddeċiedi li tieħu l-*passi. *Żewġha għamel lejl fiċ-ċella tad-Depot. Kienet ħadet ritratti tat-tbenġil li pero' xhur wara żewġha sab u ħassarhom minn fuq il-*computer. *Tgħid li tant kellha tbenġil u gundalli li bl-ebda mod ma setgħet tagħmel it-*tour *li kellha tagħmel u għalhekk talbet* replacement. *Ingħalqet fid-dar ma' wliedha għal madwar 3 ġimgħat għax kienet imfarrka f'kull aspett – psikoloġikament, emozzjonalment u fiżikament.*

*Wara li tkellmet mal-Spettur Tonna biex jew tiffirma ħalli jiġi rilaxxat mid-*Depot *jew jittieħdu l-passi kontrih b'dan li l-massimu li seta' jeħel kienu Lm50, ddeċidiet li* tiffirma *bit-tama li xorta waħda tipprova ssalva ż-żwieġ. Meta wasal id-dar żewġha beda jgħajjarha u joffendiha għaliex kienet daħħlitu f'ċella.*

*Il-familja tiegħu ma kienux japprovaw il-ħajja li kien qabad żewġha u pruvaw ikellmuh biex isalva l-familja tiegħu iżda ma riedx jisma'. Kellmet ukoll lil ħu CP (t-tabib* gynaecologist *Mr. John Mamo) li qal li kien kellem lil oħtu u lill-*intimat *u donnu li r-relazzjoni ta' bejn C* u *l-intimat ma baqgħetx daqshekk soda pero' l-ħsara kienet saret, apparti l-fatt* li *l-intimat kellu wkoll nisa oħra.*

*Tgħid li minn nofs Ġunju 2003 u ċioe' meta bdiet ir-relazzjoni ta' żewġha ma' CP ħadilha ċ-ċwievet kollha tal-ispiżerija u keċċiha 'l barra mill-istess spiżerija biex ikun jista' joqgħod ma' din C bil-kwiet. Kienet xorta tipprova tinżel l-ispiżerija iżda r-reazzjoni ta' żewġha ma kienitx tkun tajba u kien jinsisti li m'għandux bżonnha hemm. Issemmi episodju fejn skond hi żewġha ġiegħla* tiffirma *xi* dokument *tal-Bank biex ikun jista' jieħu* overdraft *ta' Lm10,000 (għalkemm tgħid li fetaħ l-ispiżerija mingħajr djun u b'Lm15,000* cash fil-bank *u li għalhekk ma kellux bżonnhom) u li skond ir-rikorrenti, żewġha kien wiegħdha li jekk* tiffirma *kien ser jieqaf ikellem lil C. Iffirmat pero' qatt ma saret taf x'għamel b'tali flus u lanqas* dwar *l-introjtu mill-ispiżerija. Lanqas* share *mill-*profitti *tal-ispiżerija ma kienet tara u kienu verament ftit id-*drabi *li ta xi* toileteries *minn hemm. L-unika ħaġa li tgħid li kien jagħtiha kienu l-mediċini li kien ikollhom bżonn it-*tfal.

*Ma setgħetx tissaporti aktar u għalhekk fis-sena 2007 iddeċidiet li tissepara.* Talabha tiffirmalu xi dokumenti *mill-Bank* iżda *ma ffirmatx. Tgħid li sabet* evidenza *tal-adulterju tiegħu permezz ta'* condoms li sabet id-dar u fil-karozza *tagħhom apparti xagħar twil aħmar (li la kien tagħha u lanqas ta' binthom AA.*

*Sabet chats ma' mara li tgħix fit-triq tagħhom li juru l-intimita' ta' bejniethom, ma' mara oħra li wkoll kienet miżżewġa u kellu wkoll ħbiberija ma' nisa oħrajn, fosthom single mother li kien joqgħodilha babysitter u ċertu HD li kien anke joħroġ magħha fil-preżenza ta' wliedhom.*

*Tirrakonta episodju ieħor fejn kien vjolenti ħafna minnha tant li hi stess qaltlu biex joqtolha iżda weġibha li dak li ried ma kienx li joqtolha imma li jġibha a mental wreck u jitfagħha Mount Carmel. Tgħid li frażi li kienet tisma' ta' spiss kienet '**Jien mhux lilek irrid imma d-dar u nibqa' sakemm inkissrek u nfarrkek u niħodhielek. Jien lilek ma rridekx, jien mara kaboċċa rrid**'[14]. Tgħid li kien iħossu inferjuri għaliha u din kienet waħda mir-raġunijiet għala kien jipprova jkissirha u jgħidilha li għal mal-Ġermaniżi biss tajba. Tirrakkonta kif l-intimat żammha wkoll finanzjarjament għaliex meta ma kellhiex impjieg ma kienx jagħtiha flus u kien biss permezz tal-proċeduri l-Qorti li beda jgħin finanzjarjament. Kien hemm drabi fejn l-ulied ukoll tawha xi flus mill-karus tagħhom u li pruvaw joħolqu ideat sabiex ikollha xi ftit flus f'idejha.*

*Tgħid ukoll li meta eventwalment tkeċċa mid-dar fuq ordni tal-Qorti, lil uliedhom qallhom li ommhom keċċietu mid-dar u li dak li kien ġara kien kollu tort tagħha (fosthom l-adulterju) anke għax lilu ma kienitx ħadet ħsiebu. Kellu aċċess għal mediċina qawwija u kien qed jieħu concoctions tal-mediċina bl-alcohol. Darba meta ra li martu kien irnexxielha wara 3 ġimgħat biss f'xogħol ġdid iddaħħal proġett għal fondi Leonardo da Vinci tant għir li beda jgħid affarijiet biex jerġġa' jwaqqalha s-self esteem baxx. Innutat li kien taħt l-influwenza tad-droga u l-alcohol u dak inhar prova jagħmel suwiċidju u spiċċa l-ITU. Ma marx l-isptar Mount Carmel għax insista li joħroġ u għandu l-kuntatti. Tgħid li l-file mediku tiegħu ħarġu mill-isptar biex ma jkunx hemm evidenza ta' dan l-episodju b'dan li tgħid li tiftakar tali file id-dar iżda hi wżat moħħha u żammet xi karti relevanti li juru l-abbuż tal-mediċina u l-attentat ta' suwiċidju.*

*Wara dan l-episodju kien hemm żmien qasir fejn deher li l-intimat ried jirranġa b'dan li l-partijiet anke marru btala qasira flimkien iżda r-rikorrenti tgħid li din kienet biss messa in scena għax kellu kollox lest biex idabbar rasu mid-dar b'dan li fi żmien xahar minn tali btala, l-intimat mar jgħix f'appartament il-Qawra li fih kien ħa l-affarijiet kollha ta' valur (u dan kien il-fatt li ġiegħlha tirrealizza li kien ilu jippjana tali mossa). Kien anke hedded lil NDW, il-kuġina tar-rikorrenti b'dan*

[14] Ara a fol 226 tal-proċess.

*li kien ser jitressaq il-Qorti dwar dan iżda r-rikorrenti kkonvinċietha biex ma tinsistix fuq tali proċeduri għax kien hemm il-possibilita' li s-separazzjoni tagħhom tingħalaq bonarjament. Tgħid li minkejja kull sforz da parti tagħha (inkluż li tirranġa d-dar u l-ispiżerija u li ħafritlu reputatament għal dak kollu li għamlilha) ma rnexxilhiex iżżomm il-familja magħquda.*

*Tispjega li hekk kif fetħet il-kawża ta' separazzjoni, l-vendikazzjonijiet da parti ta' żewġha żdiedu b'dan li l-akbar waħda fosthom tibqa' dik li waqt l-aċċess tiegħu jgħawwar lit-tfal kontriha b'mod sottili li t-tfal lanqas biss jindunaw x'inhu jagħmel. Iżżid tgħid li filwaqt li lilha ġiegħlha tagħmel meters tad-dawl u l-ilma għad-dar, hu żamm id-domestic meters għall-ispiżerija li ovvjament hija kummerċjali u mhux residenzjali. Tiddiskrivi lill-intimat bħala raġel bla skrupli li stqarr magħha li fil-Qorti l-kelma tagħha kontra tiegħu u jirbaħ min hu b'saħħtu l-aktar u lil min temmen il-Qorti.*

*Fuq l-ulied ir-rikorrenti tgħid li dawn tilfu t-tfulija tagħhom minħabba l-aġir ta' żewġha u għadhom ibatu l-konsegwenzi ta' din it-trawma. Tgħid li t-tfal kellhom bżonn l-għajnuna professjonali ta' psychologist iżda żewġha dejjem irrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu u dwar dan kellha tirrikorri għall-awtorizazzjoni tal-Qorti permezz ta' diversi rikorsi. Iben il-partijiet AB ħa l-għajnuna għaliex irnexxielu jidħol is-Seminarju bħala special case u l-iskola għamlitha ċara li biex it-tifel jiġi aċċettat, il-ġenituri kellhom jaċċettaw li AB jingħata t-terapija meħtieġa. F'dan ix-xenarju l-intimat kellu jaċċetta u AB beda t-terapija.*

*Issemmi wkoll aspetti relatati mal-aċċess tal-intimat u li skond hi l-ħinijiet li għandu mat-tfal jarhom bħala wisq u bħala xkiel għall-ħajja ta' ġuvni tant li talabha li jerġgħu imorru lura għal kif kienu qabel fis-sens li t-tfal ikunu magħha u jħallasha €935 fix-xahar, jara t-tfal meta jkollu aptit u jħallas għall-ispejjeż tad-dawl, ilma, spejjeż mediċi, tal-edukazzjoni, attivitajiet extra kurrikulari u spejjeż oħra. Tinsisti li dak li jgħid lit-tfal u lill-Qorti (u ċioe' li ma jistax iżomm lit-tfal minħabba x-xogħol) m'hijiex il-verita' imma hu l-mod ta' kif ser jasal għall-pjan tiegħu u ċioe' li jieħu d-dar billi jagħti stampa lill-Qorti li t-tfal ma jriduhiex u li jridu jgħixu miegħu. Tispjega li mbagħad f'Awwissu 2008 infurmaha li AA kienet ser tibda tgħix miegħu b'dan li skond hi, żewġha beda juri interess fit-tfal meta nfetħu l-proċeduri l-Qorti u mhux qabel u qiegħed jilgħab logħba li tissejjaħ parental alienation syndrome b'dan li qiegħed anke 'jixtri' lil uliedu b'affarijiet materjali. Lil AA xtralha debba bl-isem 'Tutz' u jtiha ammont*

*sostanzjali ta' flus biex toħroġ. Imbagħad din id-debba inbiegħet biex ma jurix li għandu minn fejn iħallas manteniment aħjar minn dak li kien hemm stabilit dak iż-żmien.*

*Tgħid li bintha qed tqatta' ħafna ħin mal-maħbuba ta' missierha MV pero' ssostni li peress li missierha għallimha tigdeb, tiċħad li dan hu minnu u tiddiskrivi r-relazzjoni tagħha ma' bintha bħala waħda negattiva tant li fil-ħin tal-aċċess la tintegra magħha u lanqas ma' ħutha s-subien. Ġieli refgħet idejha fuqha (u ċioe' fuq ir-rikorrenti) wkoll filwaqt li tkun bully ma' ħutha wkoll.*

*Ir-rikorrenti tgħid li minn mindu bintha marret tgħix ma' missierha ma saret tkun infurmata b'xejn – lanqas fuq parents' day u li skond żewġha, għandha tkun it-tifla stess li tinfurmaha. Kien għalhekk li mbagħad ir-rikorrenti talbet tali informazzjoni mill-iskola. Tibqa' tinsisti li AA għandha bżonn it-terapija għall-aġir tagħha u tgħid li tixtieq aċċess nhar ta' Tlieta mis-2.00pm sat-8.00pm għalkemm tgħid li lesta terġa' tieħu lit-tifla lura jekk tieħu t-terapija u t-terapista tgħid li tista' terġa' tmur tgħix magħha u ma' ħutha. Tinsisti li meta l-ulied kellmu lill-Onorabbli Imħallef Dr. Joe Azzopardi, kienu jafu x'għandhom jgħidu minn missierhom. Tgħid li anke ħa lit-tfal sabiex jagħmlu rapporti foloz kontra ommhom, liema rapporti mbagħad ġew irtirati.*

*Tgħid li l-aġir tal-intimat versu s-subien u t-tifla hu differenti għaliex filwaqt li per eżempju AB kellu bżonn ħafna għajnuna fil-Malti u kellu bżonn mediċina partikolari (li l-intimat naqas milli jġiblu minkejja li hu spiżjar) u bed jhedded li ser jibgħat lis-subien fi skola tal-Gvern, lit-tifla kien lest li jħallsilha biex tmur tistudja barra minn Malta.*

*Tispjega li filwaqt li l-kuntratt tax-xogħol tagħha huwa wieħed definit u li m'għandhiex il-mezzi biex tħallas għall-iskejjel privati u spejjeż oħra tal-minuri, żewġha għandu introjtu tajjeb mill-ispiżerija li fiha jħaddem in-nies ukoll, jikri appartament fil-Qawra u jħallas ukoll maid. Tispjega li minkejja kollox qed tieħu ħsieb lil uliedha s-subien u tara li ma jonqoshom xejn u tiħodhom għall-appuntamenti kollha neċessarji l-isptar Mater Dei għax żewġha oppona li jmorru privat kif kien isir qabel. Iżżid tgħid li għal uliedha lest li tagħmel kollox barra li tmur titqa**ab kif issuġġerielha żewġha u li għalihom il-bieb dejjem miftuħ u tixtieq li jħossuhom verament maħbubin minkejja dak kollu li għaddew minnu.*

*Tiddikjara li qiegħda l-Qorti għaliex trid tipproteġi lit-tfal mill-ingann ta' missierhom u mill-abbuż tal-monstru żewġha li qed jilbes maskla mal-istess tfal biex ikun jista' jieħu d-dar u ġialadarba jirnexxielu jagħmel hekk, jerġa' jarmi t-tfal. Hu f'dan il-kuntest kollu li r-rikorrenti titlob li tinħatar child psychologist biex it-tfal ma jispiċċawx vittma tad-droga jew agħar.... u tgħid ukoll li żewġha m'huwiex kapaċi jerfa' r-responsabbilita' tal-ulied apparti li għandu '...***dysfunctional u personality disorder, hu suicidal, ħalliel, giddieb, għajjur, għandu rejba kbira għall-flus u affarijiet materjali, mess mad-droga, jabbuża minn dangerous drugs, irresponsabbli fuq xogħolu, kkommetta vjolenza domestika fuq ommhom, ġie arrestat, abbandunahom għal snin twal fit-tfulija tagħhom biex jagħmel ħajja ta' ġuvni'***[15].

*Bħala parti mill-affidavit tagħha r-rikorrenti tagħti wkoll lista tal-assi u d-debiti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti*[16] *u ċioe':*

*Assi*

a) *Id-dar matrimonjali u ċioe' l-fond 186, Triq Francesco Wizzino Pembroke inkluża l-arja tal-front garden u d-drive-in mil-livell tas-saqaf tal-ispiżerija;*
b) *Il-ġnien u l-art anness mad-dar matrimonjali;*
c) *L-għamara u l-effetti kollha mobbli, fixtures u fittings li jinsabu fid-dar matrimonjali;*
d) *'San Giorgio Pharmacy' fi Triq Manwel Buhagiar Pembroke bil-permessi u l-liċenzji relattivi;*
e) *L-għamara u l-effetti kollha mobbli, stock, fixtures u fittings fl-istess 'San Giorgio Pharmacy';*
f) *Bir u garaxx fis-side curtaillage tal-binja preżenti;*
g) *L-avvjament, il-krediti u d-debiti, stock, trademark, stationery konnessa mal-ispiżerija u l-kotba kollha tal-istess spiżerija u tal-kummerċ ġestit minnha;*
h) *Vettura Fun Cargo 'HBD 609';*
i) *Kontijiet bankarji, poloz t'assigurazzjoni, bonds, shares u kwalunkwe investimenti oħra f'isem ir-raġel;*
j) *Kontijiet bankarji, poloz t'assigurazzjoni, bonds, shares u kwalunkwe investimenti oħra f'isem il-mara;*

---

[15] Ara a fol 249 tal-proċess
[16] Ara a fol 249 – 251 tal-proċess

k) *Kontijiet bankarji intestati f'isem iż-żewġ partijiet.*

Debiti

a) *Loan account mal-HSBC Home Loan 16011303 fl-ammont ta' madwar €6,131.00;*
b) *Budget account mal-Bank of Valletta Plc 1660797701 bl-ammont ta' €2,044.50;*
c) *Overdraft mal-HSBC Bank Malta Plc għall-ammont ta' €23,293.73;*
d) *Kontijiet pendenti fuq il-mastercard u l-visa inkluż kontijiet pendenti fuq Visa Classic u Eurocard Mastercard;*
e) *Arretrati dovuti lill-Awtorita' tad-Djar għaċ-ċens fuq l-art li hemm fuq il-fond 186 Triq Fra Francesco Wizzino Pembroke fl-ammont ta' circa €1677.15;*
f) *Self ta' €13,976.24 lis-sinjuri Gauci li joqgħodu Antemma Triq Salvinu Vella Mellieħa;*
g) *Fidi ta' ċens perpetwu ta' €419.29;*
h) *Kontijiet pendenti relatati mas-servizzi ta' dawl u ilma;*
i) *Kontijiet pendenti relatati mas-servizzi ta' telefon;*
j) *Debiti u krediti in konnessjoni mal-ispiżerija San Giorgio Pharmacy.*

*Tippreżenta wkoll estratt mill-abbozz li kienu qed jiddiskutu l-partijiet[17] li l-esponenti umilment tissottometti li dan, apparti li m'għandux jifforma parti minn affidavit, m'huwiex prova ammissibbli stante li dak kollu li jkun qiegħed jiġi diskuss bħala bażi għal separazzjoni bonarja għandu jibqa' mingħajr preġudizzju bejn il-partijiet u konsegwentement tali parti tal-affidavit qed tiġi skartata mill-istess esponenti għal finijiet ta' rakkomandazzjonijiet li ser isiru f'dan l-istess rapport.*

*Tagħlaq l-affidavit tagħha billi tgħid li qed titlob għall-kura u l-kustodja tas-subien minħabba l-bsaten fir-roti li ilu jagħmel żewġha sabiex ċertu deċiżjonijiet ikunu jistgħu jittieħdu mingħajr il-pika ta' żewġha u ma jbatux l-istess ulied bħal ma ġara fil-passat.*

*Fil-mori tal-istess kawża imbagħad ir-rikorrenti tippreżenta affidavit ieħor[18]*

[17] Ara a fol 252 – 256 tal-proċess.
[18] Liema affidavit hu esebit a fol 1659 tal-proċess.

*(formanti parti minn rikors) li permezz tiegħu tagħti update minn Jannar 2009 sa' Mejju 2010. Tippreżenta ritratt li allegatament hu ta' Marec Velgvic (pero' wiċċha ma jidhirx)[19] u li r-rikorrenti tallega li żewġha għandu relazzjoni magħha u li l-istess mara qed tieħu ħsieb lill-minuri AA meta ma tkunx fl-appartament ta' missierha. Issemmi li f'Ottubru 2009 rat il-vettura tal-intimat ipparkjata fil-viċinanza fejn tgħix din l-istess mara (liema mara tgħix ukoll biss madwar 5 minuti bogħod mid-dar matrimonjali. Tgħid li f'Novembru 2009 rat lil żewġha liebes ħwejjeġ ta' ġewwa fil-preżenza ta' din l-istess mara u r-reazzjoni tiegħu kienet li nħasad. Tgħid ukoll li s-subien dehru maħsuda u li għalhekk għaliha din kienet indikazzjoni li ma kienux jafu bl-eżistenza ta' din il-mara f'ħajjet missierhom. Tirrakkonta kif skond hi din il-mara anke raqdet fl-appartament ta' żewġha lejliet il-Milied. Issostni wkoll li bintha AA gidbet meta qaltilha li tali mara hija l-maid fl-okkażżjoni li r-rikorrenti tgħid li ratha fil-gallarija residenza tal-intimat. Issemmi ġranet oħra fejn anke l-wild AC kien fil-preżenza ta' din il-mara tant li anke ħareġ għall-iskola mingħandha u tippreżenta ritratti[20] li juru l-karozza tal-intimat ipparkjata quddiem ir-residenza ta' din l-istess mara. Filwaqt li tagħti dettalji oħra li prattikament jagħtu stampa li r-rikorrenti kienet qed issegwi lil żewġha b'mod viġilanti bħal li kieku hi xi forma ta' private investigator tagħlaq billi tgħid li jirriżultalha li żewġha mhux qed jieħu ħsieb lit-tfal iżda qed jafdhom ma' persuna oħra li magħha għandu relazzjoni u li qed juża d-dar matrimonjali biss għall-użu personali tiegħu u mhux ta' wliedu b'dan li qed jissostitwixxi wkoll il-preżenza tal-omm fil-ħajja ta' wliedu bl-aħħar maħbuba tiegħu.*

## ***11. Ix-xhieda tal-Intimat***

*L-esponenti tirrileva li l-intimat preżenta b'kollox 3 affidavits. Permezz tal-ewwel affidavit tiegħu l-intimat jibda billi jispjega li oriġinarjament kien ser jakkwista il-plot numru 186 ġewwa l-Pembroke mal-ex tfajla tiegħu – certu JS. Dawn ħassru u ċedietlu sehemha minn tali plot. Iltaqa' mal-attriċi u dan kien fl-istess żmien li l-Awtorita` tad-Djar kienu f'posizzjoni biex jagħmlu l-kuntratt fuq l-art. Fi kliem l-istess intimat:*

***"Dak iż-żmien jien kont it-tielet sena l-universita' għal spiżjar u hi daħlet il-missierha biex mingħaliha jgħini fuq il-kuntratt tal-Housing, imma daħqu bija.***

[19] Ara Dok. B esebit a fol 1663 tal-proċess
[20] Ara Dok. F sa' Dok. I esebiti a fol 1665 sa' 1667

***Jien stajt niffirma għall-art waħdi u dan ikonfermahuli is-sur Victor Sciberras Grioli tal-Housing Authority. Dak iż-żmien kont żgħir wisq biex jien ninduna b'dan il-qerq u nieħu deċiżjoni wahdi. Dan sirt nafu meta bdiet is-separazzjoni. Hekk il-mara iggwadanjat nofs plot 186 qabel iż-żwieġ*".**

*L-intimat jgħid li waqt l-għerusija l-attriċi kienet qalbhitielu ma' ċertu M kollega li kien jaħdem l-MDC, u dan bl-ammissjoni tagħha stess. Dejjem skont ma jgħid l-intimat, ried iħassar iżda l-attriċi baqgħet sakemm ikkonvinċietu biex jibqgħu flimkien. Jgħid li bdew bil-problemi mill-bidu nett u minn qari tal-affidavit tiegħu, l-intimat ma sab xejn pożittiv xi jgħid fuq dan iż-żwieġ għaliex fi kliemu stess:*

"***Fl-ewwel sena taż-żwieġ konna niġġiedlu kontinwament għax hija mara possesiva u għajjura u min dejjem kienet taħseb ħażin fuq l-inqas ħaġa. Dan ħareġ meta bdejna ngħixu flimkien. Qbatha diversi drabi ixxomm il-ħwejjeġ tax-xogħol tiegħi għal xi fwieħa ta' xi mara oħra. Kienet ossessjonata li hemm mara oħra u kienet iġagħalni inħossni li ma inhix fdat*".**

*Mat-twelid tal-ewwel wild - AA ikkalmaw ftit l-affarijiet iżda skont l-intimat bdew fissazzjonijiet oħra:*

"***bħal li biex tbiddel in-nappy ta' din it-tifla kienet tispiċċa tieħu siegħa u tisloħħa. Il-breast feeding kien jgħamillha ħafna stress u kienet tiżvoga fuqi. Il-mara kienet għaddejja minn post natal depression u sfortunatament qatt ma ħadet kura għaliha għax ma amettitx li għandha bżonn għajnuna. Kienet tagħmel kollox bi kbir u ikkumplikat. Jien kont nieħu gost ninvolvi ruħi fit-trobbija tat-tfal meta kienet tħallini, xorta qatt ma kien biżżejjed għaliha*".**

*Jispjega wkoll li fit-tqala tat-tieni wild -AB, tfaċċaw problemi fil-kliewi tat-tarbija u kellu jiġi operat ġimgħat wara t-twelid. Jgħid li għalkemm għamel milli seta' biex ikun ta' sostenn, xorta tat it-tort lilu. Fortunatament kollox mar sew u t-tifel jgħix ħajja normali. Mat-twelid tat-tielet wild AC kien hemm ħafna tensjoni fid-dar. Jispjea li bdiet terfa' jdejha fuq it-tfal għal kull ħaġa ta' xejn u f'dan is-sens jesebixxi Dok. 'E'. Jgħid ukoll li dejjem għamel il-parti tiegħu billi anke kien jgħin kemm jista' fil-faċendi tad-dar.*

***"Hi ma kienitx taf issajjar u kienet tiddejjaq. Billi jien naf insajjar ħafna kont nispiċċa ngħamel anki it-tisjir jien, meta hi ma kienitx taħdem. Kont nagħmel***

***ħafna affarijiet oħra**.*"

*Jkompli biex jgħid li filwaqt li meta kien ikun xogħol, l-attriċi kienet tieħu ħsieb lit-tfal, apparti dan ma kienet tagħmel xejn iktar u ħafna drabi kif jidħol mix-xogħol kien ikollu jagħmel il-faċendi waħdu. Imma jagħmel x'jagħmel qatt ma jirnexxielu jikkuntentaha: "**Sa ħaddtha għand Dr. Anton Grech minħabba il-post natal depression, imma kollu kien ta' xejn għax hi irrifjutat li tieħu il medicina**"* u *"**It-tensioni kienet kbira għax hi kienet dejjem tgħid li it-tfal ħassrulha ħajjitha għax hi telqet karriera ta' general manager biex toqgħod tbiddel il-ħrieqi. Meta konna niġġieldu kienet dejjem tibgħatni l-barra u tgħidli, "Jekk ma jogħġbokx mur sib mara oħra ħa naraw tissaportikx".***

*L-intimat jiddeskrivi lili innifsu bħala bniedem kalm iżda xorta jgħid li l-attriċi tgħajjru "**XKORA NERVI**'' jew biex imur isib mara oħra jekk kien imdejjaq.*

*"**Minħabba l-karatru tal-mara konna spiċċajna bla ħbieb. Lanqas ħbiberija ma kienet kapaċi iżżomm**".*

*L-intimat isemmi lista t'affarijiet u xogħolijiet li kien ħa ħsieb għat-*tlestija tal-*post. Fi kliemu stess jgħid:*

*"**Il-bini tad-dar kont ħadt ħsiebu kollu waħdi, u kont għamilt ħafna xogħol waħdi bħal tħaffir tal-kanali tal-alarm, eletriku u ilma fil-ġebel, id-dranaġ, it-tikħil tad-dar minn ġewwa, iż-żebgħa tad-dar minn ġewwa u barra, u ħafna affarijiet oħra. Il-mara kienet tiġi bħal inspector u tiġi tikkritika kull ħaġa li ma togħoġobiex. Eżempju meta ma għoġbuwiex il-geezers ġol-*bathrooms*, u kelli naqlagħhom u nwaħħalom fix-xaft u inbiddel id-dħul u il-ħruġ tal-*ilma *u l-elettriku u tibdil ta' madum li kelli inkisser biex nagħmel dan. Kien hemm diversi affarijiet bħal dawn li għaliha kien faċli li tordna imma qatt ma ħasbet fija u mxiet mod ieħor biex tagħmilli ħajti naqra faċli. Jien għamilt ħafna xogħol fid-*dar *biex niffranka il-flus**".*

*Imbagħad jispjega li ġih iċ-ċans li jiftaħ l-ispiżerija wara li kien ilu jistenna l-*permess xi 10 snin. *L-intimat jgħid li l-affarijiet bejniethom xorta baqgħu ħżiena għax issa kellu ħafna iktar impenji minħabba x-xogħol u ma kienx qed ilaħħaq ma' dak li kien jirnexxielu jagħmel qabel id-*dar.

"***Jien ħdimt l-għamara, is-suffetti, id-diviżorji tal-ġibs, id-dwal, kollu tal-ispiżerija u il-kliniċi b'idejja waħdi ħalli niffranka il-flus, u hi minflok tgħini kienet iġġennini nismagħha twerżaq u tgħajjat mat-tfal minn isfel fejn kienet ġejja l-ispiżerija. Għamilt għaxar xhur naħdem ma' Pharma-Cos bħala Medical Rep u wara nagħmel part-time ġo spiżeriji għal esperjenza u wara naħdem l-għamara. Meta ftaħt l-ispiżerija il-mara bdiet tgħir għal kull mara li tidħol, b'mod li jien qatt ma stajt nobsor. Ovvjament fi spiżerija iktar jidħlu nisa milli irġiel. Bdew isiru vendikazzjonijiet fuqi, tant kemm bdiet tgħir. Darba niżlet ġol-ispiżerija u qalbitli l-istand tal- make-up tar-Rimmel mal-art u kissritha. Darba oħra bdiet issabbat il-shampoos mal-art ħalli il-klijenti ma jidħlux għax inkella jiżolqu - kelli innaddfu jien. Darba oħra filgħodu, tefagħtli mill-gallarija għal isfel quddiem l-ispiżerija il-ħwejjeġ kollha tiegħi u għenitni il-physioterapista niġhborhom b'misthija kbira għalija. Darba oħra bdiet titfa' ukoll mill-gallarija fliexken tal-alcohol, xi għoxrin wieħed, quddiem l-ispiżerija u it-tabib Victor Grech kien ġej il-klinika xi siegħa wara. Dan kelli innaddfu malajr bit-tama li ma titfa' xejn fuqi. Dawn il-vendikazzjonijiet qatt ma waqfu u l-umiljazzjoni kienet kbira ħafna għax hi kienet tgħid ix-xogħol sar iktar importanti minnha. Kienet tirreferi għall-ispiżerija il-"whore house***".

*Mal-ftuħ l-ispiżerija l-intimat jispjega kif kollox mar għall-agħar. Marru għal family therapy għand Ms. Lina Thake, Mr Charles Azzopardi, Mr Charles Cassar, Fr Paul Galea ta' Ta Kana anki għand il-Psikjatra Dr Peter Muscat.*

*L-attriċi bdiet taħdem bħala tour leader barra minn Malta u għalhekk l-intimat jispjega li kellu jlaħħaq ma' kollox fid-dar. L-affarijiet komplew jaggravaw b'dan li anke kienet daħħlet ċertu bruda bejniethom għax skond l-istess intimat, martu ma riditx ikollha x'taqsam miegħu sesswalment.*

*Lanqas meta kellu inċident stradali ma kienet ta' support għalih għaliex iffissat li pprova jikkometti suwiċidju. Jispjega li veru kien imdejjaq imma jiċħad li kellu ħsiebijiet li jneħħi ħajtu b'idejh. Biex juri kemm prova xorta waħda jsalva ż-żwieġ, l-intimat ikompli jgħid li:*

"***Ippruvajt nerġa nipprova insalva iż-żwieġ wara dak li ġrali u mort nitkellem ma' Dun Victor Grech. Wara diversi seduti u Dun Victor kellem lilha, Dun Victor kien tagħni il-parir li l-unika triq li kien fadal kienet dik tas-separazzjoni. Dan il-parir kienu tagħuli wkoll Dr. Peter Muscat, u il-family councillors Mrs.***

***Lina Thake u Mr. Charles Azzopardi**".*

*Skont l-intimat, l-attriċi waħħlet fit-tfal u kienet tgħajjarhom li irrovinawlha ħajjitha u l-possibilita` ta' karriera.*

*"**Dan kienet tgħidu bl-għajjat f'wiċċ it-tfal u jien kont naqbeż u niddefendi it-tfal billi nieħu it-tfal min idejha u hi kienet tmur tiġri tgħamel rapport taparsi sawwatha. Dan kien falz u pjan biex tiżgumbrani mid-dar billi tidħaq bil-puluzija u bis-sistema ġudizjarja**".*

*L-initmat jirreferi għall-attriċi bħala narċissista.*

*"**Il-komunikazzjoni bejnietna kienet diżastru, il-ħajja sesswali wkoll u l-imħabba lejha kienet qet toqtolili ftit ftit. Jien irrejalizzajt li iż-żwieġ kien spiċċa**."*

Fuq il-ħajja intima tagħhom l-intimat jkompli jgħid:

*"**Kienet tuża anke s-sess bħala arma u meta darba għidtilha li hemm problema fil-ħajja seswalli irvellat u qabdet tagħti bil-ponn u li ġie f'ideja u twerżaq u tipprova tweġġani fil-parti tiegħi għax hi ħaditha li jien kont qed ngħidilha li ma kienitx tajba fis-sodda. Fis-sess kien hemm problemi serji għax matul iż-żwieġ speċjalment minn meta bdiet issiefer hi kienet tkun trid affarijiet strambi fis-sess. Jien ma kontx naf u dan ikkonfermajthom min ritratti li sibt fuq il-computer**".*

Jgħid li bdew l-allegazzjonijiet da parti tal-attriċi li kien qed ikollu relazzjoni ma' mara oħra iżda jiċħad dan – anzi jżid jgħid li kienet l-attriċi stess li kienet infidila lejh għax kellha relazzjoni ma' NB1. Jgħid li skopra dan:

*"**għax ġie il-mobile f'idejja u ħaddt nota tal-sms's u meta urejtha li naf hi qaltli li kien kollu minħabba fija għax jien, skont hi, kelli relazzjoni ma' mara oħra li fil-fatt qatt ma eżistiet. Hi kienet tmur torqod għand NB1 daqqa ġo dar ġewwa il-Ħamrun jew ġo dar 20, Misraħ is-Sliem Zabbar normalment fil-weekend meta ma jkollhiex it-tfal. Mr NB1 kien anka fetaħ kont mal BOV fuq ismu (40016883970) u appunta li A B bħala attorney fuq dan il kont bil-pjan li jiftħu klinika għat-tobba**.*

***Kellha ħbiberija oħra ma' ċertu S li tagħha diversi ħwejjeġ intimi u card li tgħid li jħobbha.***

***Il-ħajja sesswali kienet ilha li spiċċat għax jien kont ili ma norqod magħha fl-istess sodda għal aktar minn tmintax il-xahar. Kont norqod isfel fuq is-sufan***".

*F'dak il-punt l-intimat jgħid li iddeċieda biex jitlaq mid-dar matrimonjali u dan speċjalment biex it-tfal ma jkomplux jgħixu f'dak l-ambjent.*

"***Il-vjolenza tal-mara kien dejjem qed jiżdiet, kemm fuqi kif ukoll fuq it-tfal. Ara Dokument E. Jien sa kont infurmajtha b'ittra miktuba min l-Avukat Dr. Leslie Cuschieri li, il-ħajja fid-dar kienet saret insopportabbli***".

*Jgħid li l-attriċi għamlet diversi rapport foloz kontrih.*

*Jgħid li kull ma ħa miegħu meta allontana ruħu mid-dar matrimonjali kienu l-affarijiet personali tiegħu.*

*F'Novembru 2008 it-tifla, AA, li dak iż-żmien kellha 14-il sena għazlet waħeda li tmur tgħix miegħu wara li ommha (l-attriċi) tatha:*

"***daqqa ta' ponn f'nofs wiċċha fuq imneħirha u weġgħatha, apparti li awġet in-nuċċali, f'wiċċha. Ara Document E. Wara digriet tal-Qorti is-subien spiċċaw miegħi ukoll għal erbat iljieli fil-ġimgħa. Il-problema kienet l-omm għax is-subien ma kienux iridu jmorru magħha il-kumplament tal-ġimgħa. Jien indunajt li xorta baqgħat issawwat it-tfal u avżajtha biex tieqaf imma din ma waqfitx. Għalhekk kelli nirrapurtaha u ħadt passi u il-Qorti aċċettat li tkellem it-tfal***".

F'April 2010 l-attriċi ġiet żgumbrata mid-dar matrimonjali sabiex jidħlu l-intimat u t-tfal fid-dar u tali aħbar ma niżlitx tajjeb mal-istess attriċi għaliex ħaditha anki kontra lit-tfal. Fi kliem l-istess intimat:

"***u mill-ispiżerija smajtha tgħid li "dawk ma humiex it-tfal tiegħi aktar". Hi ma kenitx tiġi tiġbor it-tfal fil-ħin tal-aċċess tagħha għal aktar min 10 xhur. Mid-dar hi ħadet kollox u ħallietha inabitabbli kif juru ir-ritratti u il-faxxiklu A ta'***

***Vincent Ciliberti li jiena qabbaddtu biex jagħmel rapport dwar kif hi ħallietli id-dar. Jien spiċċajt kelli nerġa' narma id-dar mill-ġdid ħalli nkun nista' inrabbi it-tfal. Sa qalgħat l-air conditioners, l-għamara kważi kollha u anka in-nettijiet tan-nemus u dan meta hi kienet taf li jiena kont dieħel bit-tlett itfal zgħar. Ħaġa disturbanti kienet l-ingassa li ħallietha mdendla eżatt eżatt fuq id-doll house ta' AA (hemm ir-ritratti ta' din fil-faxxiklu A ta' Vincent Ciliberti).***

***Qabel ma telqet mid-dar jidher ċar mir-ritratti ta Ciliberti Faxxiklu A li il-wire tad-dawl ġie maqtuh u tħalla jmiss kemm ikun hemm id-dawl. Ir-rapport ta Engineering Consultancy Services Faxiklu B juri li dan seta' jikkawża xi nar jew xokk b'konsegwenzi fatali. Dan għamlitu anka meta hi kienet taf li ħa jkun hemm tlett tfal żgħar***".

*L-intimat jispjega fid-dettall is-sagrifiċċji li għamel u kif waħdu irnexxielu jrabbi tlett itfal bil-għaqal, li issa qiegħdin jistudjaw, u jgħixu ħajja kuntenti miegħu u dan nonostante dak kollu li ppruvat tagħmel l-attriċi biex turi li kien missier ħażin. Jispjega pero' li min-naħa tagħha naqqset milli tagħmel l-istess ma' uliedha għax*

"***ma kienitx tiġi tiġborhom ħalli tqatta' xi ħin magħhom. Kienet u għadha togħġobha il-ħajja ta' mara single***"… u jżid jgħid li "***għall-istudju kollu, ikel u saħħa tat-tfal kollha dejjem ħallast waħdi. Marti qatt ma ħalllset xejn għalkemm dejjem ħadmet***".

*Sab salesgirl bħala casual worker part time għax ma setax jimpjega lil xiħadd fuq bażi full time u hekk kien ikollu ftit flessibilita` biex ilaħħaq kemm mat-tfal/mad-dar u max-xogħol. Minkejja dan kollu, l-attriċi ottjeniet digriet ta' manteniment ta' €350 kull erba' ġimgħat – u dan minkejja li kienet taħdem. Jispjega li naturalment dan kellu impatt negattiv fuqu finanzjarjament. Barra minn hekk jgħid li l-attriċi għamlet rapport ma' tas-Sanita' fuq taraġ li kien jinfed mill-ispiżerija għad-dar. Fi kliemu stess:*

"***Dan kien veru u kien komdu ħafna għalija għax kont nitla' u nittawal it-tfal. Dan it-taraġ dejjem kien hemm. Sirt naf li għas-sanita ma nistax inħallieh u għalhekk kelli inkissru u biex nittawwal it-tfal filgħaxija jien kien ikolli indur mal-block xi sitt darbiet kuljum. Kienet vendikazjoni bla sens għax it-tfal batew għax kienu jinżlu ħdejja meta jiddejqu, u ma kienx hemm periklu għax ġo fih***

***kien hemm shutter tal-ħadid li jien kont insakkar minħabba il-mediċini*”.**

*Jsemmi wkoll li l-attriċi għamlitlu rapport kien qed jisraq id-dawl u l-ilma u ġew żewġ enġiniera tal-Enemalta, Mr Joe Darmanin u Mr Francis Spiteri, u spetturi tal-water works u Pulizija ġol-ispizerija. Jispjega li meta ġew dawn in-nies kollha l-ispiżerija kienet miftuħa u kollox sar quddiem in-nies / klijenti – imma kollox kien in regola tant li talbuħ skuża tal-iskomdu.*

*Ikompli jgħid li l-attriċi martu abbandunat lit-tal tagħha għaliex fi kliemu stess:*

***"Għalkemm hi iġġieldet għall-kura u kustodja konġunta dan ma sewa għal xejn għax hi ma involvitx ruħha fit-trobbija tat-tfal. L-anqas kienet tirrispetta il-ġranet tal-aċċess mat-tfal għax qalet li għanda x'tagħmel. Wara sirt naf li hi tmur l-Universita' tistudja il- crochet u knitting u ħin għat-tfal ma għandiex*".**

*Jgħid li biex jagħti l-massimu tiegħu lejn it-tfal u x-xogħol baqa' waħdu u jiċħad li qatt kellu relazzjoni ma xi ħadd ieħor.*

***"Jiena ma għandi ebda relazzjoni għalkemm marti ippruvat għal xejn tpinġini bħala xi wieħed li inħobb niġri ma' dik u mal-oħra. Hi insinwat affarijiet fuqi u fuq nisa oħra li huma tal-affari tagħhom*".**

*Fuq l-ispiżerija l-intimat jgħid li martu tipprova tpinġiha bħala "***xi minjiera – jekk wieħed jiġi u jara jinduna li hi spiżerija modesta. L-ispiżerija ilha miftuħa 12 -il sena u il-klientela rawwimtha kollha waħdi bid-dedikazjoni li għandi lejn xogħoli, u il-professjoni tiegħi. Minħabba in-negattivita' tal-mara qabel ma ftaħt l-ispiżerja hi ippruvat tikkonvinċini biex inbiegħ il-permess. Imma jien ma ridtx. Jien qatt ma sibt spalla fuq x'hiex inserraħ. Kellna diversi opportunitajiet biex intejbu ħajjitna bħal per eżempju nemigraw lejn l-Awstralja fejn jien kont mort hemm ħalli wara vera immorru u ippreparajt il-karti kollha imma hi fl-aħħar beżgħat u ma morniex; anke konna ser nixtru spiżerija is-Siggiewi, illum il-Menelo li dak iż-żmien jien kont naħdem man-nies, u irrifjutat li tiffirmali għall-loan mill-Bank. Issuġġerejtilha li tiftaħ travel agency għax hi kienet għada kemm ġabet il-AITA diploma. Sfortunatament hi ma kienitx tagħti każ tal-inkoraġġament tiegħi u dejjem beżgħat tieħu deċiżjoni.***

***Il-mara ma għenitni mill-ebda aspett biex rawwimt l-ispiżerija. Fil-bidu kienet***

***ġiet tgħini mingħalija imma sirt naf ftit wara li kienet tiġi biex toqgħod għassa tiegħi minħabba l-għira li kellha għan-nisa li jidħlu jixtru.***

***A qatt ma kienet omm dedikata u mara li kapaċi iżżomm familja magħquda. Jien kont li kabbart u edukajt it-tfal waħdi, u żammejthom magħqudin bħala familja***".

*Jikkonkludi l-affidavit billi jagħmel is-segwenti kalkoli u proposti finanzjari:*

***Assi***

*Stima tal-perit Tancred Mifsud*

| | |
|---|---|
| *Spiżerija* | *€280,000.00 +* |
| *Avvjament* | *€ 89,000.00*[21] |
| *Garaxx* | *€ 35,000.00* |
| *Stock* | *€ 60,000.00*[22] |
| *Dar* | *€395,000.00* |
| ***Total Assi*** | ***€859,000.00*** |

***Debiti***

| | |
|---|---|
| *Overdraft* | *€23,300.00* |
| *Lands* | *€ 8,600.00* |
| *Kredituri pendenti* | *€20,000.00* |
| ***Total debiti*** | ***€ 51,900.00*** |

*Għalhekk jekk wieħed jaqbad il-valur tal-assi u jnaqqas id-debiti wieħed jasal għas-segwenti:*

| | |
|---|---|
| *Assi* | *€859,000.00 -* |
| *Debiti* | *€51,900.00* |
| *Total* | *€807,100.00* |

---

[21] L-intimat jispjega li l-proprjeta u l-avvjament ġew ikkalkulati u stmati mill- Perit Tancred Mifsud appuntat mill-Qorti u ġiet preżentata fi Frar 2012 (Ara Dokument D). Is-sur Joe Grima li għamel l-istima dwar l-avvjament tal-ispiżerija għandu aktar minn 12 -il spiżerija kif jirriżulta mix-xhieda tiegħu tal-20 ta' Frar 2017;

[22] L-intimat jiċċara li tali *Stock* ġie ikkonfermat minn audits mitluba mill-attriċi A B b'rikors datat Jannar 2011 u sar min Crowe Horwath u iffirmat min John Abela – imqabbda minn marti stess) – ara Dokument C.

*It-total diviż fi tnejn jwassal għall-ammont li kull parti hi intitolata għalih u ċioe' l-ammont ta'* ***€403,550.00.***

*Jispjega li l-attriċi qatt ma ħallset manteniment u għalhekk jekk jiġi kkalkulat il-minimu sat-2016 u manteniment minimu ta' €200.00 għal kull wild mid-data li l-istess attriċi ġiet żgumbrata u il-Qorti waqfitilha il-manteniment għat tfal jirriżulta hekk. It-tfal huma it-tlieta taħt it-23 sena u għadhom kollha jistudjaw.*

*2010 - 2016 = 6 snin*

*3 itfal X €200.00 kull xahar €600.00, mela kull sena jiġi €7,200.00 fis sena għat-tlett itfal*

*Għal 6 snin il-manteniment li hi qatt ma ħallset xejn avolja kienet taħdem hu ta' €7,200.00 X 6 = €43,200.00*

*Għalhekk l-intimat isostni li t-total ta' manteniment minimu li qatt ma ħallset l-attriċi jammonta għal €43,200.00, liema manteniment jinkludi l-ikel, nofs is-saħħa, tobba, mediċini, dentisitrija, nofs edukazzjoni, privatijiet, trasport, uniformijiet, kotba u apparat tal-informatika u attivitajiet extra-kurrikulari iżda ma jinkludix id-dawl, ilma, gass, ħwejjeġ, cable, television, television, internet, mobiles, insurances, manutenzjoni tal-karozza għall-ġiri u twassil tat-tfal, petrol, rigali, ħrug tat-tfal etc...*

*Hemm wkoll l-ispiża tat-tifla il-kbira li qattgħet sentejn l-Ungerija tistudja għal veterinarja li minħabba raġunijiet personali hi waqfet wara sentejn u ma komplietx il-kors. Dawn jammontaw għal €40,000.00 li jaqgħu taħt id-debiti. Għalhekk il-mara suppost kellha tħallas in-nofs li hu ta €20,000.00*

*Iżid jgħid li l-attriċi allavolja kienet taħdem, bil-qerq irnexxielha mhux talli ma tagħtix manteniment għat-tfal imma saħansitra tieħu €350.00 kull erbgħa ġimgħat (u dan b-digiet ta' Novembru 2011) għal ħames snin. Fl-aħħar sentejn hi kienet bidlet ix-xogħol u laħqet manager mal-Malta Enterprise u sal-lum ma tikontribwixi għal xejn għat-trobija tat-tfal. Dan ġie manteniment b'total ta'* ***€23,000.00*** *mħallas minnu inġustament lil martu.*

*Iżid jgħid li sa' minn Jannar 2015 sa' Awwissu 2016 l-attriċi kellha paga ta' €27,600.00 fis-sena iżda ma tkellmet xejn u baqgħet tieħu il-manteniment fl-ammont ta' €350 kull erbgħa ġimgħat u dan meta kien hu li kien qed iħallas kollox għall-ulied.*

*Għalhekk isostni li s-sehem tal-mara għandu jiġi mnaqqas bl-ammont li jirrappreżenta l-manteniment li qatt ma ħallset u ċioe' bil-mod segwenti:*

| | |
|---|---|
| *Sehem tal-mara* | *€403,550.00 -* |
| *Manteniment dovut* | *€43,200.00 –* |
| *Spejjeż universita fl-Ungerija* | *€20,000.00* |
| ***Total*** | ***€340,35.00*** |

*Jiddikjara li għandu introjtu ta' cirka €31,900.00 netti fis-sena ekwivalenti għal €2,658.00 fix-xahar li minnhom irid iħallas kollox kollox għat-tfal u ma jifdalli xejn xi infaddal.*

*Jissuġġerixxi l-qasma segwenti li skond hu hi pjuttost favorevoli għall-attriċi):*

*(1) Id-dar matrimonjali li għandha valur ta' €395,000.00 tiġi assenjata lill-attriċi;*
*(2) L-ispiżerija, l-stock u l-garaxx jiġu assenjati lill-intimat*

*Jiddikjara li hemm il-kont tal-Lands Department li jammonta għal €8,600.00 u li ser ikompli jerfa' r-resposabbilita' tat-trobija tat-tfal li tinkludi il-piż ekonomiku kollha li jivvaluta għal aktar min €43,000.00.*

*Jikkontendi li għandu wkoll jieħu lura l-manteniment li ħallas inġustament meta l-attriċi kienet taħdem u talqa' €27,600.00 fis-sena.*

*Jgħid ukoll li l-attriċi martu qed tippretendi s-somma ta' €1,800,000.00. Dan ifisser li hi qed tistma l-ġid tal-komunjoni fl-ammont ta' €3,600,000.00 – ċifra li l-intimat jiddiskrivi bħala inkredibbli li ma jafx kif waslet għaliha. Jiddikjara li hu lest li jagħtiha kollox (apparti t-tfal) għall-istess ammont ta' €1,800,00.00 li talbet hi.*

*Jgħid li meta l-wild AC jgħalaq 23 sena jkun lest li hu u t-tfal joħorġu mid-dar u*

*jispjega li qed jissuġġerixxi hekk għaliex se jkun bla residenza u jħoss li mhux sew fuq it-tfal li jmorru jgħixu x'imkien ieħor iżghar u ma jibqgħux jgħixu fid-dar matrimonjali meta huma għażlu li jibqgħu jistudjaw. Iżid jgħid li wara dak kollu li għaddew minnu t-tfal ma jkunx sew li jiġu sfrattati issa għax huma żgur m'għandhomx ħtija. Jiddikjara li x-xewqa tal-ulied hi li jibqa' hu l-ġenitur li jieħu ħsiebhom u jipprovdilhom u jżid jgħid li għadu sal-lum jgħinhom finanzarjament u jgħinhom fi spejjeż anke bħal insurance tal-karozza, manutenzjoni tal-karozzi, computers, u jħallas l-edukazzjoni u is-saħħa kollha. Iżid jgħid li l-attriċi martu għandha tkun ordnata tħallas manteniment għat-tfal sakemm jagħlqu 23 sena la darba jkunu għadhom qed jistudjaw kif kienu dak iż-żmien tal-istess imsemmi affidavit.*

*Sussegwentement, l-intimat ippreżenta Affidavit ieħor li permezz tiegħu jixhed li martu apparti li kienet tinnotifikah l-ispiżerija quddiem il-klijenti tiegħu kellha diversi nuqqasijiet vis-à-vis ulliedha stess u jagħti eżempji li ġraw lit-tifel AB u lit-tifla AA. Jgħid li AB tant kien imdejjaq jgħix m'ommu li kien qal li jippreferi jmut milli jgħix sena oħra magħha għax ma felaħx iktar l-attitudni ħażina t' ommu. Jiċħad ir-raġunijet li ssemmi l-attriċi fuq għalfejn AB daħal is-seminarju, u jikkwalifika dan billi jgħid li:*

***"…AB daħal is-Seminarju għax meta ġie eżaminat minn Dr. Daniela Mercieca hu wera intelliġenza superjuri, (IQ ta' 17 il-sena meta hu għandu 12 il-sena) Doc A. u l-iskola li kien fiha St Michael Foundation kienet qed titfgħu lura".***

*Jiċħad l-allegazzjonijiet tal-attriċi li t-tifel ra vjolenza u jagħmel referenza għall-file li hemm l-Aġenzija Appoġġ – (Patrick Harvey). Jiċħad ukoll dak li tgħid martu fuq il-kif u come t-tifel daħal is-seminarju u jagħmel referenza għal-laqgħa li kellu ma' Ms Carmen Delicata fis-17 ta' Frar.*

*Għalkemm kien aċċenna għal dan fl-ewwel affidavit tiegħu, l-intimat jagħti r-raġunijiet tiegħu għalfejn telaq mid-dar u li dan għamlu wara ittra mibgħuta minn Dr. Leslie Cuschieri, Doc B. Jispjega li telaq minħabba "**abbuż kbir mentali u fiżiku li marti wettqet fuqi**". Ħaġa li skont hu xorta baqgħet tagħmel anki wara li telaq mid-dar u dan permezz ta' "**xenati quddiem il-klijenti biex tipprova tħammiġni u dan apparti mit-telefonati u l-sms's kontinwi li kienet tibgħat**".*

*Jispjega li l-unika raġuni għalfejn irtira l-proċeduri li ġew intavolati kontra l-*

*attriċi in konnessjoni ma' vjolenza fuq it-tifel kien, biex it-tifel ma jkomplix ibagħti. Iżda jissottolinea li l-attriċi kienet vjolenti kemm fil-konfront tat-tifel kif ukoll fil-konfront tat-tifla, u f'dan is-sens esebixxa Dok C.*

*L-intimat jilmenta li martu kienet issakkar lil uliedhom "**ġewwa u mingħajr iċ-ċwievet. Kull tieqa u bieb għal barra ikunu imsakkra biċ-ċwievet u jekk inċidentalment jinqala' xi nar dawn l-unika soluzzjoni għal ħajithom hu li jitilgħu fuq il-bejt għax lil AB ipprojbietlu li jkollu mobile li tajtu jien diversi drabi**".*

*Jiċħad li t-tifel qiegħed taħt il-kura ta' Prof. Victor Grech iżda jgħid li meta kellu bżonn "Gamma Camera test" kien hu li qagħad mieghu il-ħin kollu. L-istess meta kellu attakk tal-ażma u pprova jikkuntattja lill-attriċi iżda kien kollu għalxejn għax "**hi ma ghamlitx kuntatt lura qabel l-ghada fl-għaxra ta' filgħodu**". Jispjega wkoll li "**l-problema fuq il-kliwi ta' AB hija stabbli skont kif indika Mr Chris Fearne u l-unika ħaġa li tista issir hi li bħal rutina medika u jsiru testijiet regolari**".*

*Isemmi n-nuqqas ta' kuntatt u komunikazzjoni mill-attriċi vis-à-vis it-tifla u jagħti eżempju li seħħ fil-perjodu tal-Milied. Fi kliemu stess jgħid li "**Saħansitra li fil-Milied li għadda it-tifla kellha tistenna tlett ġimgħat biex l-omm ittiha risposta sabiex torqod ma ħutha lejliet il-Milied u tibqa' magħhom u fil-ġurnata tal-Milied. Li l-omm fil- bidu, irrfjutat imma wara li AA għamlet siegha targumenta fuq it-telefon ma' ommha, hi aċċetat**".*

*Jerġa' jsemmi li l-allegazzjoni li għamlet martu rigward l-attentat ta' suwiċidju hu kollu falz, u jispjega li dan ma kien xejn ħlief inċident tat-traffiku, iżda fuqha jgħid:*

*"**Imma hija l-omm li ħafna drabi ħarġet b'sikkina u flixkun tax-xorb bit-tir li tagħmel suwiċidju. Jiena dejjem waqqaftha. Jiena kont li iffirmajt għal marti meta ġiet miġbura bl-ambulanza u miżmuma l-Isptar St Lukes għax kienet ċemplet li trid tmut**".*

*Jiċħad li huwa heavy drinker, u jikkonferma li droga qatt ma miss.*

*Permezz ta' affidavit ieħor li l-intimat jippreżenta jerġa' jsostni kemm l-attriċi*

*martu m'għandhiex interess fit-tfal.*

*Jiċħad li jaf minn hi MV u jiċħad li għandu xi mara oħra f'ħajtu. Jgħid li l-unika mara li għenitu bit-tfal wara li l-partijiet infirdu kienet Ms. LT, li għandha tifla ta' 14-il sena (ħabiba ta' AA) u li f'Ġunju 2009 bdiet taħdem fl-ispiżerija wara li ġiet introdotta s-sistema tal-Ispiżerija tal-Għażla tiegħek u żdied ix-xogħol amministrattiv. Iżid jgħid li ġiet reġistrata mal-ETC bħala casual worker fl-2009 u li ssofri mill-marda tal-MS. Jiddiskrivi lill-imsemmija LT bħala mara tal-affari tagħha, onesta u bieżla u li r-relazzjoni ta' bejniethom hija ta' kollegi fuq ix-xogħol u ħbieb ta' fiduċja.*

*Jagħti eżempji tal-aġir pikuż li l-attriċi timxi bih kemm mat-tifla kif ukoll miegħu. Fi kliemu stess,*

*"**Saħansitra is-sena li għaddiet, meta AA kien ikollha l-ballet tas- Sliema, it-Tlieta u il-Ħamis mis-sitta sas-seba' u nofs, meta t-tifla talbet u anki tkarrbet lil ommha biex twassalha għall-balett għax inzerta fil-ħin tax-xogħol tiegħi, hi rrifjutat**". Kien għalhekk li l-intimat talab pjaċir lil ċertu Ms. P biex tiħodha hi peress li t-tfal tagħha jmorru fl-istess skola u toqgħod fl-istess triq tal-ispiżerija. Jiċċara li din Ms. P hija mara miżżewġa b'żewġt itfal u ilu jafha mill-universita. Jerġa' jsostni li la ma' Ms. Tabone u lanqas ma' Ms P m'huma l-maħbubin tiegħu għaliex qatt ma kellu ħbieb intimi kif kellha martu.*

*Jerġa' jsemmi u jixhed fuq id-diżastru li sab meta l-mara ħarġet mid-dar matrimonjali din id-darba f'aktar dettall. Jispjega li meta daħal lura fid-dar flimkien m'uliedu l-Marixxal Carmen Pisani kienet hemmhekk u hi xhud ta' dan. L-intimat jgħid li:*

***"jien ma ridtx nemmen dak li rajt. Il-mara battlet id-dar minn fuq s-isfel, lanqas tazza jew platt ma ħalliet. Qalgħet saħansitra l-air conditioners tal-living room u tal-bedrooms tas-subien. Anke in-net tan-nemus ħadet. Il-post minn fully furnished mimli daqs bajda ġie għarwien ħuta. Kelli indaħħal it-tfal id-dar f'dan l-istat. Wieħed irid jesperjenza din it-traġedja biex jifhem dak Ii għaddejna minnu...***

***... Biex inġib id-dar abitabbli kien jirrikjedi ġimgħat u kelli nonfoq ħafna flus. Użajt l-overdraft tal-bank li għandi minħabba l-ispiżerija u ħadt iktar milli***

***suppost b'permess temporanju verbali mal-bank u dan għax dejjem kont klijent tajjeb. Waqaft inħallas il-kredituri tal-ispiżerija u biċċa minnhom tawni deadline li jekk ma nħallasx iwaqqfuli ix-xogħol***".

*F'dan il-kuntest jirreferi għal Dok. A u Dok. B li huma żewġ rapporti juru kif l-attriċi ħalliet id-dar.*

*"**B'dan kollu il-mara wriet li hi vendikattiva, ghax apparti li ghadni kemm tennejt hawn fuq, ma kienx biżżejjed imma kompliet biex tagħmel żewġ affarijiet li ma jitwemmnux li qatt jistgħu isiru minn omm.***

***L-ewwel, li eżatt fuq id-doll house ta' AA għamlet ingassa, hi qalet fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2010 li għamluha t-tfal - imma meta teżamina l-għoqda tidher li saret minn bniedem adult apparti li bilfors din iddendlet b'sellum. Ma naħsibx li kienet kumbinazzjoni li d-doll house kienet iċċentrata eżatt taħt din l-ingassa tant makabra, din tindika il-mod kif taħseb marti.***

***It-tieni hi, li A qabbdet persuna, probabbli electrician (probabbli espert fit-tbabis tad-dawl) li qata' l-live tad-dawl u berfel il-wire ħalli xorta iż-żewġ naħat jagħmlu kuntatt u jgħaddi id-dawl u dan il-wire prinċipali għattewh b'biċċa sand paper li hija karta li tiflaħ għas-sħana u iddum biex tinħaraq. Issa meta il-wire ikun ivvandalizzat b'dan il-mod, dawl xorta jkun hemm u meta tixgħel l-attrezzaturi tad-dar dawn kienu jiġu maħruqa speċjalment fejn jidħlu muturi tal-elettriku bħal, fridge, airconditioner etc u apparat elettroniku ieħor, bhal TV, computer, stereo, etc.***

***L-Iktar gravi hi li meta l-wire ikun hekk kif spjegat, ikun hemm riskju kbir ta' nar. Meta tixgħel u ttih il-load, il-wire jibda jisħon u jaħraq kull ħaġa li jkun hemm madwaru, dan ġie kkonfermat mill- electrical engineer fir-rapport tiegħu – Dok A. Dan kollu sar b'intenzjoni malvaġġja għax A mogħmija bil-vendetta akkost ta' kollox għax hi kienet taf li t-tfal kienu ser ikunu preżenti, jorqdu u jqumu f'din id-dar matrimonjali***".

*Jgħid dan kollu ċarament juri li martu m'għandha l-ebda interess fit-tfal għax mid-data tal-Digriet sal-ġurnata li ppreżenta l-Affidavit in kiwistjoni, ma eżercitatx l-aċċess jew ippruvat tikkuntaja lit-tfal u dan anki meta AA kienet qed tagħmel l-eżamijiet tal-'O' Levels.*

*Jikkumpara s-sitwazzjoni meta ħassu li ma kellux alternattiva oħra ħlief li jitlaq mid-dar matrimonjali (fejn ħa miegħu s-segwenti mobbli miegħu):*

1. *Hwejjeġ tiegħu*
2. *Kotba tal-arti, ftit kotba tat-tisjir billi dan hu hobby tiegħu*
3. *Wok u borma kbira u ftit cutlery kemm jiddobba*
4. *Għodda tiegħu*
5. *Il-pitturi li għamilt hu*
6. *Sett ložor u ftit xugamani*
7. *Važun kbir minn sitta u dan bil-permess tagħha*
8. *U xi affarijiet oħra biex jipprova jerġa jibda ħajtu.*

*Iżid jgħid li meta telaq hu, martu kienet preżenti u kienet qisha seqer ħa tara x'qed nieħu b'dan li jiddikjara li kien hemm diversi oġġetti li xtaq jieħu imma ma ħallitux u ħallihom ħa jżomm il-paċi. Mhux talli hekk talli jgħid li għamel xirja kbira tal-ikel li jaf li t-tfal iħobbu jieklu u mela wkoll il-freezer bl-ikel eżatt qabel ma telaq. Għall-kuntrarju ta' meta kienet l-attriċi li telqet mid-dar, hi kienet waħedha u ġarret magħha li riedet.*

*Jerġa jsemmi l-allegazzjoni tal-adulterju li tagħmel l-attriċi b'dan li l-intimat jagħti raġunijiet (b'referenza għad-dati u l-ħinijiet) għalfejn kien ikollu jitlob għajnuna minn Ms Tabone u jkompli jsostni li magħha ma kellux relazzjoni intima. Fi kliemu stess:*

"***Jien m'għandix x'naħbi u li kieku ħalliet id-dar fi stat abitabbli kif ħallejtu jien ma kienx ikolli nitlob l-ebda għajnuna mingħand ħadd u t-tfal kienu jidħlu f'darhom u jkomplu bir-rutina għal ħajja serena u kuntenti għax qiegħdin ma missierhom, u mhux għaddietna minn trawma u li ma nistax nispjega l-espressjoni fuq wiċċ it-tfal meta daħħalthom id-dar matrimonjali f'dak id-deżert diżastruż li ħalliet fit-23 ta' Mejju 2010***".

*Iżid jgħid ukoll li:*

"***Ms Tabone hija l-unika persuna li kienet lesta li ttini daqqa t'id allavolja tbati mill-MS u bl-ebda mod ma hi tissostitwixxi r-rwol tal-omm. Omm it-tfal hija A B u jien lit-tfal dejjem ngħidilhom biex huma jibqgħu jħobbuha għax dik hija***

***ommhom. Il-familjari ma offrew l-ebda għajnuna għax ma jridux jindaħlu. Minn naħa tal-familjari tagħha ħadd minnhom ma jkellimni għal raġunijiet ovvji. Il-mara irnexxielha iġġellidna mal-familjari kollha***".

*Jikkonkludi l-affidavit tiegħu billi jelenka l-ġranet li l-attriċi ma marritx għat-tfal sal-ġurnata li ppreżenta l-Affidavit tiegħu u ċioe':*

*17 ta' April 2010*
*25 ta' April 2010*
*1 ta' Mejju 2010*
*9 ta' Mejju 2010 Jum l-omm it-tfal damu jistennewha siegħa u l-mobile tagħha kien mitfi*
*15 ta' Mejju 2010*
*23 ta' Mejju 2010*

## *12. **IL-PROVI MIĠBURA***

*Illi l-esponenti tirrileva li ġew esebiti u preżentati s-segwenti provi u dokumentazzjoni fosthom:*

*I. L-atti kollha relattivi għall-medjazzjoni ta' bejn il-partijiet inkluża:*

*(a) l-ittra inizzjali li permezz tagħha ġew intavolati l-proċeduri ta' medjazzjoni;*

*(b) Rikors b'urġenza da parti tar-rikorrenti li permezz tiegħu talbet l-awtorizazzjoni tax-xhieda ta' NDW fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2008 (li l-affidavit tagħha ġie wkoll anness ma' tali rikors[23]) u l-ħatra ta' social worker jew child psychologist sabiex jinvestigaw il-każ;*

*(c) FS3 tar-rikorrenti għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u s-16 ta' Jannar 2015 li turi introjtu gross ta' €1200.35[24];*

*(d) Nota ġuramentata tal-attriċi u li permezz tagħha tiddikjara (fost oħrajn) li sakemm il-partijiet kienu għadhom ma sseparawx* de facto *l-*

[23] Liema affidavit hu esebit a fol 34 tal-proċess.
[24] Ara a fol 50 tal-proċess.

*intimat kien jiddikjara profitt ta' madwar €41,928.72 (Lm18,000) u għal dan il-għan tippreżenta 3 Profit and loss li m'humiex iffirmati għas-snin 2004 sa' 2006*[25]*, li għandha qliegħ nett ta' €645.23 (Lm277) fix-xahar bħala part-time travel advisor ma' NSTS*[26]*, telenka xi aspetti li skond hi l-partijiet ftehmu dwarhom fil-medjazzjoni u x'inhi d-diverġenza prinċipali bejniethom (b'dan li l-esponenti tirrileva li naturalment f'dan l-istadju tant avvanzat ta' kawża, tali dikjarazzjonijiet ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni fis-suġġerimenti u l-konklużjonijiet li ser jintlaħqu f'dan ir-rapport peress li dak li seta' ġie miftiehem fil-medjazzjoni llum -il ġurnata żgur li ma jistax jingħad li japplika u fuq kollox ma jorbotx lill-partijiet għaliex kollox hu mingħajr preġudizzju);*

(e) *Nota*[27] *b'11 -il rapport tal-Pulizija intavolati mill-attriċi fil-konfront ta' żewġha relatati ma' akkużi ta' adulterju u vjolenza domestika u li fil-maġġor parti tagħhom hemm miktub li l-attriċi jew ma tridx tipproċedi kontra żewġha jew li qed tagħmel tali rapport għal future reference jew li l-partijiet qablu li ma jkomplux bi proċeduri kriminali fil-konfront ta' xulxin. L-istess nota msemmija f'dan il-paragrafu tinkludi wkoll ittra mibgħuta mill-wild AB lill-attriċi ommu għall-okkażjoni tal-Mother's Day u tpinġija magħmula mill-istess wild AB għal PSD*[28]*;*

(f) *Kopja ta' ċekk mibgħut mill-intimat rappreżentanti pagament ta' manteniment ta' Jannar 2008 fl-ammont ta' €932.00*[29]*;*

(g) *Prokura*[30] *li ta LB lill-attriċi fis-sena 2008 u li l-intimat isostni li l-attriċi kellha relazzjoni adultera miegħu;*

(h) *Kopja ta' ċekk indirizzat lir-rikorrenti fl-ammont ta' €698.81 (Lm300) datat it-23 t'Ottubru 2006*[31]*;*

---

[25] Ara a fol 54 – 56 tal-proċess.
[26] Ara a fol 57 tal-proċess.
[27] Liema nota hi esebita a fol 59 tal-proċess.
[28] Liema tpinġija reġgħet ġiet esebita a fol 2538 tal-proċess.
[29] Ara a fol 91 tal-proċess.
[30] Liema prokura hi esebita a fol 100 tal-proċess.
[31] Ara a fol 101 tal-proċess.

(i) *Profit and Loss tal-intimat għas-sena 2004 iffirmata li turi net profit ta' €8968*[32] *flimkien mal-kopja tal-Formola tat-Taxxa fuq l-Income u Self Assessment relattiva;*

(j) *Profit and Loss tal-intimat għas-sena 2005 iffirmata li turi net profit ta' €7493*[33] *flimkien mal-kopja tal-Formola tat-Taxxa fuq l-Income u Self Assessment relattiva;*

(k) *Profit and Loss tal-intimat għas-sena 2006 iffirmata li turi net profit ta' €6534*[34] *flimkien mal-kopja tal-Formola tat-Taxxa fuq l-Income u Self Assessment relattiva;*

(l) *Profit and Loss tal-intimat għas-sena 2007 iffirmata li turi net profit ta' €9292*[35] *flimkien mal-kopja tal-Formola tat-Taxxa fuq l-Income u Self Assessment relattiva;*

(m) *Affidavit ta'C B li fost affarijiet oħra jiddikjara li l-profit and loss għas-snin 2004 sa' 2006 ippreżentati minn martu m'humiex oriġinali, m'humiex iffirmati, ma jirriflettux il-verita' u ma kienux tiegħu. Jelenka wkoll l-ispejjeż li lest li jħallas u l-modalita' tal-istess u jagħti l-posizzjoni tiegħu fuq il-manteniment li qed titlob ir-rikorrenti u l-ispejjeż li qed iħallas. Jgħid ukoll li jiġi assenjat l-arja ta' fuq id-dar matrimonjali peress li hemm jista' jinbena sular ieħor filwaqt li r-rikorrenti tingħata d-dar matrimonjali (eskluża l-arja tagħha). Anness ma' tali affidavit jippreżenta lista tal-ispejjeż li qed iħallas għall-ulied li hu madwar €1544.37 (LM663) fix-xahar;*

(n) *Rapport tal-Pulizija magħmul mir-rikorrenti datat it-12 t'Awwissu 2008 fuq vjolenza domestika allegata mill-istess rikorrenti da parti tal-intimat*[36]*;*

(o) *Rapport tal-Pulizija magħmul mir-rikorrenti datat il-5 t'Awwissu 2008 relatat ma' insulti u vjolenza domestika allegata mill-istess rikorrenti*

---
[32] Ara a fol 102 tal-proċess.
[33] Ara a fol 106 tal-proċess.
[34] Ara a fol 111 tal-proċess.
[35] Ara a fol 120 tal-proċess.
[36] Ara a fol 144 tal-proċess.

*da parti tal-intimat*[37]*;*

(p) *Nota tal-wild AB indirizzata lir-rikorrenti ommu*[38]*;*

(q) *Kopja ta' abbozz ta' separazzjoni*[39] *li l-esponenti tiddikjara li ser tiskarta fil-ġudizzju tagħha u fil-kumpilazzjoni tal-istess rapport odjern abbażi tal-fatt li tali kuntratt qatt ma ġie ffirmat, ma jorbotx lill-partijiet u dak li seta' ġie miftiehem jew kien qiegħed jiġi diskuss bejn il-partijiet għal finijiet ta' possibilita' ta' separazzjoni bonarja jibqa' dejjem mingħajr preġudizzju bejn l-istess partijiet;*

II. *Nota ġuramentata tar-rikorrenti*[40] *fejn tispjega kif tibbilanċja l-ġranet tal-leave tagħha u l-ħin li tqatta' mal-ulied għall-kuntrarju ta' żewġha li jħalli t-tfal waħedhom jew ma' xi ħabiba tiegħu, tippreżenta enkartament relatat mal-attentat suwiċidju tal-intimat*[41]*, tippreżenta nota tal-intimat rigward l-ispejjeż edukattivi u li f'każ li s-subien ma jgħaddux mill-eżamijiet, hu kien lest li jħallas nofs l-ispejjeż tal-iskola u f'każ li martu ma tħallasx sehemha allura jkollhom ibiddlu l-iskola*[42]*, dokumentazzjoni oħra li turi li l-intimat ma kienx qiegħed jieħu lill-minuri għall-attivitajiet extra-kurrikulari*[43] *minkejja d-digriet tal-5 ta' Diċembru 2008*[44] *u dokumentazzjoni relatata mas-saħħa tal-wild AB u l-komunikazzjoni dwar l-istess bejn il-partijiet*[45]*;*

III. *Nota tal-intimat konsistenti f'affidavit tiegħu bħala risposta għal dak li ingħad minn martu fir-risposta tagħha għar-rikors tiegħu tat-2 ta' Frar 2010*[46] *li tinkludi wkoll ability assessment tal-wild AB B*[47]*, ittra mibgħuta lir-rikorrenti da parti tal-Avukat tal-intimat ta' dak iż-żmien fejn infurmaha li mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tiegħu kien ser jallontana ruħu mid-dar matrimonjali*[48]*, rapport tal-Pulizija datat l-4 t'Awwissu 2008 relatat ma'*

---

[37] Ara a fol 147 tal-proċess.
[38] Ara a fol 149 tal-proċess.
[39] Ara a fol 169 tal-proċess.
[40] Liema nota hi esebita a fol 260 tal-proċess.
[41] Ara Dok. 1 esebit a fol 262 tal-proċess fejn jirriżulta kjarament li kien hemm *overdose* u li l-intimat kien ukoll ħallat il-mediċina bl-*alcohol* liema dokument reġa' ġie esebit a fol 2509 tal-proċess.
[42] Ara a fol 270 tal-proċess.
[43] Ara a fol 279 *et seq* tal-proċess.
[44] Ara a fol 277 tal-proċess.
[45] Ara a fol 284 *et seq* tal-proċess.
[46] Ara a fol 386 tal-proċess.
[47] Ara Dok. A anness mal-affidavit tal-intimat esebit a fol 389 tal-proċess.
[48] Ara Dok. B anness mal-affidavit tal-intimat esebit a fol 391 tal-proċess.

*allegata vjolenza fiżika fuq il-wild AB u AA da parti tar-rikorrenti ommhom*[49]*, rapport tal-Pulizija datat it-22 ta' Novembru 2008 relatat ma' allegata vjolenza fiżika fuq il-wild AB da parti tar-rikorrenti ommu*[50]*;*

IV. *Definite Contract of Service relattiv għar-rikorrenti għall-perjodu ta' bejn is-16 t'April 2007 u l-15 ta' Novembru 2009*[51]*;*

V. *Definite Contract of Service relattiv għar-rikorrenti għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Mejju 2007 u s-16 ta' Settembru 2007*[52]*;*

VI. *Definite Contract of Service relattiv għar-rikorrenti għall-perjodu ta' bejn is-17 ta' Settembru 2007 u s-16 ta' Settembru 2008*[53]*;*

VII. *Rapport magħmul minn Ing. Edward Magro relatat mal-installazzjoni elettrika fil-fond 'Fra Francesco' f'Pembroke datat il-15 ta' Mejju 2010*[54]*. Tali rapport ġie preżentat mill-intimat bl-intenzjoni li juri l-istat li ħalliet id-dar matrominjali meta ġiet żgumbrata;*

VIII. *Rapport magħmul mill-Perit Vincent E. Ciliberti*[55] *li aċċeda fl-istess dar siegħa biss wara li r-rikorrenti ġiet żgumbrata mid-dar matrimonjali li permezz tiegħu jindika anke l-assenza ta' numru ta' oġġetti, għamara u appliances. Ġie nnotat partikolarment ukoll ħabel irqiq tan-nylon imdendel mas-saqaf tat-tromba tat-taraġ liema ħabel kien jispiċċa b'ingassa, bil-ħabel misjub imdendel fuq dolls house. Tali rapport ġie preżentat mill-intimat bl-intenzjoni li juri l-istat li ħalliet id-dar matrominjali meta ġiet żgumbrata;*

IX. *Nota datata t-8 ta' Ġunju 2010*[56] *preżentata mir-rikorrenti li permezz tagħha infurmat lil din l-Onorabbli Qorti li l-kuntratt t'impjieg tagħha ma kienx ser jiġi mġedded skond ittra mibgħuta lilha u datata t-3 ta' Ġunju 2010*[57]*, li*

---

[49] Ara Dok. C1 anness mal-affidavit tal-intimat esebit a fol 392 tal-proċess.
[50] Ara Dok. C2 anness mal-affidavit tal-intimat esebit a fol 394 tal-proċess.
[51] Ara a fol 415 tal-proċess.
[52] Ara a fol 419 tal-proċess.
[53] Ara a fol 423 tal-proċess.
[54] Ara a fol 455 tal-proċess.
[55] Ara a fol 462 tal-proċess, a fol 2345 tal-proċess u bħala dokument anness ma' wieħed mill-affidavits tal-intimat *stante* li għal xi raġuni tali rapport ġie preżentat aktar minn darba.
[56] Ara a fol 506 tal-proċess.
[57] Ara a fol 507 tal-proċess.

*m'għandhiex post alternattiv fejn tgħix u li l-prospetti tagħha li ssib impjieg fl-eta' ta' 45 sena u fi kriżi ekonomika preżenti huma baxxi;*

I. *Rapport tas-Social Worker Josette Camilleri datat l-20 ta' Settembru 2010*[58] *liema rapport ġie redatt wara li l-intimat ingħata l-kura u l-kustodja proviżorja tal-ulied li marru wkoll jgħixu miegħu. Tgħid li l-istess ulied kuntenti ma' missierhom u tagħti l-verżjoni taż-żewġ partijiet, l-allegazzjonijiet li qed iressqu fil-konfront ta' xulxin u x'inhuma x-xewqat tal-istess partijiet. Fl-istess rapport is-social worker tindika li l-intimat ammetta magħha li kien 'goff' ma' martu iżda dan kien minħabba l-provokazzjoni u l-paroli żedja tagħha. Interessanti ferm hu l-fatt li minkejja li s-social worker pruvat tkellem lit-tifla AA (li dak iż-żmien kellha 16 -il sena) ma kienet kapaċi tgħid xejn pożittiv fuq ommha filwaqt li kienet tiskuża lil missierha f'kollox. Tiddiskrivi lil ommha bħala mara giddieba, tiġġieled u egoista fost oħrajn. Ġie rrapportat ukoll li t-tifla tidher li m'hijiex komda biha nnifisha tant li tiddiskrivi lilna nnifisha bħala tfajla li ma taf tagħmel xejn, li għandha karattru antipatku, li ma tafx tmur man-nies, stramba u dejjem fil-qamar b'dan pero' li tixtieq li tara lil missierha ferħan, li missierha jkollu aktar ħin għalihom, li tieqaf tiġġieled m'ommha u li tkun tista' tiftaħ qalbha m'ommha.*

*It-tifel AB ukoll ma kienx kapaċi jgħid xi ħaġa pożittiva fuq ommu filwaqt li kellu kliem pożittiv fuq missieru. Jgħid li ommu sawtet lil ħuħ AC u ġibdet xagħar AA, issemmilhom affarijiet li ma jridux jisimgħu (fuq il-Qorti) u li ħaditilhom ħafna affarijiet mid-dar. AB jgħid li jixtieq li missieru jkollu aktar ħin għalihom, li ommu ma tkomplix tistaqsi affarijiet, li jmur għand ommu darba fil-ġimgħa u li jgħix ma' missieru.*

*It-tifel AC jelenka numru ta' affarijiet li wassluh biex ikollu rabja kbira lejn ommu fosthom li hi egoista, rasha iebsa għalkemm ma kienx jaf xi tfisser il-kelma hard headed), kienet issawwathom u affarijiet oħra relatati ma' episodji li sema' mingħand ħutu jew missieru. Jgħid li jixtieq li ommu cares about him, li missieru jkollu aktar ħin għalihom u li missieru ma jkollux ħafna flus għall-edukazzjoni tiegħu.*

*Tikkonkludi li mingħajr ma huma kapaċi jammettu l-partijiet qed jużaw lil*

[58] Esebit a fol 552 tal-proċess.

*uliedhom biex jilħqu l-għanijiet tagħhom fis-*separazzjoni *u kwantu għall-proprjeta' għalkemm tikkonferma li l-attriċi kienet propensa li tieħu l-għajnuna neċessarja sabiex ittejjeb l-attitudni tagħha filwaqt li l-*intimat *baqa' jinsisti li m'hu jagħmel xejn ħażin u li ma jkellimx lit-*tfal kontra ommhom anke *b'mod sottili. Issemmi diversi fatturi li qed jagħmlu ħsara lill-ulied u dawn huma attribwibbli liż-żewġ partijiet anke jekk b'mod differenti.* Fid-dawl *ta' dan tagħmel rakkomandazzjonijiet billi tissuġġerixxi aktar ħin bejn l-ulied u l-omm, li l-kura u l-kustodja tal-ulied tkun konġunta għax iż-żewġ ġenituri kapaċi jagħmlu deċiżjonijiet tajbin għal uliedhom,* tirrakkomda lir-*rikorrenti sabiex tieħu l-għajnuna neċessarja u li ssib post* alternattiv *fejn l-uliedhom iħossuhom* at home u relaxed, *li l-intimat jiġi* megħjun *u* supervised *minn* social worker *biex jiġi aċċertat li bl-*ebda mod *m'hu qiegħed jgħawwi lill-*ulied kontra ommhom *u li l-*partijiet *jinfurmaw lil* xulxin dwar dak kollu relatat *mal-ulied u tiġi* appuntata social worker *għal perjodu ta' 6 xhur bil-għan li tgħin lill-*partijiet *fil-*kwistjonijiet relatati *mal-ulied, tieħu ħsieb li d-*digrieti *tal-Qorti jiġu eżegwiti u taċċerta ruħha li t-tfal jieħdu l-għajnuna neċessarja biex jerġgħu jibnu relazzjoni m'ommhom u ma jsirilhomx ħsara meta jsir xi bdil fir-*rutina *preżenti tagħhom.*

*Sussegwentement l-istess Social Worker tippreżenta rapport ieħor datat l-20 ta' Marzu 2012*[59] *fejn tirrakkomanda li l-kura u l-kustodja tal-ulied tkun waħda konġunta, li r-rikorrenti u l-ulied jibdew jattendu għal* family therapy, *li l-intimat jattendi għal* counselling *biex jiġi gwidat kif għandu* jtejjeb ir-relazzjoni *bejn it-tfal u l-omm, tiġi* appuntata social worker *sabiex issegwi l-familja u li l-aċċess jibda malajr kemm jista' jkun*[60]*;*

X. *Nota t'Osservazzjonijiet dwar ir-*rapport *tas-Social* Worker *Josette Camilleri*[61] *da parti tal-intimat;*

XI. *Nota da parti tar-rikorrenti bil-kummenti tagħha dwar ir-rapport tas-Social Worker Josette Camilleri*[62]*;*

---

[59] Ara a fol 2800 tal-proċess.

[60] Tali rakkomandazzjonijiet ġew milqugħa permezz ta' digriet tat-22 ta' Marzu 2012 (a fol 2806 tal-proċess) b'dan li sussegwentement ġew preżentati wkoll r-rapporti tas-*Social Worker* Denise Portelli u t-terapista Carmen Delicata li għalihom ukoll issir referenza f'dan ir-rapport.

[61] Liema nota hija esebita a fol 1742 tal-proċess.

[62] Liema nota hija esebita a fol 1759 tal-proċess.

XII. *Stock Report u kopja ta' Mandat ta' Deskrizzjoni akkordat*[63] *li permezz tagħhom r-rikorrenti tikkontendi li l-ispiżerija San Giorgio Pharmacy għandha stock ta' €60,542 b'dan li l-profitt minnhom hu dak ta' €48,000;*

XIII. *Rapport tal-Pulizija datat it-18 ta' Diċembru 2010*[64] *magħmul mir-rikorrenti kontra żewġha fuq nuqqas ta' ħlas ta' manteniment dovut lilha personalment;*

XIV. *Rapport tal-Pulizija datat it-12 ta' Frar 2011*[65] *magħmul mir-rikorrenti kontra żewġha fuq nuqqas ta' ħlas ta' manteniment dovut lilha personalment pero' mill-update jirriżulta li l-istess rikorrenti sussegwentement irċeviet cheque mingħand żewġha għalkemm minn update sussegwenti mbagħad jirriżulta li r-rikorrenti reġgħet allegat li ma kienx hemm ħlas ta' manteniment fix-xahar ta' Marzu 2011;*

XV. *Applikazzjoni sabiex il-wild AA tibda tattendi kors ta' veterinarja fl-Ungerija (Faculty of Veterinary Science Budapest, Hungary)*[66]*;*

XVI. *Ittra mibgħuta mill-Assistant Head tal-iskola tas-Seminarju datata l-5 t'Awwissu 2011*[67] *u li permezz tagħha l-ġenituri ġew infurmati li kien ser jiġi organizzat exchange visit fi Franza Novembru 2011 flimkien mal-consent form relattiva u kopja taċ-ċekk relatat mad-deposit tal-istess exchange visit*[68]*;*

XVII. *Admission and Academic Bulletin for Prospective Students (Faculty of Veterinary Science) Budapest, Hungary*[69]*;*

XVIII. *Ittra maħruġa minn The Archbishop's Seminary*[70] *datata l-11 t'Ottubru 2011 fejn ingħataw aktar dettalji dwar is-safra organizzata mill-iskola lejn Franza;*

---

[63] Elenkat permezz ta' 3 dokumenti bħala Dok. SG1sa' Dok. SG2 ma' risposta intavolata mir-rikorrenti esebiti a fol 2106 *et seq* tal-proċess, a fol 2983 *et seq* tal-proċess u esebit għal darb'oħra 3180 tal-proċess b'dan ukoll li l-*Stock Report* ġie preżentat ukoll bħala dokument C anness ma' wieħed mill-affidavits tal-intimat.

[64] Ara Dok. 4 esebit a fol 2212 tal-proċess.

[65] Ara Dok. 5 esebit a fol 2216 tal-proċess.

[66] Ara Dok. A esebit ma' rikors tal-intimat datat il-15 ta' Settembru 2011 a fol 2239 tal-proċess.

[67] Ara Dok. B esebit ma' rikors tal-intimat datat il-15 ta' Settembru 2011 a fol 2242 tal-proċess.

[68] Ara a fol 2243 tal-proċess.

[69] Esebit bħala Dok. A mar-risposta tar-rikorrenti datata l-5 t'Ottubru 2011 a fol 2262 tal-proċess.

[70] Ara a fol 2275 tal-proċess.

XIX. *Kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet*[71] *li jġib id-data tas-16 ta' Mejju 1993;*

XX. *Kopja tal-kuntratt t'akkwist tal-art*[72] *li jġib id-data tat-8 ta' Frar 1994 fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo';*

XXI. *Kopja tal-permess maħruġ mill-MEPA għal tibdil ta' użu tal-garaxx il-kbir minn garaxx għal spiżerija*[73]*;*

XXII. *Kopja tal-pjanti approvati mill-MEPA li juru ż-żona tal-ispiżerija u li l-garaxx u d-drive-in / bir m'humiex parti mill-binja approvata għall-permess tal-ispiżerija iżda jibqgħu marbuta mad-dar*[74]*;*

XXIII. *Kopja tad-Development Permission maħruġ mill-MEPA għall-binja fuq Plot 186 Pembroke*[75]*;*

XXIV. *Diversi ritratti li juru l-binja preżenti fuq Plot 168 Pembroke b'kummenti relevanti*[76]*;*

XXV. *Kopja tal-pjanta approvata mill-MEPA u l-Housing Authority tal-Front, Bank and Side Elevation ta' Plot 186, Pembroke*[77]*;*

XXVI. *Kopja tal-pjanta approvata mill-MEPA u l-Housing Authority tal-Basement, Ground Floor, First Floor, Roof Plan ta' Plot 186, Pembroke*[78]*;*

XXVII. *Stima magħmula mill-Perit Albert Cauchi datata l-20 ta' Settembru 2011*[79] *fuq inkarigu tal-intimat li permezz tagħha d-dar matrimonjali ġiet stmata għall-valur ta' €339,248;*

---

[71] Ara a fol 2292 tal-proċess.
[72] Ara a fol 2293 u 3340 tal-proċess *stante* li tali kuntratt ġie esebit aktar minn darba.
[73] Ara a fol 2303 tal-proċess.
[74] Ara a fol 2306 tal-proċess.
[75] Ara a fol 2303 u 3350 tal-proċess *stante* li tali permess ġie esebit aktar minn darba.
[76] Ara a fol 2309 sa' 2319 tal-proċess.
[77] Ara a fol 2320 tal-proċess.
[78] Ara a fol 2321tal-proċess.
[79] Ara a fol 2325 tal-proċess.

XXVIII. *Stima magħmula mill-Perit Albert Cauchi datata l-20 ta' Settembru 2011*[80] *fuq inkarigu tal-intimat li permezz tagħha l-garaxx adjaċenti għall-ispiżerija ġie stmat għall-valur ta' €18,663;*

XXIX. *Stima magħmula mill-Perit Albert Cauchi datata l-20 ta' Settembru 2011*[81] *fuq inkarigu tal-intimat li permezz tagħha l-ispiżerija ġiet stmata għall-valur ta' €180,000;*

XXX. *Ritratti li permezz tagħhom ir-rikorrenti trid turi l-istat ta' traskuraġni u attitudni lassez faire li qed jitrabbew fih ulied il-partijiet wara d-Digriet tat-8 t'April 2010*[82]*;*

XXXI. *MEPA Compliance Certificate datat it-8 ta' Lulju 2009*[83]*;*

XXXII. *Report – Electrical Installation at Fra Francesco Pembroke datat il-15 ta' Mejju 2010*[84] *bl-iskop ewlieni li s-sistema elettrika nstallata f'186 Wizzino Street Pembroke tiġi spezzjonata u jiġi rrapportat jekk hemmx abnormalitajiet u varjazzjonijiet mill-standard code of practice liema varjazzjonijiet u items li m'humiex compliant ma' dik l-hekk imsejjħa standard code of practice jiġu identifikati u elenkati b'dan li jiġu suġġeriti l-modifiki neċessarji bil-għan li kollox ikun compliant;*

XXXIII. *Ittra maħruġa minn Travel Deals datata l-31 ta' Marzu 2009*[85] *u li permezz tagħha r-rikorrenti ingħatat ċekk rappreżentanti 1% tal-invoices relatati ma' bookings li għamlet;*

XXXIV. *Rapport tal-Pulizija intavolat mill-intimat datat it-18 ta' Frar 2008 fejn allega li r-rikorrenti martu kienet qed thedded li ser tikkommetti suwiċidju*[86]*;*

XXXV. *Rapport tal-Pulizija intavolat mill-intimat datat is-7 ta' Lulju 2006 fejn allega li r-rikorrenti martu kienet fiżikament abbużiva u li sawwtitu fit-testikoli*[87]*;*

[80] Ara a fol 2325 tal-proċess.
[81] Ara a fol 2325 tal-proċess.
[82] Ara a fol 2333 sa' 2335 tal-proċess.
[83] Ara a fol 2337 tal-proċess.
[84] Ara a fol 2338 tal-proċess.
[85] Ara a fol 2430 tal-proċess.
[86] Ara a fol 2431 tal-proċess u anness bħala Dok. E ma' wieħed mill-affidavits tal-intimat.
[87] Ara a fol 2432 tal-proċess u anness bħala Dok. E ma' wieħed mill-affidavits tal-intimat.

XXXVI. *Rapport tal-Pulizija intavolat mill-intimat datat is-27 ta' Settembru 2008 fejn allega li r-rikorrenti martu kienet marret fl-ispiżerija fejn għamlet xenata quddiem l-ulied u quddiem terzi u għamlet allegazzjonijiet ta' adulterju. Żied jgħid ukoll li episodju simili kien ġara wkoll ftit tal-ġranet qabel[88];*

XXXVII. *Rapport tal-Pulizija intavolat mill-intimat flimkien ma' iben il-partijiet AB B datat it-23 ta' Novembru 2008 fejn ġie allegat li r-rikorrenti kienet fiżikament u verbalment vjolenti fil-konfront tal-istess imsemmi binha AB, li dan tal-aħħar prova jċempel lil missieru iżda ommu ma ħallietux. L-intimat preżenta wkoll ċertifikat mediku relatat ma' dan l-imsemmi inċident[89];*

XXXVIII. *Rapport tal-Pulizija intavolat mill-intimat datat il-5 t'Awwissu 2008 fejn allega li r-rikorrenti martu kienet fiżikament vjolenti ma' ibnu AB B u AA B. Din tal-aħħar provat iċċempel lil missierha iżda ommha ma ħalliethiex. L-intimat preżenta wkoll ċertifikati mediċi fuq iż-żewġt ulied relatati ma' dan l-imsemmi inċident[90];*

XXXIX. *Stralċ minn sentenza bir-referenza 1396/01 RCP[91] u stralċ ieħor tal-istess sentenza[92];*

XL. *Riċevuta maħruġa minn Lourdes Pharmacy & Opticians datata l-20 ta' Settembru 2010[93] fl-ammont ta' €270;*

XLI. *Diversi riżultati tal-ulied tal-partijiet u notamenti relatati mal-edukazzjoni tagħhom[94] inkluż notamenti li l-homework u l-corrections mhux isiru;*

XLII. *Dokument typed u li skond ir-rikorrenti huma text messages riżultanti mill-mobile ta' bintha AA[95] (liema dokument bl-ebda mod ma juri li tali messaġġi*

---

[88] Ara a fol 2434, a fol 2876 u a fol 2883 tal-proċess u Dok. E anness ma' wieħed mill-affidavits tal-intimat *stante* li tali rapport ġie intavolat għal aktar minn darba.

[89] Ara a fol 2436 tal-proċess u anness bħala Dok. E ma' wieħed mill-affidavits tal-intimat.

[90] Ara a fol 2439 tal-proċess u ċ-ċertifikati mediċi a fol 2878, 2879, 2885 u 2886 tal-proċess flimkien mar-ritratti relattivi a fol 2880 sa' 2882 u 2887 sa' 2889 tal-proċess u Dok. E anness ma' wieħed mill-affidavits tal-intimat *stante* li tali rapport, ċertifikati mediċi u ritratti ġew intavolati aktar minn darba.

[91] Ara Dok. NA3 esebit a fol 2441 tal-proċess.

[92] Ara Dok. B esebit a fol 2482 tal-proċess.

[93] Ara a fol 2444 tal-proċess.

[94] Ara a fol 2451 *et seq* tal-proċess.

[95] Ara Dok. A a fol 2468 tal-proċess.

*u l-kontenut tagħhom huwa veritier);*

XLIII. *Ittra ffirmata mir-rikorrenti datata t-3 ta' Ġunju 2009 u li permezz tagħha talbitu jikkonsidra li l-minuri AB jibda jattendi l-iskola ta' Savio College*[96]*;*

XLIV. *Ittra maħruġa minn Savio College datata t-13 t'Awwissu 2009*[97] *fejn ir-rikorrenti ġiet infurmata li l-kulleġġ ma setax jaċċetta li binha AB jidħol f'tali skola;*

XLV. *Ittra ffirmata mir-rikorrenti datata l-5 ta' Ġunju 2009 u li permezz tagħha talbitu jikkonsidra li l-minuri AB jibda jattendi l-iskola tas-Seminarju Tal-Virtu*[98]*;*

XLVI. *Diversi screenshots mill-Facebook accounts tal-ulied*[99] *li permezz tagħhom ir-rikorrenti trid turi li wħud minn uliedha huma ħbieb ma' Yanika Tabone (ulied LT);*

XLVII. *Ittra mhux iffirmata mill-Avukat Dr. Ilona Debono u datata d-29 ta' Lulju 2010 li permezz tagħha allegatament l-intimat ġie interpellat sabiex jiddeżisti milli jkompli jimmalafama lir-rikorrenti*[100]*;*

XLVIII. *Ritratti tal-vettura DBH527 allegatament proprjeta' ta' LT pparkjata wara l-vettura BBQ749 li r-rikorrenti tgħid li hi proprjeta' tal-intimat, liema vetturi huma pparkjati quddiem id-dar matrimonjali tal-partijiet*[101]*;*

XLIX. *Dokument li r-rikorrenti tallega li huma minuti tal-laqgħa numru 16/K6/2008 datata t-12 ta' Novembru 2008 li permezz tagħha LT ġiet infurmata li l-applikazzjoni tagħha għal reserved parking ġiet approvata għal perjodu ta' sena*[102]*;*

L. *Kopja ta' 15-il Mother's Day Card u Birthday Card li l-ulied taw lil ommhom tul is-snin*[103]*;*

---

[96] Ara a fol 2475 tal-proċess.
[97] Ara a fol 2474 tal-proċess.
[98] Ara a fol 2477 tal-proċess.
[99] Ara a fol 2487 *et seq* tal-proċess.
[100] Ara Dok. E a fol 2500 tal-proċess.
[101] Ara Dok. F a fol 2501 tal-proċess.
[102] Ara Dok. G a fol 2507 tal-proċess.
[103] Ara a fol 2518 sa' 2532 tal-proċess.

LI. *Kopja ta' rapport intavolat mir-rikorrenti nhar is-27 ta' Settembru 2010*[104] *fejn allegat li ġiet imċaħħda mid-dritt t'aċċess għal uliedha b'dan li l-istess ulied infurmawha li ma riedux imorru għal tali aċċess għax kellhom pjanijiet oħra. R-rikorrenti marret għal uliedha b'dan li l-ulied subien ħarġu mir-residenza tagħhom filwaqt li l-bint ma ħarġitx. Għalkemm wieħed mill-ulied daħal fil-vettura tagħha, l-wild l-ieħor beda jinsisti li jkun jaf fejn ser imur u meta ommu qaltlu li kienet se tieħdu ċ-Ċirkewwa, ma riedx imur bir-riżultat li ħuħ niżel mill-vettura u ż-żewġ subien reġgħu daħlu fid-dar għalkemm wara ftit daħlu fil-vettura tagħha. Wara ftit bdew jisħqu li ma jridux imorru magħha, li ma tħobbhomx u li missierhom biss iħobbhom. Semgħet ukoll lil binha AC jgħid lil AB jekk irrekordjahiex u rat lil AB ibiddel is-Sim Card tal-mobile. Meta waslu ċ-Ċirkewwa AC kisser siġġu u tefa' s-siġġijiet u meja 'l barra mill-boat house. Peress li AC beda jgħid li ried imur lura Pembroke bil-mixi r-rikorrenti qaltilhom li kienet se tieħodhom lura d-dar għax ma riditx li xiħadd minnhom iweġġa';*

LII. *Ritratti tan-nuċċalijiet tal-vista li kienu jilbsu l-minuri AB u AC bejn Mejju u Settembru 2010*[105]*;*

LIII. *Kopja ta' Invoice/Cash Sale relatata ma' Parental Skills maħruġa mill-Aġenzija Sedqa*[106]*;*

LIV. *Recording li hemm referenza għalih fir-rikors tat-22 t'Ottubru 2010*[107]*;*

LV. *Dokumenti li skond ir-rikorrenti jikkonfermaw li ġew installati meters tad-dawl u l-ilma fis-Sajf tas-sena 2009 a spejjeż tagħha*[108]*;*

LVI. *Transcript ta' sms mibgħut mill-intimat mill-attriċi fis-17 ta' Ġunju 2009*[109]*;*

LVII. *Rapport tal-Pulizija datat is-27 ta' Settembru 2010 fejn ir-rikorrenti tallega ksur ta' digriet relatat ma' aċċess*[110]*;*

[104] Ara a fol 2534 tal-proċess.
[105] Ara a fol 2541 tal-proċess.
[106] Ara a fol 2542 tal-proċess.
[107] Ara a fol 2568 tal-proċess.
[108] Ara a fol 2569 *et seq* tal-proċess.
[109] Ara a fol 2579 tal-proċess.
[110] Ara a fol 2580 tal-proċess.

LVIII. *Clinical Notes relatati mal-intimat datati Frar 2006 wara l-episodju ta' overdose li kellu l-intimat u l-verżjoni li ta l-istess intimat fejn innega kwalunkwe intenzjoni ta' suwiċidju u stqarr li jrid jgħix speċjalment minħabba wliedu*[111]*;*

LIX. *Rapport ġurnalistiku ta' The Times datat is-26 ta' Ġunju 2012 intitolat 'Tenant took landlady's clock' u li permezz tiegħu r-rikorrenti tgħid li l-imputat kien żewġha u li l-Qorti preseduta mill-Onorabbli Maġistrat Dr. Doreen Clarke sabitu ħati ta' misapproprjazzjoni iżda mhux ta' serq ta' arloġġ*[112]*;*

LX. *Korrispondenza li għaddiet bejn ir-rikorrenti u l-Avukat tagħha Dr. Ilona Debono*[113]*;*

LXI. *Ittra mibgħuta lil Arms Limited u l-Water Services Corporation datata l-20 t'April 2012*[114] *fejn fost affarijiet oħra s-soċjetajiet imsemmija ġew infurmati u mogħtija kopja tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti fejn ġie ordnat li r-rikorrenti għandha tħallas il-kont tad-dar matrimonjali sad-data li telqet mid-dar matrominjali u minn dak inhar 'il quddiem tali kontijiet jitħallsu mill-intimat*[115] *(għalkemm irid jingħad li d-diċitura tal-istess ittra ma jirrispekkjax dak ordnat mill-Qorti għax mhux minnu li din l-Onorabbli Qorti ordnat li 'kull parti għandha tħallas is-sehem tal-kont tagħha sakemm hi kienet tirrisjedi fid-dar matrimonjali' kif qed jingħad fit-tieni paragrafu tal-istess ittra);*

LXII. *Risposta għall-ittra datata l-20 t'April 2012 mibgħuta minn Arms Limited datata l-11 ta' Mejju 2012*[116]*;*

LXIII. *Korrispondenza bejn l-Avukati rispettivi tal-partijiet anness ma' risposta ta' rikors intavolata da parti tal-intimat*[117] *li l-esponenti tiddikjara li m'hijiex ser tieħu konjizzjoni tagħha stante li jirriżulta ampjament li hi*

[111] Ara a fol 2890 tal-proċess.
[112] Ara a fol 2912 tal-proċess.
[113] Ara a fol 2913 tal-proċess.
[114] Ara a fol 2915 tal-proċess.
[115] Ara l-kopja legali ta' tali rikors esebita a fol 2919 tal-proċess.
[116] Ara a fol 2933 tal-proċess.
[117] Ara a fol 2943 sa' 2944 u 2959 sa' 2960 tal-proċess *stante* li tali korrispondenza ġiet preżentata aktar minn darba.

*korrispondenza* ***mingħajr preġudizzju*** *u għalhekk mhux ammissibbli f'għajn il-liġi;*

LXIV. *Application Form sabiex il-wild AA B tibda l-istudji tagħha fl-Ungerija f'Settembru 2012*[118]*;*

LXV. *Ċekk ta' €200 datat l-24 ta' Jannar 2012 indirizzat lil Dr. E. Kovacs*[119]*;*

LXVI. *Korrispondenza elettronika li għaddiet bejn il-partijiet f'Awwissu 2012*[120]*;*

LXVII. *Report Card relatata mal-wild AB B*[121]*;*

LXVIII. *Report Card relatata mal-wild AC B*[122]*;*

LXIX. *Pay-slip tar-rikorrenti għall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2013 u t-28 ta' Frar 2013 maħruġa minn Owl Services Limited*[123]*;*

LXX. *Relazzjoni tal-Perit Tekniku Tancred Mifsud*[124] *datat is-26 ta' Ġunju 2013 u li permezz tiegħu iddikjara li fl-opinjoni teknika tiegħu l-valur tad-dar matrimonjali u ċioe' 6 Triq Fra Francesco Wizzino Pembroke (inkluż il-garaxx b'aċċess minn Triq Manwel Buhagiar) hu ta' €430,000 (b'dan li d-dar waħedha ingħatat valur ta' €395,000 filwaqt li l-garaxx ingħata valur ta' €35,000) filwaqt li l-ispiżerija San Giorgio Pharmacy ingħatat valur ta' €280,000 eskluż l-avvjament u eskluż l-stock tal-istess spiżerija;*

LXXI. *Relazzjoni oħra tal-Perit Tekniku Tancred Mifsud*[125] *u li permezz tagħha għamel pjan ta' qasma tal-proprjeta' komuni bejn il-partijiet u ċioe' ssuġġerixxa li d-dar matrimonjali (eskluż il-garaxx) tkun parti waħda filwaqt li t-tieni parti tkun l-ispiżerija u l-garaxx anness li għandu aċċess minn Triq Manwel Buhagiar. Jiddikjara wkoll li skond il-policies viġenti mhux permissibbli li d-dar matrimonjali ssir 2 residenzi separati. Jerġa jikkonferma stima tad-dar matrimonjali ta' €395,000 filwaqt li jgħolli l-*

---

118 Ara a fol 2955 tal-proċess.
119 Ara a fol 2957 tal-proċess.
120 Ara a fol 2958 u 2964 sa' 2966 tal-proċess.
121 Ara a fol 2971 tal-proċess.
122 Ara a fol 2972 tal-proċess.
123 Ara a fol 3100 tal-proċess.
124 Esebit a fol 3126 tal-proċess u esebit ukoll bħala dokument D anness ma' wieħed mill-affidavits tal-intimat.
125 Esebit a fol 3139 tal-proċess.

*istima tal-ispiżerija għal €315,000 eskluż l-avvjament u eskluż l-stock tagħha;*

LXXII. *Rapport tas-Social Worker Denise Portelli datat il-15 ta' Frar 2013*[126] *u li abbażi tiegħu din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datat l-20 ta' Frar 2013 ordnat li l-partijiet u l-ulied jibqgħu jattendu 'family therapy sessions' ma' Carmen Delicata;*

LXXIII. *Rapport tat-Terapista tal-Familja Carmen Delicata datat l-20 ta' Marzu 2014*[127] *u li abbażi tiegħu din l-Onorabbli Qorti ordnat li m'hemmx aktar lok għal sessjonijiet mal-istess terapista ħlief għall-wild AC u ġie deċiż ukoll li l-aċċess tal-omm għandu jinżamm kif inhu;*

LXXIV. *11-il kont tad-dawl relatati ma' House 6, Triq Fra Francesco Wizzino Pembroke*[128]*;*

LXXV. *Kopja tar-ritratti tal-meters tad-dawl u l-ilma fit-22 t'April 2010*[129]*;*

LXXVI. *Dokument typed li permezz tiegħu r-rikorrenti tallega li jinkludi sms li l-intimat bagħat biex jiġu stallati l-meters tad-dawl u l-ilma fis-7 ta' Ġunju 2009*[130]*;*

LXXVII. *Compliance Certificate maħruġ mill-MEPA datat it-8 ta' Lulju 2009*[131]*;*

LXXVIII. *Stimi tad-dawl u l-ilma sabiex jingħata qari aċċettabbli lill-Korporazzjoni Responsabbli li r-rikorrenti tikkontendi li hi skrittura tal-intimat*[132]*;*

LXXIX. *Numru ta' riċevuti u dokumenti preżentati mill-intimat li abbażi tagħhom jitlob manteniment għal uliedu mingħand ir-rikorrenti martu*[133]*;*

LXXX. *Dokumenti inkluż kopja ta' pay-slip maħruġa minn Owl Services Limited*[134]

---

126 Liema rapport jinsab f'Volum 12 pero' għal xi raġuni mhux numerat.
127 Liema rapport jinsab f'Volum 12 pero' għal xi raġuni mhux numerat.
128 Ara a fol 2672 sa' 2683 tal-proċess.
129 Ara a fol 2685 sa' 2686 tal-proċess.
130 Ara a fol 2688 tal-proċess.
131 Ara a fol 2689 tal-proċess.
132 Ara a fol 2691 sa' 2694 tal-proċess.
133 Ara a fol 2708 sa' 2760 tal-proċess.
134 Ara a fol 2776 tal-proċess.

u kopja tar-regolamenti applikabbli għall-Scholarship Scheme maħruġa mill-Gvern ta' Malta[135] u li abbażi tagħhom ir-rikorrenti targumenta li m'għanhiex tiġi ordnata tħallas manteniment għall-ulied u li l-manteniment tagħha m'għandux jiġi mwaqqaf;

LXXXI. Rapport tal-Pulizija datat it-18 ta' Settembru 2011[136] u li permezz tiegħu l-intimat irrakkonta episodju fejn martu kellha l-aċċess għall-ulied u l-bint AA staqsiet lil ommha għala ma kienitx eżerċitat id-dritt t'aċċess tagħha s-Sibt ta' qabel b'dan li l-omm irrispondiet fis-sens li għandha tistaqsi lil missierha u wara li staqsietha l-istess domanda għal aktar minn darba u rċeviet l-istess risposta, AA talbet lil ommha biex terġa' tiħodha lura. L-omm qaltilha biex tmur b'tal-Linja iżda l-bint ma kellhiex flus u għalhekk marret tfittex fil-basket t'ommha u ħaditilha l-mobile. Ġew il-Pulizija u ordnaw lit-tifla tagħti lura l-mobile lil ommha u nqala' kjass meta nvolva ruħu Arthur Gauci tant li kien hemm atti ta' vjolenza u għajjat u t-tfal marru lura għand missierhom imbikkmin;

LXXXII. Employment History tar-rikorrenti datata t-13 ta' Mejju 2013[137] li juri li għandha impjieg indefinit fuq bażi part-time ma' Owl Services Limited;

LXXXIII. Email datata d-19 ta' Mejju 2013[138] relatata ma' xi return ta' prodotti tal-Herbal Life ordnati mir-rikorrenti u li ddeċidiet li ma tridx aktar u li tali return ġiet aċċettata;

LXXXIV. L-ordni li għamlet ir-rikorrenti mal-Herbal Life li sussegwentement ġiet ritornata (jew il-maġġor parti tagħha) mill-istess rikorrenti[139];

LXXXV. Sanction Letter datata s-27 ta' Frar 2014 maħruġa mill-Bank of Valletta Plc[140] wara li l-partijiet naqsu milli jagħmlu l-pagamenti relattivi mal-Bank;

LXXXVI. BOV 24X7 Services Personal Subscriptions Form iffirmata mir-rikorrenti datata s-6 t'April 2008[141];

---

135 Ara a fol 2777 tal-proċess.
136 Ara a fol 2871 tal-proċess.
137 Esebita a fol 3160 tal-proċess.
138 Ara a fol 3162 tal-proċess.
139 Ara a fol 3163 tal-proċess.
140 Ara a fol 3239 tal-proċess.
141 Ara a fol 3243 tal-proċess.

LXXXVII. *Statement of Account (Budget Account) f'isem iż-żewġ partijiet*[142]*;*

LXXXVIII. *Kopja ta' żewġ ċekkijiet fl-ammont ta' Lm1100 kull wieħed maħruġ mill-kont konġunt tal-partijiet indirizzat lil San Giorgio Pharmacy*[143]*;*

LXXXIX. *Kopja ta' ċekk fl-ammont ta' Lm600 maħruġ mill-kont konġunt tal-partijiet indirizzat lill-Water Services Corporation*[144]*;*

XC. *Kopja ta' mandat ta' sekwestru fl-ismijiet Suzanne Bonavia vsC B fl-ammont ta' €5415*[145]*;*

XCI. *Kuntratt t'impjieg definit għal 3 snin li r-rikorrenti għamlet mal-Malta Enterprise datat it-13 ta' Jannar 2015 b'salarju annwali ta' €25,500 fis-sena;*

XCII. *Ritratti tal-vettura li ssuq ir-rikorrenti pparkjata barra r-razzett enormi f'Selmun (bl-aerial photo tiegħu) liema razzett hu proprjeta' taz-zijiet tar-rikorrenti li huma defunti*[146]*;*

XCIII. *Employment history tar-rikorrenti datata d-9 ta' Ġunju 2016*[147]*;*

XCIV. *Ittra maħruġa mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol datata l-25 ta' Frar 2016 u li permezz tagħha ġie mitlub ħlas ta' €6058.21 stante l-fatt li l-wild AA B ma komplietx b'suċċess il-kors tal-istudju tagħha*[148]*;*

XCV. *Formola vjota ta' Arms Limited li tintuża bħala awtorizazzjoni sabiex wieħed jikseb informazzjoni dwar kontijiet pendenti*[149]*;*

XCVI. *Ittra preżentata mill-intimat bħala dokument anness ma' rikors tiegħu mibgħuta lill-avukat tal-istess intimat fuq bażi mingħajr preġudizzju da parti tal-avukat tar-rikorrenti. Għal darb'oħra l-esponenti tirrileva li m'hijiex ser*

[142] Ara a fol 3244 tal-proċess.
[143] Ara a fol 3258 u 3259 tal-proċess.
[144] Ara a fol 3260 tal-proċess.
[145] Ara a fol 3261 tal-proċess.
[146] Ara a fol 3310 sa' 3313 tal-proċess.
[147] Ara a fol 3317 tal-proċess.
[148] Ara a fol 3320 tal-proċess
[149] Ara a fol 3321 tal-proċess u 3377 tal-proċess

*tieħu konjizzjoni ta' korrispondenza li għaddiet bejn l-avukati tal-partijiet fuq bażi ta' mingħajr preġudizzju stante li tali dokumentazzjoni m'hijiex ammissibbli;*

XCVII. *Formola ta' Arms Limited għal reġistrazzjoni ta' bidla tal-Konsumatur fuq id-dar matrimonjali tal-partijiet iffirmata biss mir-rikorrenti[150];*

XCVIII. *Kopja ta' sentenza datata l-25 ta' Ġunju 2012 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija (Spettur Therese Sciberras) vsC B***[151] *u li permezz tagħha l-intimat ġie misjub ħati ta' misapproprjazzjoni iżda liberat fuq l-akkuża ta' serq ta' arloġġ b'dan li b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta ġie lliberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien 18 -il xahar;*

XCIX. *Kopja ta' sentenza datata t-28 ta' Frar 2013 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vsC B***[152] *fejn l-appell tal-intimat ġie miċħud u għalhekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti ġiet konfermata u ċioe' li nstab ħati li naqas milli jħallas manteniment u ċaħħad lir-rikorrenti minn aċċess għall-ulied b'dan li ġie liberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien xahar mid-data tal-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali;*

C. *Kopja tal-karta tal-identita' tar-rikorrenti[153];*

CI. *Kopja ta' kont maħruġ minn Arms Limited relatat mad-dar matrimonjali tal-partijiet fl-ammont ta' €25,061.77 għall-perjodu ta' bejn is-6 ta' Marzu 2015 u l-24 t'Awwissu 2015[154];*

CII. *Kopja ta' kont maħruġ minn Arms Limited relatat mad-dar matrimonjali tal-partijiet fl-ammont ta' €27,234.72 għall-perjodu ta' bejn it-23 t'April 2015 u t-22 ta' Ġunju 2015[155];*

CIII. *Ittra maħruġa mill-NSTS li permezz tagħha ġie dikjarat li l-aħħar li r-rikorrenti kienet impjegata mal-istess kumpanija kien fis-16 ta' Jannar*

[150] Ara a fol 3325 tal-proċess u 3371 tal-proċess
[151] Ara a fol 3355 tal-proċess
[152] Ara a fol 3365 tal-proċess
[153] Ara a fol 3375 tal-proċess
[154] Ara a fol 3378 tal-proċess.
[155] Ara a fol 3379 tal-proċess.

*2015*[156]*;*

CIV. *Nota preżentata mill-intimat bid-dokumentazzjoni kollha mitluba minnu mill-Perit komputista William Spiteri Bailey u dan kif ordnat li jsir fil-verbal tal-15 ta' Frar 2018*[157] *(liema dokumentazzjoni tinkludi rendikont tal-assi u debiti tal-ispiżerija*[158]*, tax returns inkluż profit and loss report għas-snin 2012 sas-sena 2016*[159]*, assi tal-business*[160]*, valur tal-stock tal-ispiżerija*[161]*, lista ta' kredituri tal-ispiżerija*[162]*, kontijiet maħruġa minn Arms Limited relatat ma' 186, Triq Manwel Buhagiar Pembroke*[163]*, kont maħruġ minn Arms Limited relatat mad-dar matrimonjali fl-ammont ta' €18,464.32*[164]*, invoice maħruġa mil-Lands Authority datata l-4 ta' Lulju 2017 fl-ammont ta' €5870.05*[165] *flimkien ma' ittra interpellatorja relatata mal-istess invoice*[166] *u riċevuta f'isem l-intimat maħruġa mill-Awtorita' tad-Djar fl-ammont ta' €5450.76 datata l-5 ta' Settembru 2017*[167]*, statement maħruġ mill-Medicines Authority*[168]*, korrispondenza bejn l-intimat u c-Chamber of Pharmacists*[169]*, dokumentazzjoni maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u d-Dipartiment tat-Taxxi Interni*[170]*, Statement relattiv għall-overdraft account tas-sena 2016 (HSBC)*[171] *u Statement relattiv għall-current account tas-sena 2016 (BOV)*[172]*;*

CV. *Relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Tancred Mifsud datata t-3 ta' Mejju 2018 li permezz tagħha għamel valutazzjoni riveduta tal-ispiżerija u tad-dar matrimonjali b'dan li d-dar matrimonjali waħedha ġiet valutata €480,000, l-garaxx anness ġie stmat €42,000 (u għalhekk kumplessivament id-dar u l-garaxx ġew valutati €522,000) filwaqt li l-ispiżerija ġiet stmata €367,000*

[156] Ara a fol 3404 tal-proċess.
[157] Ara a fol 3410 tal-proċess.
[158] Ara a fol 3412 tal-proċess.
[159] Ara a fol 3414 sa' 3434 tal-proċess.
[160] Ara a fol 3435 tal-proċess.
[161] Ara fuq wara ta' a fol 3435 tal-proċess.
[162] Ara a fol 3441 tal-proċess.
[163] Ara a fol 3442 sa' 3443 tal-proċess.
[164] Ara fuq wara ta' a fol 3443 tal-proċess.
[165] Ara a fol 3446 tal-proċess.
[166] Ara fuq wara a fol 3446 tal-proċess.
[167] Ara a fol 3447 tal-proċess.
[168] Ara a fol 3448 tal-proċess.
[169] Ara fuq wara a fol 3448 tal-proċess.
[170] Ara a fol 3449 sa' 3454 tal-proċess.
[171] Ara a fol 3455 sa' 3477 tal-proċess.
[172] Ara a fol 3478 sa' 3490 tal-proċess.

*eskluż l-avvjament u eskluż l-stock tal-istess spiżerija*[173]*;*

CVI. *Nota ġuramentata tal-intimat li fiha jelenka l-ispejjeż li jinkorri għall-ulied*[174]*;*

CVII. *Dokument maħruġ mill-Awtorita' tad-Djar datat l-24 ta' Diċembru 1992 bħala risposta għat-talba ta' JS biex tbiegħ sehemha mill-plot 186 Pembroke, liema talba ġiet aċċettata mill-istess Awtorita';*

CVIII. *Rapport redatt u maħluf mill-accountant Godfrey Sammut dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-intimat għas-snin 2014 - 2016*[175]*;*

CIX. *Ir-rapport tal-Perit Komputista mqabbad minn din l-Onorabbli Qorti u ċioe' William Spiteri Bailey li jagħti valur lill-business inkluż il-proprjeta', goodwill, assi u dejn tal-istess ta' €425,888;*

*Tressqu diversi xhieda kemm dwar ir-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, kemm fuq il-kwistjonijiet relatati mal-ulied kif ukoll dwar x'jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti fosthom diversi rappreżentanti ta' diversi kumpaniji li jissuplixxu l-ispiżerjia ġestita mill-intimatC B u numru ta' xhieda oħra fuq il-mertu tal-każ odjern fosthom:*

I. ***T A***[176] *li taf liż-żewġ partijiet u li dwar il-problemi ta' bejniethom qatt ma rat xejn. Pero' ssemmi episodju fejn hi u żewġha marru jiġbruha minn fuq bank barra ħdejn il-Hotel San Ġorġ u kellha xi marki ħfief f'wiċċha u ħaduha d-dar. Tgħid li din kienet l-unika darba li rat daqqiet fuq wiċċ ir-rikorrenti u daqqa (tbenġila) fuq għajnejha li tgħid li '***assumejt min kien***'*[177]. *Dejjem taf lill-intimat jilgħab mat-tfal u b'atteġġjament friendly*;

II. ***J M***[178] *(oħt l-intimat) li tgħid li kienet tkun spiss id-dar tagħhom u ssemmi episodju li kienet preżenti għalih fejn intuża kliem provokattiv u ntużat il-*

[173] Ara a fol 3491 tal-proċess.
[174] Ara Dok. XA1 esebit mill-intimat waqt is-seduta tal-24 t'April 2017 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[175] Ara Dok. MF1 esebit mill-intimat waqt is-seduta tat-12 ta' Ġunju 2017 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[176] Ara x-xhieda tagħha quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela datata l-25 ta' Ġunju 2010 a fol 511 tal-proċess.
[177] Ara a fol 512 tal-proċess.
[178] Ara x-xhieda tagħha quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela datata l-25 ta' Ġunju 2010 a fol 512 tal-proċess.

*forza. Meta spiċċa kollox ir-rikorrenti marret torqod għand ix-xhud. Tiddikjara li qabel is-sena 2006 id-dar tagħhom kienet armata skond kif xtaqu huma. Tgħid li r-relazzjoni tal-partijiet inbidlet wara li nfetħet l-ispiżerija għax ma baqgħux 'close' pero' qatt ma rat problemi bjniethom. Li rat kien pero' nkwiet enormi li kien jikkonsisti f'affarijiet li kienu jgħiduli u l-inkwiet tal-istess xhud kien biex jingħaqdu fil-familja*[179]*;*

III. ***A G***[180] *jsemmi episodju fejn darba l-Ħadd wara nofs in-nhar kienu niżlu l-aħwa bil-familji l-Aħrax tal-Mellieħa jagħmlu picnic u kif waslu fuq il-post ra t-tlett itfal tar-rikorrenti oħtu jsawwtuha. Jispjega li kien ixxukkjat u ma riedx jemmen lil għajnejh b'dan li meta ħareġ mix-xokk ċanfar lill-istess ulied. Il-mara tiegħu ċanfrithom ukoll. Jgħid ukoll li oħtu kienet tgħidlu li wliedha jsawwtuha imma qabel ma ra b'għajnejh donnu ma riedx jemmen. Fuq dan l-episodju jgħid li l-wild AA issuppervjat u telqet 'l hemm mingħajr hadd ma jaf fejn marret u tnejn iż-żgħar baqgħu hemm probabbilment għaliex kienu għadhom żgħar wisq peress li dak iż-żmien AC kellu 7 snin u AB kellu 9 snin. Jispjega li oħtu A maret tfittex lil AA u dan għal ħin twil imma ma sabitihiex u wara li kien għadda l-ħin kienet irċeviet sms li t-tifla kien ġabarha missierha. Jirrakonta li kważi kull darba li kienu jiltaqgħu l-Ħadd għand missieru jew għand iz-zijiet tagħhom bil-familji jew fis-sajf il-baħar it-tfal kienu kontinwament jgħollu leħinhom u b'mod l-aktar arroganti jaslu kważi li joffendu lil ommhom ta' xejn b'xejn b'dan li jżid jgħid li l-wild il-kbira AA kellha influenza kbira fuq iż-żewġ subien ħutha. Jiddikjara li qatt ma ra lil oħtu ssawwat lil uliedha iżda għalih kien ċar li l-missier kien qed jimla lill-ulied kontra ommhom. Jgħid ukoll li xi 7 jew 8 snin qabel tali affidavit kien ra lill-intimat Wied iż-Żurrieq ma' mara oħra. Iżid jgħid li mhux darba jew tnejn li oħtu kellha xi ġrieħi f'ġisimha b'dan li darba partikolari ġisimha kien tbenġila waħda '**qisha qalgħet xi black eye madwar ġisimha kollu**'*[181] *u għalhekk għalih kien evidenti li oħti kienet qed tiġi msawwta. Isemmi episodju ieħor fejn hu u missierhom marru l-Għassa ta' San Ġiljan f'nofs ta' lejl biex jiġbru lill-oħtu (r-rikorrenti) wara telefonata mill-pulizija li ma kienitx fi stat li tmur lura d-dar waħedha.*

IV. ***D G***[182] *jgħid li minn mindu nfetħet l-ispiżerija oħtu kienet dejjem tmur għand*

[179] Ara a fol 513 tal-proċess.
[180] Ara l-affidavit tiegħu esebit a fol 523 tal-proċess.
[181] Ara a fol 523 tal-proċess.
[182] Ara l-affidavit tiegħu esebit a fol 525 tal-proċess.

*il-ġenituri tagħha waħedha bit-tfal li min-naħa tagħhom (fl-aħħar sentejn minn meta għamel l-affidavit tiegħu) kienu jidhru li m'għandhom ebda rispett lejn ommhom. Jispjega li qabel is-sitwazzjoni ma kienitx hekk għaliex ulied il-partijiet kellhom sens ta' ubbidjenza u rispett lejn ommhom li f'sentejn telqet kompletament. Jiddikjara li kien hu li għin lil oħtu toħroġ mid-dar b'dan li jiddikjara li ra ħabel imdendel fil-landing fuq il-dolls house li oħtu qaltlu li tali ħabel kien għall-punching bag tat-tfal li kienet tqattgħet u li kienet ħalliet il-ħabel hemm sabiex ikun lest għal punching bag ġdid. Jgħid li ħalliet kollox jaħdem u li ma kien hemm l-ebda perikolu ta' dawl u ilma b'dan li kienet qed tuża wkoll il-washing machine.*

V. ***C B***[183] *bħala kollega tagħha l-GRTU tgħid li l-intimat kien jinterrompi lir-rikorrenti fuq xogħolha permezz tal-mobile u t-telephone fiss u kien itellfilha l-konċentrazzjoni u skond hi, tali interruzzjonijiet wasslu sabiex ir-rikorrenti tilfet xogħolha. Tispjega li kienet tisma' lir-rikorrenti tgħidlu li ma setgħetx titkellem fuq ix-xogħol imma kien jibqa' jippersisti b'dan li kien jgħajjat mal-staff meta ma kienux jgħaddulu t-telefonati u kien jibqa' jċempel anke jekk jgħidulu li tkun qiegħda f'meeting. Tgħid li rat xi tbenġil fuq idejha.*

VI. ***M G***[184] *(il-mara ta' A G, ħu r-rikorrent) tiddiskrivi lill-intimat bħala raġel li għall-bidu kien 'nice' ħafna iżda maż-żmien beda juri l-karattru tiegħu. Tuża kliem bħal 'serp' u 'lupu' għax kapaċi jingannak. Issemmi episodju fejn kellhom imorru d-dar tal-partijiet minħabba xi argument jaħraq bejniethom b'dan li l-intimat assigurhom li kollox kien sew. X'ħin daru l-kantuniera reġgħu irċevew telefonata u marru lura u sabu li kien garralha siġġu. Tgħid li ġieli semgħetu jgħajjar lill-kunjati tiegħu b'dan li darba minnhom qallhom '**ejjew ħudu lil A minn hawn għax ser noqtolha**'. Tispjega li wara l-inċident tas-siġġu l-intimat ma kienx jattendi għall-attivitajiet tal-familja ta' martu minkejja li kien ikun mistieden.*

*Tgħid li bdiet tara wkoll tibdil fit-tfal, speċjalment meta bdew il-proċeduri ta' separazzjoni b'dan li tgħid li r-rikorrenti spjegatilha li t-tifla AA tarmi l-ikel li tkun preparatilha ommha mal-art jew fiż-żibel. Tispjega li filli tali tfal kienu jaduraw lil ommhom u filli bdew jistmawha ħażin u għaliha kien ċar li l-intimat kien qed jgħawwi lill-ulied kontra ommhom biex ikissirha.*

---

[183] Ara a fol 527 tal-proċess u a fol 2788 tal-proċess *stante* li għal xi raġuni tali affidavit ġie preżentat aktar minn darba.

[184] Ara a fol 528 tal-proċess.

*Issemmi episodju wkoll fejn rat lill-ulied isawwtu lil ommhom u dan ġara fil-ġurnata tal-Għid, l-Aħrax tal-Mellieħa. Wara li kellmu lit-tifla AA b'mod iebes, telqet inkiss inkiss u r-rikorrenti ma setgħetx issibha b'dan li lanqas bdiet tirrispondi l-mobile tagħha. Wara rċeviet messaġġ li kien ġabarha missierha. Tgħid li kien hemm okkażżjoni oħra fejn it-tifel AC kien sawwat lil ommu.*

*Tgħid ukoll li r-rikorrenti kienet tkun dejjem waħedha bit-tfal, speċjalment wara li nfetħet l-ispiżerija b'dan li missierhom ma riedx jaf b'uliedu. Kien biss bl-ordni tal-Qorti li beda jiħodhom. Issemmi wkoll l-inkwiet li kellha r-rikorrenti fuq l-iskejjel tas-subien u li l-intimat ma riedx iħallas u kemm kienet inkwetata wkoll fuq saħħet binha AB b'dan li kienet tieħu ħsieb l-appuntamenti kollha hi.*

*Tispjega li l-bidla li saret fl-intimat kien meta nfetħet l-ispiżerija u bdew deħlin il-flus u minflok ma baqa' jagħmel affarijiet b'idejh abbanduna l-familja.*

*Tgħid ukoll li mhux l-ewwel darba li rat tbenġil fuq ir-rikorrenti u ssemmi episodju fejn żewġha Arthur u missieru marru għaliha l-għassa ta' San Ġiljan wara xebgħa li kien taha l-intimat. Tirrakkonta kif ir-rikorrenti ma kienitx tinżel tgħum u kienet dejjem tilbes ilbies twil biex tgħatti t-tbenġil u kien bi sforz li r-rikorrenti kienet tiftaħ qalbha u kienet tgħidilha fuq is-swat u l-vjolenza li kienet tiġi subita għalih minn żewġha kif ukoll li l-intimat kien jieħu dangerous drugs u alcohol.*

*Tagħlaq l-affidavit tagħha billi tgħid li rat lill-intimat 'close' ma' tfajla oħra f'spizerija l-Qawra imma meta Joe Tabone (li kien magħhom) qallu jekk hux all right l-intimat injurhom.*

*VII.* ***J V***[185] *jgħid li hu ħabib tal-familja tar-rikorrenti b'dan li ilu jaf lill-istess rikorrenti għal ħafna snin b'dan li kien jaraha dejjem waħedha mat-tfal (u dan qabel ma bdew il-problemi fiż-żwieġ tal-partijiet). Jgħid pero' li maż-żmien it-tfal bdew jinbiddlu u ma baqgħux jaġixxu tajjeb magħha, speċjalment it-tifla AA. Maż-żmien anke s-subien inbiddlu. Jispjega li qabel ma ġara dan kollu t-tfal kienu bil-kontra – komdi m'ommhom u jibżgħu minn*

[185] Ara a fol 533 tal-proċess.

*missierhom.*

*Jgħid ukoll li għamel numru ta' xogħolijiet fid-dar matrimonjali li ma tħallasx għalihom peress li ħabib tal-familja u li tali xogħolijiet saru għaliex ir-rikorrenti spjegat li hi kienet ser tieħu d-dar filwaqt li l-intimat jieħu l-ispiżerija. Jagħti lista tal-affarijiet li kellhom isiru u x'sab meta daħal fid-dar b'dan li jżid jgħid ukoll li r-rikorrenti stħat iddaħħlu ġewwa biex jara x'hemm bżonn isir. Għalih kien ċar li kien hemm il-vjolenza u nuqqas ta' armonija kbira f'dik id-dar. Għalkemm ma kienx tal-idea li tali xogħolijiet isiru qabel is-separazzjoni tal-partijiet, ir-rikorrenti nsistiet għaliex riedet tneħħi l-memorji koroh li kellha f'dik id-dar. Jiċċara wkoll li fiż-żmien li għamel tali xogħolijiet l-intimat kellu aċċess għad-dar u qatt ma kien hemm problemi ħlief meta kien kważi lesta x-xogħol u l-intimat aggredih mingħajr raġuni u r-rikorrenti ħasbet li jkun aħjar li tali xogħolijiet ma jitkomplewx minnu. Kien anke wassallu messaġġ biex ma jgħinx lir-rikorrenti imma ma tax każ. Minn dak li qaltlu r-rikorrenti, l-intimat kien jiżvojta l-fliexken tal-Vodka u l-Bacardi.*

*Jispjega li kien hu li waħħal il-ħabel għall-punching bag li mill-ewwel tqaċċat u li r-rikorrenti ħalliet hemm sabiex tissostitwixxi l-punching bag b'wieħed aħjar.*

*VIII.* ***P A***[186] *ħabiba tar-rikorrenti tgħid li meta l-partijiet bdew joħorġu flimkien kienet ratha stramba li kien l-intimat li beda jixtri l-ħwejjeġ lir-rikorrenti u dan peress li hi kellha l-gosti tagħha u kienet taf kif għandha bżonn iżżomm ruħha. Tispjega li kienu jmorru għand xulxin b'dan li kien ikun l-intimat li jsajjar għaliex skond martu, l-ikel tagħha kien jikkritikah u ħafna drabi ma kienx jieklu. Ssemmi episodju fejn rat lill-intimat bit-tfal il-festa u staqsietu fuq ir-rikorrenti. Infurmaha li kienet imsiefra l-Amerika fuq xogħol u qallha '****il-birthday girl kienet fil-hurricanes****' (dan fi żmien meta kien hemm ħafna urigani fl-Amerika) u ratha stramba kif l-intimat ma kienx imħasseb jew inkwetat. Tirrakkonta kif snin wara ltaqgħet mar-rikorrenti u qaltilha li kienet għaddejja bis-separazzjoni u minn xhiex kienet għaddiet u bdiet tagħmel kuntatt aktar frekwenti magħha biex tkun ta' sapport għaliha. Fiż-żmien li nkiteb dan l-affidavit (Settembru 2010) ix-xhud tgħid li rat kambjament fl-aġir tal-ulied b'dan li kienu qed jaġixxu b'nuqqas ta' rispett*

[186] Ara a fol 537 tal-proċess.

*lejn ommhom. Tagħlaq billi tgħid li hi sorpriża ferm bid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti t'April 2010 għaliex qatt ma immaġinat li dan jista' jiġri peress li r-rikorrenti hi omm li dejjem ħadet ir-rwol tagħha t'omm bis-serjeta' u b'sens ta' responsabbilita'.*

IX. ***P C**[187] tgħid li ilha taf lill-partijiet minn mindu t-tifel tagħhom AC kien għadu tarbija. Issemmi episodji li kienu imbarazzanti għaliha jew għal terzi mill-mod ta' kif ikkomporta ruħu l-intimat.*

*Tgħid li madwar erba' (4) snin qabel ma ġie maħluf l-affidavit tagħha, l-intimat kien taha warda (rose) għal valentine's day lil ċerta Janet Debattista, mpjegata tar-raġel tagħha u li skond żewġha, l-intimat kien ma' mara miżżewġa li wiegħditu li kienet ser titlaq lir-raġel għalih u meta hu telaq lir-rikorrenti, din il-mara m'għamlitx l-istess.*

*Issemmi wkoll dettalji li hi ma tafx personalment imma x'semgħet tramite membru tal-familja tal-intimat.*

*Tiddikjara pero' li kienet tara lir-rikorrenti għall-klassi tal-ballet tal-wild AA, għaliex ġeneralment kienet twassal lil AA hi u marament kien imur l-intimat. Tgħid ukoll li skond dak li qaltilha r-rikorrenti, l-intimat kien juża kliem ta' tgħajjir magħha bħal per eżempju 'miġnuna' u li ser tispiċċa l-manikomju – kliem li kien juża wkoll żewġha li issa hu ħabib tal-intimat ukoll (għalkemm qabel ma ssepara minn max-xhud ma kienx ikun irid ikun miegħu).*

*Tiddikjara li r-rikorrenti kienet tinkwieta fuq l-edukazzjoni u s-saħħa tat-tfal speċjalment fuq l-iskola tas-subien għaliex l-intimat kien jhedded li mhux ser ikompli jħallas u li ser jibgħathom fi skola tal-Gvern u fuq is-saħħa tal-wild AB. Tispjega kif ir-rikorrenti qaltilha dwar id-diffikultajiet relatati mal-aċċess u l-ħin li l-ulied kienu jqattgħu ma' missierhom u li kienu qed isiru allegazzjonijiet foloz fil-konfront tagħha għaliex kienet qed teħel hi għat-tbenġil tal-wild AB meta dawn kienu jkunu riżultat tal-Judo. Pero' minkejja kollox ir-rikorrenti kienet tipprova tikkuntenta lil uliedha kemm jista' jkun.*

[187] Ara a fol 539 tal-proċess.

X. ***A M T***[188] *(oħt ir-rikorrenti) tgħid li saret taf lill-intimat is-Sixth Form qabel oħtha. Tgħid li bdiet tara lill-intimat minn lat ieħor fit-23 ta' Novembru 2003 meta l-partijiet kellhom xi jgħidu bi kbir (tant li fid-dar tagħhom kien hemm turmoil kbir) u għalkemm telqet meta ħasbet li s-sitwazzjoni kienet ikkalmat, ftit wara rċeviet telefonata biex tmur lura u sabet lill-intimat li kien qed jgħolli siġġu għal fuq oħtha. Issuġġerew lir-rikorrenti biex tmur id-Dar tal-Buon Pastur iżda rrifjutat u baqgħet tinsisti li trid tibqa' d-dar għax ma riditx tħalli lit-tfal warajha. Tiddiskrivi lill-intimat bħala raġel li jaf jilgħab bl-emozzjonijiet u li jagħmel psychological pressure u manipulazzjoni assoluta fuq martu. Tgħid li oħtha baqgħet tissaporti kollox bit-tama li trabbi lil uliedha f'familja u ambjent li kull wild jistħoqqlu.*

*Tirrakkonta kif fil-21 ta' Settembru 2004 rat lill-intimat fil-kumpanija ta' mara oħra l-Blue Grotto ż-Żurrieq iżda ma qalet xejn lil oħtha biex ma tweġġagħhiex aktar għalkemm saret taf mingħand kuġina oħra. Tgħid li għalkemm ċemplilha biex jirringrazzjaha talli per eżempju ħadet lit-tfal Għawdex u xtaq li minkejja kollox, tali relazzjoni sabiħa (anke bejn it-tfal li huma kuġini) ħasset li kienet qed tiġi manipulata u ma setgħetx temmen kif l-intimat kien qed jgħidilha li jitkellem pożittiv fuq martu meta mbagħad b'għajnejha stess kienet qed tara d-differenza fl-aġir u l-attitudni tal-istess ulied versu ommhom. Issemmi episodju li ġara għall-ħabta tal-Għid, liema episodju pero' ma ratx b'għajnejha u ma kienitx xhud tiegħu pero' hu biss dak li qaltilha r-rikorrenti oħtha. Tirrakkonta kif l-attitudni tal-ulied lejn ommhom (pendenti s-separazzjoni) ma kienitx waħda tajba u li tgħidilhom x'tgħidilhom fejn kienet bi ħsiebha toħroġhom kienu jgħidulha li ma jogħġobhomx u tikkonkludi li t-tfal ġew brainwashed kontra ommhom.*

*Tiddikjara li qatt ma rat lil oħtha ssawwat lil uliedha pero' rat lill-iben AB isawwatha fis-sena 2009 meta kienu ċ-Ċirkewwa. Tgħid pero' li qabel qatt ma kienet rat problemi bejn l-ulied u ommhom b'dan li din tal-aħħar dejjem kienet prattikament tkun waħedha m'uliedha u tieħu ħsiebhom f'kull aspett. Iżda kollox inbidel meta l-intimat ippjana biex jieħu t-tfal billi l-ewwel beda b'AA għax irrealizza li b'hekk biss seta' jgawdi mid-dar u l-ispiżerija.*

*Tiddikjara li meta l-intimat telaq mid-dar oħtha għamlet xi xogħol estensiv fid-dar bil-għan li uliedha u hi jgħixu komdi fiha. Tagħlaq billi tgħid li l-*

---

[188] Ara a fol 542 tal-proċess u a fol 2822 *stante* li għal xi raġuni tali affidavit ġie intavolat in atti aktar minn darba.

*intimat kien assenti fil-ħajja ta' martu u wliedu b'dan li beda jieħu interess f'uliedu biss meta bdew il-proċeduri l-Qorti.*

XI. ***R F***[189] *jgħid li jaf lill-familja tal-attriċi u kien ikun fil-preżenza tal-ulied subien meta jkun qed jistad b'dan li seta' jara li kien hemm rispett u mħabba lejn ommhom da parti tat-tfal. Is-sena ta' wara kienet anke talbitu biex jgħin lit-tifel AB fil-Malti biex jitkellem miegħu bil-Malti u billi minn ġimgħa għal ġimgħa t-tifel jipprepara komponiment bil-Malti bit-tama li ma jkollux għalfejn jirrepeti s-sena skolastika. Jgħid b'sodisfazzjon li mbagħad AB għadda mir-resit u ġie promoss għas-sena ta' wara. Jispjega wkoll li waqt tali sajd li x-xhud kien jagħmel mal-ulied subien, ir-rikorrenti kienet ta' kull nofs siegħa tiċċekkja li t-tfal qiegħdin jixorbu, li għandhom sun-tan lotion, li għandhom il-kappell...insomma affarijiet li juru li l-omm kellha l-aħjar interess t'uliedha għal qalbha. Jiddiskrivi lir-rikorrenti bħala a mother hen. Jgħid li dak is-Sajf sar jaf mingħand it-tifel AB li l-ġenituri tiegħu kienu qed jisseparaw u seta' jara li t-tifel biddel l-attitudni tiegħu versu ommu b'dan li skond hu kien ċar li xiħadd (li jippreżumi li hu missieru) avvelinah kontra ommu b'dan li x-xhud baqa' jinsisti mal-minuri biex iħobb u jirrispetta liż-żewġ ġenituri. Minkejja li fis-Sajf 2008 is-subien kienu entużjasti li jkunu max-xhud jistadu, l-istess xhud jgħid li ra differenza kbira s-Sajf ta' wara fejn AB ma baqax imur daqshekk ħdejh fuq il-blat u donnu ma baqax daqstant entużjast tas-sajd jew fil-ħbiberija ta' bejniethom. Kien jidher ċar li t-tifel kien avvalenat kontra ommu b'dan li beda juża kliem pastaż u degredanti fuq ommu u kien jiddefendi lil missieru għax hekk kien jidher li qed jiġi mrawwem. Jgħid li qatt ma ra lir-rikorrenti ssawwat lil uliedha imma żied jgħid ukoll li AB ried imur jgħix ma' missieru għaliex ommu kienet iżżommlu d-dixxiplina filwaqt li missieru kien iħallih jagħmel li jrid.*

*Jgħid li qatt ma ra lill-intimat b'dan li qabel dan kollu, t-tfal kienu jqattgħu ħafna ħin iċ-Ċirkewwa m'ommhom u mal-familja tagħha. Jattribwixxi l-fatt li AB ġab distinction fi presentation fuq is-sajd għal dak li għallmu hu u li ċertament ma kienx missieru li għallmu tali affarijiet għax skond ma qaltlu r-rikorrenti, l-intimat qatt ma wera interess f'uliedu u qatt ma qatta' ħin magħhom jew ħadhom il-baħar b'dan li qabel ma ġew intavolati l-proċeduri legali kienet titkarrablu biex jieħu t-tfal imma kien jgħidilha li jekk ittih it-tfal kien ser jitfagħhom quddiem it-television;*

[189] Ara a fol 547 tal-proċess.

*Sussegwentement jippreżenta wkoll affidavit ulterjuri*[190] *jgħid li kellu okkażjoni fejn tkellem mal-wild AB fejn dan tal-aħħar qallu li qiegħdin joqgħodu ma' missierhom u li tali dar m'għadhiex t'ommhom. Ix-xhud jispjega li prova jgħidli li din hija d-dar t'ommu wkoll iżda t-tifel ma riedx jaf għax skond hu, missieru hekk jgħidlu. Jgħid ukoll li l-minuri AB stqarr miegħu li missieru kien jgħidilhom li kieku ma kienx hu għalihom, ommhom kienet iġġennen mhux biss lilu iżda lill-ulied ukoll, li kien hu li salvalhom ħajjithom minn ommhom, li kien hu li ddefendihom u proteġihom minn ommhom u li hu persuna kalma u mhux irrabjat bħal ommhom. Kien għalhekk li kellem lir-rikorrenti biex jerġa' jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament oħra għaliex ħass li l-intimat kien qed jagħmel ħafna ħsara fuq it-tfal.*

XII. ***Francis Stivala***[191] *in rappreżentanza tas-soċjeta` Owl Services Limited jgħid li r-rikorrenti hija impjegata tal-kumpanija li jirrappreżenta b'dan li inizzjalment kellha kuntratt definit għal 31 xahar bejn is-16 t'April 2007 sal-15 ta' Novembru 2009. Imbagħad talet li taqa' fuq bażi part-time u sar kuntratt definit ieħor ta' 16 -il ġimgħa mit-28 ta' Mejju 2007 sas-16 ta' Settembru 2007 bl-intiża li f'Settembru 2007 tiġi riveduta l-posizzjoni tagħha, liema reviżjoni saret u r-rikorrenti infurmatu li ma setgħetx taqleb għal full-time minħabba li riedet tieħu ħsieb lit-tfal. Kien għalhekk li sar kuntratt ieħor fuq bażi part-time bejn is-17 ta' Settembru 2007 sas-16 ta' Settembru 2008 b'tiġdid awtomatiku minn sena għal sena fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni jew informazzjoni oħra minn kull parti. Jippreżenta 3 kuntratti t'impjieg*[192] *u 4 returns*[193]*. Jispjega minħabba bdil fil-management il-kuntratt tar-rikorrenti ġie terminat pero' ingħatat xogħol fuq bażi part-time fuq talba tal-istess xhud u ddikjara wkoll li '**definittivament ser taħdem fuq bażi part-time**'*[194]*. Fiż-żmien tali xhieda Francis Stivala jgħid li saritilha proposta ta' kuntratt ġdid li kienet għadha pendenti u r-rikorrenti ma kienitx għadha tat risposta dwarha.*

---

[190] Liema Affidavit hu esebit a fol 1736 tal-proċess

[191] Ara x-xhieda tiegħu datata s-16 ta' Settembru 2010 a fol 568 tal-proċess, ix-xhieda tiegħu datata l-10 ta' Ġunju 2016 kif ukoll dik tal-25 t'Ottubru 2016 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien

[192] Ara Dok. FS1 sa' FS3 esebiti a fol 575 sa' 580 tal-proċess.

[193] Ara FS4A sa' FS4D esebiti a fol 581 sa' 584 tal-proċess.

[194] Ara x-xhieda tiegħu quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela datata s-16 ta' Settembru 2010 a fol 569 tal-proċess kif ukoll ix-xhieda tiegħu datata l-10 ta' Ġunju 2016 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.

*Imbagħad fix-xhieda tiegħu sussegwenti*[195] *jgħid li bħala l-persuna li sas-sena 2010 kien is-CEO jixhed fuq l-impjieg tal-attriċi mal-istess imsemmija soċjeta' bejn is-sena 2007 sa' Diċembru 2010 b'dan li jiddikjara wkoll li wara dik id-data l-kuntratt ma ġiex imġedded. Sussegwentement u in kontro-eżami tieghu kkoreġa ruhhu u spjega li hu ma okkupax il-post ta' CEO wara it-2010 u li fix-xhieda tiegħu preċedenti kien straħ fuq dokumenti li kien sab fil-file. Jgħid li meta mar lura biex jagħmel verifiki ulterjuri induna li l-attriċi effettivament kellha FS3's għas-snin 2011 sat-2015*[196] *iżda xorta ma sab ebda kuntratt. Mistoqsi fuq is-siegħat li kienet taħdem l-attriċi x-xhud iwieġeb li ma jafx iżda li anki meta hu kien għadu hemm kienet naqqset is-siegħat. Fi kliem l-istess xhud - "**Aħna konna flessibbli fil-ħinijiet li kienet tgħid l-attriċi li tista' taħdem**";*

XIII. ***<u>Noel Paris</u>***[197] *(in rappreżentanza ta' Volksbank Limited) jgħid li għamel riċerka fuq l-intimat u ma sab xejn. Permezz ta' xhieda sussegwenti jiddikjara li lanqas fuq ir-rikorrenti ma sab kontijiet*[198]*;*

XIV. ***<u>Katrina Buhagiar</u>***[199] *(in rappreżentanza ta' Banif Bank Malta Plc) tgħid li għamlet riċerka fuq il-partijiet u ma sabet xejn;*

XV. ***<u>David Galea</u>***[200]*(in rappreżentanza ta' APS Bank Limited) jgħid li għamel riċerka fuq il-partijiet u ma sab xejn;*

XVI. ***<u>Jeanette Lepre</u>***[201] *(in rappreżentanza ta' Lombard Bank Malta Plc) tgħid li għamlet riċerka fuq l-intimat u ma sabet xejn. Sussegwentement permezz tax-xhieda tagħha mogħtija fis-7 t'Ottubru 2010 tiddikjara li ma sabet xejn lanqas fuq ir-rikorrenti*[202]*;*

---

[195] Ara x-xhieda tiegħu datata l-10 ta' Ġunju 2016.
[196] Liema FS3's gew ezebiti u mmarkati bhala FS1 sa FS5).
[197] Ara x-xhieda tiegħu datata s-16 ta' Settembru 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 570 tal-proċess.
[198] Ara x-xhieda tiegħu datata s-7 t'Ottubru 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 959 tal-proċess.
[199] Ara x-xhieda tagħha datata s-16 ta' Settembru 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 570 tal-proċess.
[200] Ara x-xhieda tiegħu datata s-16 ta' Settembru 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 570 tal-proċess.
[201] Ara x-xhieda tagħha datata s-16 ta' Settembru 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 570 tal-proċess.
[202] Ara x-xhieda tagħha datata s-7 t'Ottubru 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 958 tal-proċess.

XVII. ***Romauld Attard***[203] *(in rappreżentanza ta' Bank of Valletta Plc) jgħid li mir-riċerka li għamel fuq l-intimat sab 7 kontijiet mis-sena 1993 'il quddiem*[204]*. Permezz ta' xhieda sussegwenti*[205] *jgħid ukoll li sab 4 kontijiet fuq ir-rikorrenti*[206]*. Sussegwentement jerġa' jixhed*[207] *u jesebixxi r-riċerka fuq ir-rikorrenti*[208] *u żewġ kontijiet konġunti*[209]*. Jiddikjara li l-aħħar transazzjoni fuq il-Budget Account*[210] *li jiddikjara li għadu in operation u attiv saret fl-10 ta' Marzu 2010 u kienet withdrawal;*

XVIII. ***Spettur Trevor Micallef***[211] *li jesebixxi numru ta' rapporti*[212] *li saru mir-rikorrenti jew minn terzi kontra l-intimat u 11 -il rapport magħmula mill-intimat kontra r-rikorrenti*[213]*;*

XIX. ***PS157***[214] *li jesebixxi 17-il rapport magħmul mir-rikorrenti kontra l-intimat*[215]*;*

XX. ***Audrey Ghigo***[216] *(in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta Plc) tgħid li fir-riċerka tagħha setgħet tmur lura biss sas-sena 1993 minħabba raġunijiet ta' retention period tal-Bank pero' marret lura fir-riċerka tagħha kemm setgħet. Tippreżenta Dok. XY1*[217] *li hu current account f'isem l-intimat immarkat 'San Giorgio Pharmacy', Dok. XY2*[218] *f'isem l-intimat li hu magħluq, Dok. XY3*[219] *(savings account f'isem l-intimat), Dok. XY4*[220] *(Visa Gold Statement*

---

[203] Ara x-xhieda tiegħu datata s-16 ta' Settembru 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 571 tal-proċess.
[204] Ara Dok. RA1 sa' RA7 esebiti a fol 585 sa' 907 tal-proċess.
[205] Ara x-xhieda tiegħu datata s-7 t'Ottubru 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 959 tal-proċess.
[206] Ara Dok. XX1 sa' Dok. XX4 esebiti a fol 1022 sa' 1039 tal-proċess.
[207] Ara x-xhieda tiegħu datata t-18 t'Ottubru 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 1366 tal-proċess.
[208] Ara Dok. AR1 sa' Dok. AR4 esebiti a fol 1407 sa' 1432 tal-proċess.
[209] Ara Dok. AR5 sa' Dok. AR6 esebiti a fol 1433 sa' 1650 tal-proċess.
[210] Esebit a fol 1433 tal-proċess.
[211] Ara x-xhieda tiegħu datata s-27 ta' Settembru 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 908 tal-proċess.
[212] Ara Dok. TM1 sa' Dok. TM9 esebiti a fol 911 sa' 930 tal-proċess.
[213] Ara Dok. TM10 sa' Dok. TM20 esebiti a fol 931 sa' 957 tal-proċess..
[214] Ara x-xhieda tiegħu datata s-7 t'Ottubru 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 958 tal-proċess.
[215] Ara Dok. PC1 sa' Dok. PC17 esebiti a fol 963 sa'1021 tal-proċess.
[216] Ara x-xhieda tagħha datata s-7 t'Ottubru 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 959 tal-proċess.
[217] Esebit a fol 1040 tal-proċess.
[218] Esebit a fol 1277 tal-proċess.
[219] Esebit a fol 1281 tal-proċess.
[220] Esebit a fol 1285 tal-proċess.

*Account f'isem l-intimat) u Dok. XY5*[221] *(statement ta' kont konġunt f'isem iż-żewġ partijiet għalkemm ix-xhud tiddikjara li r-riċerka saret fuq l-intimat). Permezz ta' xhieda ulterjuri*[222] *mbagħad tippreżenta r-riċerka fuq ir-rikorrenti*[223] *u tippreżenta wkoll overdraft agreement*[224].

XXI. ***A G***[225] *(missier ir-rikorrenti) jibda l-affidavit tiegħu billi jgħid li kienu hu u martu li għamlu t-tieġ tal-partijiet. Jgħid ukoll li biex tellgħu id-dar sellfu lill-partijiet is-somma ta' Lm6000 pero' qatt ma saret xi forma ta' kitba dwar tali self pero' jgħid li qatt ma basar li l-intimat kien ser jibgħat risposta biex jekk iridu l-flus lura setgħu imorru jieħdu l-ġebel! Jiddikjara li tali ammont qatt ma tħallas lura kollha. Jgħid ukoll li bintu ħarġet Lm10,000 għad-dar filwaqt li l-intimat ħadem b'idejh b'dan li l-intimat ħadlu ħafna għodda li qatt ma ġiet ritornata. Jiddiskrivi lill-intimat bħala raġel li jgħid kliem b'ieħor u li m'għandux kelma ta' raġel u jġib xi eżempji biex juri dan. Dwar l-ulied ix-xhud mill-ewwel jagħmel distinzjoni bejn AA u s-subien AB u AC għax skond l-istess xhud, l-intimat qatt ma riedhom lis-subien u meta kienu jinżlu l-ispiżerija kien ikeċċihom.*

*Jispjega li meta l-intimat telaq mid-dar matrimonjali kera appartament b'dan pero' li dejjem kellu aċċess għad-dar matrimonjali u dan sad-digriet t'Ottubru 2008. Jgħid ukoll li kien hemm perjodu ta' 8 xhur fejn l-intimat ma ħallasx manteniment u kellhom ikunu hu u martu li jgħinu lil binthom.*

*Il-konvenut qatt ma taha kaz tat-tfal ghax kien jghid li m'ghandux pacenzja. Nel fratemp AA telghet bix-xorti St. Joseph fejn kienu attendew it-tfal tieghi.C hareg lit-tifla mill-iskola ghal xi zmien u reggha dahhallha. Huwa ma redhiex fl-iskola fejn tghalmet martu. Jgħid li l-intimat ma riedx iħallas għall-iskejjel privati tas-subien b'dan li fil-bidu tas-sena skolastika 2009 – 2010 ħallas biss nofs il-miżata u għamel mezz sabiex ir-rikorrenti tirċievi l-invoices biex skond ix-xhud iġenninha peress li ma kellhiex mezzi. Jgħid li kien bis-saħħa tiegħu li t-tifel daħal is-Seminarju.*

*Jagħti eżempji tal-brainwashing li skond hu jagħmel l-intimat m'uliedu*

[221] Esebit a fol 1348 tal-proċess.
[222] Ara x-xhieda tagħha datata t-18 t'Ottubru 2010 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela esebita a fol 1366 tal-proċess.
[223] Ara Dok. GA1 sa' Dok. GA10 esebiti a fol 1369 sa' 1403 tal-proċess.
[224] Ara Dok. GA11 esebit a fol 1404 tal-proċess.
[225] Ara l-affidavit tiegħu esebit a fol 1355 tal-proċess.

*kontra ommhom u kemm għandu influwenza fuq l-istess ulied tant li wara li jkunu miegħu, jgħidu kliem iebes ta' mibgħeda lil ommhom. Jispjega li kien juża affarijiet materjali biex 'jixtri' t-tfal kontra ommhom bħall-eżempju tad-debba li xtara lil AA.*

*Jgħid li għalkemm dam ma sar jaf li r-raġel ta' bintu kien qed isawwatha, jsemmi episodju fejn hu u ibnu Arthur marru għar-rikorrenti l-għassa fis-siegħat bikrin ta' filgħodu. Jgħid li ta' spiss kien ikollha tbenġil fuq ġisimha.*

*Isemmi l-episodju li jsemmi ibnu meta allegatament ra lill-intimat il-Blue Grotto f'ġurnata tal-Ħadd ma' tfajla f'Wied iż-Żurrieq. Iżda dan l-episodju jaf dwaru tramite wliedu għaliex hu ma rax b'għajnejh – sar jaf minn uliedu li ċemplulu biex jinfurmawh u hu min-naħa tiegħu ċempel lil omm l-intimat.*

*Jgħid ukoll li peress li l-intimat kien l-unika persuna fil-familja li ma kellux karozza, hu u martu qabdu u xtrawlu waħda b'dan li l-uniku grazzi li ħadu mingħandu kien li wara ftit xhur kisser il-windscreen, għalkemm kien qal li wadbulu ġebla. Kienu wkoll jisilfuh is-somma ta' Lm3000 kull darba li kien imur mar-raġel t'oħtu biex jagħmel xi negozju tal-ħwejjeġ pero' jgħid li tali flus dejjem ħadhom lura avolja kien ikun tilef l-interessi fuqhom;*

*XXII.* ***__E G__***[226] *(omm ir-rikorrenti u l-mara ta' A G) li tkkonferma l-affidavit ta' żewġha fl-intier tiegħu;*

*XXIII.* ***__L T__***[227] *li permezz tiegħu tiċħad bl-aktar mod kategoriku li għandha relazzjoni mal-intimat u li qed tgħix miegħu u rriservat id-dritt ta' kull azzjoni legali spettanti lilha mil-liġi;*

*XXIV.* ***__S G C__***[228] *(l-mara ta' ħu r-rikorrenti) li tgħid li darba fost l-oħrajn rat lill-intimat b'persuna maġenbu wara l-kanċelli tal-iskola Sir Adrian Dingli Junior Lyceum b'dan li fis-6 t'Ottubru 2010 ratu ħiereġ mill-kanċelli tal-iskola waħdu. Tiddikjara li bint il-partijiet qatt m'attendiet tali skola. Minn diskors li sar ma' terzi waslet għall-konklużjoni li din il-persuna kienet Yanika Tabone. Tgħid ukoll li bintha rat lill-minuri AC jiġi mwassal l-iskola*

[226] Ara l-Affidavit tagħha esebit a fol 1364 tal-proċess.
[227] Ara l-Affidavit tagħha esebit a fol 1653 tal-proċess li għal xi raġuni jerġa' jiġi intavolat u hu esebit a fol 2445 tal-proċess.
[228] Ara l-Affidavit tagħha esebit a fol 1713 tal-proċess.

*minn mara b'xagħrha isfar. Tiddikjara li qatt ma rat lir-rikorrenti ssawwat lil uliedha jew tgħajjat magħhom ħlief biex tikkoreġihom wara li l-istess ulied ikunu wrew nuqqas ta' rispett lejn ommhom;*

*XXV.* ***N W***[229] *tgħid li bħala l-kuġina tal-attriċi ilha tikkomunika magħha għal dawn l-aħħar 4 snin mill-Awstralja b'dan li tgħid li tikkomunika mal-minuri AB permezz tal-email b'mod regolari. Iżżid tgħid li waqt iż-żjara tagħha hawn Malta (f'Novembru 2008) wieħed mis-subien qal "**my father said that he wants my brother and I so that he can have the house and then come back to our house in Pembroke to live**" u żżid tgħid li skond wieħed mill-ulied, meta l-istess minuri jkollhom sleepover ma' missierhom, it-tifla AA torqod mal-missier – "**....my sister does not have her own bedroom. She sleeps with my father all the time**" u żżid tgħid li skond l-istess minuri, t-tifla ta' 14 – il sena għandha tieqaf torqod ma' missierha u tħalli lilu jorqod mal-missier. Tispjega li fil-professjoni tagħha din l-informazzjoni hija ta' concern għaliha għaliex tħoss li l-minuri qed jitpoġġew f'sitwazzjoni ta' osservanza fejn jaraw lil oħthom torqod ma' missierhom. Tagħmel paragun tar-residenza f'Pembroke u l-appartament fejn kien qed isir tali aċċess u sleepover fejn l-istess minuri AA kellha wkoll il-kamra tas-sodda tagħha. Tissuġġerixxi nvestigazzjoni u li l-aċċess favur il-missier ikun supervised sakemm il-kwistjoni tirrisolva u li l-ulied jiġu assessed psikoloġikament. Iżżid tgħid li tħoss li hemm bżonn tac-child protection involvement minħabba "**the unhealthy environment this young girl and her brothers as well as the psychological and emotional implications from this unhealthy environment. There is, I believe, fear for the safety of the children and the mother**".*

*Fil-mori tal-kawża mbagħad jiġi preżentat affidavit aktar dettaljat tal-istess xhud*[230] *fejn wara li tagħti background tal-edukazzjoni tagħha fil-psikoloġija tgħid tgħid li bdiet tinnota li s-subien kienu qed jippreżentaw ruħhom b'mood swings u behaviour issues partikolarment qabel l-aċċess ma' missierhom u wara tali aċċess b'dan li kienu jirrirornaw għand ommhom mingħajr ma jkunu lestew il-homework u ommhom kienet tgħinhom minkejja li jkunu għajjenin. Tannetti ritratti tal-ulied m'ommhom bil-bidu taż-żjara tagħha f'Malta*[231]*. Tiddiskrivi lir-rikorrenti bħala omm tajba, intelliġenti u*

[229] Ara l-ewwel affidavit tagħha esebit a fol 34 tal-proċess u għal darb'oħra a fol 1731 tal-proċess.
[230] Ara l-Affidavit tagħha esebit a fol 1714 tal-proċess.
[231] Ara a fol 1729 u 1730 tal-proċess.

*taf tieħu ħsieb lil uliedha filwaqt li tiddiskrivi lill-wild AA (li dak iż-żmien kienet qed tgħix ma' missierha) bħala tifla b'attitudni li mhix tajba u pastaża fil-konfront t'ommha. Tgħid li setgħet tosserva wkoll li r-rikorrenti kienet tibża' minn żewġha u li kien evidenti għaliha (anke minħabba l-background tax-xogħol tagħha) li r-rikorrenti "**...has been through a very manipulative, psychologically abusive, emotional abuse and damaging relationship and the scars are deep**"[232]. Tiddiskrivi lill-intimat bħala raġel "**...dangerous, manipulative, controlling and calculating man. I observed and noted that he uses and manipulates his children; in the same way he did and still does his wife, A**"[233]. Tgħid li r-rikorrenti baqgħet tittama li l-ħajja matrimonjali titranġa u li l-intimat jiġi f'sensih u li tali stat faċilment seta' jwassal sabiex l-intimat jużah għall-vantaġġ tiegħu biex jieħu li jrid.*

*Issemmi wkoll il-fatt li hi stess ħadet proċeduri kontra l-intimat għaliex heddidha iżda fuq insistenza tar-rikorrenti stess li kienet qed tittama f'separazzjoni bonarja, l-intimat ikkonvinċiha biex tipperswadi x-xhud twaqqa' l-akkużi. Għalkemm ix-xhud tgħid li ma kienitx taqbel ma' dan, waqqgħet l-akkużi fuq talba tar-rikorrenti iżda tgħid ukoll li ddispjaċiha li għamlet hekk. Issemmi episodju ieħor fejn l-intimat tfaċċa barra t-tieqa tal-kċina b'dan li martu twerwret minnu għaliex kien qed jagħmel ukoll mossi b'subajh u kien qed iħares ċass lejn ix-xhud. Kien wara dan l-episodju li r-rikorrenti ddeċidiet li tagħmel il-ħadid mat-twieqi. Issemmi episodju ieħor fejn wieħed mill-ulied kien ma jiflaħx u l-intimat insista li jinżel l-ispiżerija. Meta x-xhud qaltlu li martu kienet diġa' ġabet lit-tabib u li ma kellux deni (b'dan li ma riditx tibgħat lit-tifel l-ispiżerija ma jmurx jieħu doża doppja ta' mediċina) l-intimat heddidha li jekk jiġri xiħaġa lit-tifel ma tmurx lura lejn l-Awtralja. Fuq tali inċident ċemplet lill-Pulizija. Tirrakkonta wkoll episodju fejn akkumpanjat lill-minuri l-Qorti biex jagħtu x-xhieda tagħhom u kemm l-intimat kien irrabjat għall-fatt li x-xhud kienet magħhom. Ried akkost ta' kollox jgħaddi mobile lil wieħed mis-subien iżda x-xhud irrifjutatu għaliex kienet taf li ommu ma riditx li binha jkollu mobile;*

*Tagħti ħafna opinjonijiet minn dak li setgħet tosserva u tasal għall-konklużjonijiet tagħha b'dan li tali affidavit kważi kważi hu psychological report b'dan li anke tagħmel xi rakkomandazzjonijiet.*

---

[232] Ara a fol 1716 tal-proċess.
[233] Ara a fol 1716 tal-proċess.

*XXVI.* ***<u>Mary Rose Schembri Wismayer</u>***[234] *tgħid li r-rikorrenti kienet marret tfittex l-għajnuna l-Millenium Chapel ta' Paceville fejn kienet toffri servizz volontarju bħala social worker. Tiddiskriviha bħala mara li kienet '...**distraught and upset at her husband's behaviour**' b'dan li kien hemm numru ta' sessjonijiet li waqfu f'Awwissu 2007. Tispjega li r-rikorrenti kienet lesta li tisma' u tinbidel fejn neċessarju u dan kien fi żmien meta l-intimat kien telaq mid-dar matrimonjali u kien qed ikun fil-kumpanija ta' nisa oħra. Tgħid li r-rikorrenti kienet tħoss li żewġha kien qed juża dan iż-żmien biex joħloq il-problemi u jdawwar lit-tfal kontriha. Waħda mill-affarijiet li r-rikorrenti kienet issemmi ta' spiss kien il-fatt li l-intimat ma kienx jipprovdi biżżejjed għall-ispejjeż t'uliedu b'dan li kellha titlob l-għajnuna tal-familjari tagħha u kienet kostretta tmur taħdem filwaqt li xorta waħda tieħu ħsieb lill-ulied. tgħid ukoll li għamlet kuntatt mal-intimat u għalkemm għall-ewwel irreżista milli jikkopera, sussegwentement mar għall-appuntamenti b'dan pero' meta wasal iż-żmien għall-evalwazzjoni u bdil, telaq għax qal li ma kellux għalfejn jinbidel imma kienet martu li kellha tinbidel.*

*Tiddikjara li ltaqgħet ukoll mal-ulied b'dan li l-wild AA dehret li kienet '**...very attached to her father and tried to order and control her mother and at times was even hostile to her. A was patient and caring with the children**'*[235]*. Tgħid li r-rikorrenti stqarret magħha li minkejja t-tentattivi tagħha sabiex tiltaqa' m'uliedha u tiħodhom per eżempju l-baħar, AA kienet tirrifjuta u kienet tgħid lis-subien biex jagħmlu l-istess.*

*Tagħlaq l-affidavit tagħha billi tgħid li r-rikorrenti riedet il-familja tagħha lura b'dan li riedet tinbidel fejn neċessarju u riedet tgħin lil żewġha jmur 'il bogħod miċ-ċirku ta' ħbieb li kienu qed ibegħduh mill-familja tiegħu. Tgħid li l-concern prinċipali tar-rikorrenti kienu t-tfal u r-riperkussjonijiet li kien ser ikun hemm fuqhom anke minħabba l-vjolenza domestika b'dan li l-istess rikorrenti għarrfet u aċċettat li ż-żewġ partijiet kellhom bżonn jevalwaw u jaħdmu għat-tibdil għall-ġid tagħhom u ta' wliedhom.*

[234] Ara l-Affidavit tagħha esebit a fol 1754 tal-proċess.
[235] Ara a fol 1754 tal-proċess.

XXVII. ***Saviour Cutajar***[236] *in rappreżentanza ta' Jos. Brincat Co. Limited fejn jippreżenta statements tax-xiri ta' prodotti tal-Wella mis-sena 2003 'il quddiem f'isem l-intimat jew f'isem San Giorgio Pharmacy*[237]*. Ix-xhud jikkonferma li sa' fejn jaf hu m'hemmx parallel importation;*

XXVIII. ***Anne Marie Carabott***[238] *bħala l-prinċipal tal-iskola St. Michael's fejn kien jattendi l-minuri AB u kien għadu jattendi l-minuri AC (fiż-żmien ta' tali xhieda). Tiddikjara li l-wild AB attenda sal-Form 1 f'dik l-iskola b'dan li l-minuri AC kien preżentement ukoll f'Form 1. Tesebixxi school reports taż-żewġ minuri*[239]*. Ix-xhud tgħid ukoll li kienet tkellmet mar-rikorrenti dwar il-well-being tal-ulied fis-sens li l-eżitu kien li l-ġlied ta' bejn il-ġenituri kien qiegħed jaffettwa lill-ulied li wara kollox m'għandhomx x'jaqsmu bejniethom u għandhom iħalluhom barra. Tgħid ukoll li possibilment ġie ssuġġerit xi therapist għall-minuri AC għax ma kienx issetiljat u ffukat – a troubled boy. Tesebixxi wkoll kopja tal-miżati tal-iskola*[240] *iżda ma tkunx f'pożizzjoni li tgħid meta fattwalment tħallsu. Tispjega li f'każijiet ta' separazzjoni l-ġenitur li jkollu l-kura u l-kustodja jagħti l-istruzzjonijiet dwar min jista' jiġbor lill-minuri mill-iskola. Sussegwentement permezz ta' xhieda ulterjuri tippreżenta r-rapporti relatati mal-minuri AC*[241]*. Tikkonferma li l-kontijiet tal-iskola dejjem intbagħtu d-dar matrimonjali tal-partijiet u li m'għandhom ebda korrispondenza li turi li l-minuri AC seta' jinġabar minn xi ħadd ieħor (b'dan li jekk ma jinġabarx mill-ġenituri, l-iskola tesiġi ittra). Tippreżenta Dok. AMCX13*[242] *li hija ittra ffirmata miż-żewġ partijiet u li permezz tagħha l-istess partijiet infurmaw lill-Kap tal-iskola St. Michael li l-minuri AB mhux se jibqa' jattendi fl-istess skola. Tispjega li kien hemm żmien fejn il-minuri AC ma kienx jagħmel il-homework u li kien hemm kwistjonijiet relatati mal-ħlas ta' miżati u '**AC's general being at the school as he was in a state**'*[243] *li ġew indirizzati u diskussi maż-żewġ ġenituri. Tgħid ukoll li għandha idea vaga li l-missier kien infurmaha li l-omm issawwat lit-tfal pero' kienet irrispondietu li ma*

[236] Ara x-xhieda tiegħu datata t-12 ta' Jannar 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 1768 tal-proċess.
[237] Ara Dok. SC1 sa' Dok. SC7 esebiti a fol 1771 sa' 1777 tal-proċess.
[238] Ara x-xhieda tagħha datata t-22 ta' Frar 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 1785 tal-proċess.
[239] Ara Dok. AMC1 sa' AMC5 esebiti a fol 1792 sa' 1805 tal-proċess.
[240] Ara Dok. AMC7 sa' Dok. AMC10 esebiti a fol 1806 sa' 1809 tal-proċess.
[241] Ara Dok. AMCX1 sa' Dok. AMCX12 esebiti mix-xhud waqt is-seduta datata s-6 t'April 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 2031 sa'2084 tal-proċess.
[242] Liema ittra hi esebita a fol 1853 tal-proċess.
[243] Ara a fol 1847 tal-proċess.

*jidħlux f'tali kwistjonijiet bejn il-koppji. Tgħid ukoll li kien hemm problemi relatati mal-miżati b'dan li l-missier kien iħallas nofs u jinfurmhom li n-nofs l-ieħor kellu jitħallas mill-omm u eventwalment in-nofs rimanenti kien jitħallas pero' ma tafx tikkonferma minn min;*

XXIX. ***Ray Vella***[244] *in rappreżentanza ta' AM Mangion Limited jippreżenta file dwar x'inbiegħ lil San Giorgio Pharmacy b'dan li jiddikjara li r-retail value ġeneralment ikun dak ta' 20% fuq il-whole sale;*

XXX. ***Annalise Muscat***[245] *in rappreżentanza ta' Cherubino Limited tippreżenta Dok AM1*[246] *li jindika xi xtara San Giorgio Pharmacy mis-sena 2003 'il quddiem, Dok. AM2*[247] *jindika xi xtara fis-snin 2005 u 2006 u Dok. AM3*[248] *statement. Sussegwentement permezz ta' xhieda ulterjuri tippreżenta wkoll l-invoices ta' San Giorgio Pharmacy mis-sena 2003 sas-sena 2011*[249]*;*

XXXI. ***Ivan Laferla***[250] *in rappreżentanza ta' Charles Degiorgio Limited jesebixxi file aħdar li jindika l-invoices u recommended prices ta' prodotti li xtara l-intimat jew San Giorgio Pharmacy u li l-prezz tagħhom hu stabbilit u ma jistax jiġi mnaqqas. Jgħid li għandhom xi prodotti li dwarhom isir parallel importation;*

XXXII. ***James Agius***[251] *in rappreżentanza ta' Pemix Limited jippreżenta Dok. JA1;*

XXXIII. ***PC52***[252] *jgħid li jiftakar lir-rikorrenti dwar rapport li kien sar ġurnata qabel fejn kienet imbeżża', qed tibki u kienet mentalment nervuża. Kien mar fir-residenza tal-partijiet fejn assista għal ħafna diskors u għajjat u kien hemm preżenti wkoll xi tfal żgħar li kienu mbeżżgħin. Stqarr li l-intimat qallu biex ma jagħtix każ tar-rikorrenti għax miġnuna iżda rrispondieh li peress li kien*

[244] Ara x-xhieda tiegħu datata t-22 ta' Frar 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 1786 tal-proċess.
[245] Ara x-xhieda tagħha datata t-22 ta' Frar 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 1787 tal-proċess.
[246] Ara a fol 1810 tal-proċess.
[247] Ara a fol 1815 tal-proċess.
[248] Ara a fol 1821 tal-proċess.
[249] Ara Dok. AM1 esebit a fol 1854 tal-proċess u Dok. AM2 esebit a fol 1904 tal-proċess.
[250] Ara x-xhieda tiegħu datata t-22 ta' Frar 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 1787 tal-proċess.
[251] Ara x-xhieda tiegħu datata l-24 ta' Marzu 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 1830 tal-proċess.
[252] Ara x-xhieda tiegħu datata l-24 ta' Marzu 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 1831 tal-proċess.

*hemm rapport dan ma setax jiġi njorat. Jgħid li r-rikorrenti kienet qed tibża' titlaq mid-dar u għalhekk niżżluha l-għassa ta' San Ġiljan bil-karozza tal-Pulizija. Jgħid ukoll li jiftakar lir-rikorrenti l-għassa ħafna drabi fuq allegata vjolenza b'dan li kien jara t-tbenġil b'dan li taha l-parir biex tagħmel ċertifikat mediku iżda r-rikorrenti ma xtaqitx tieħu passi biex issalva l-familja tagħha. In kontro-eżami jsirlu referenza għall-kliem '**..he was the victim of what his wife did at the pharmacy**' b'dan li jgħid li kien inqala' xiħaġa l-ispiżerija u li ma kienx hemm allegazzjoni ta' swat għax kieku kienet titniżżel fir-rapport[253];*

XXXIV. ***Lawrence Gatt***[254] *in rappreżentanza ta' Vivian Corporation Limited li jippreżenta żewġ kaxxi mmarkati bħala Dok. LG1 u Dok. LG2 li huma kopja tal-fatturi ta' San Giorgio Pharmacy mis-16 ta' Mejju 2003. Jiddikjara li f'Dok. LG3*[255] *hemm indikat ir-retail price rakkomandat pero' jistgħu ibiegħu inqas. Dwar mediċina li skadiet jgħid li jrid ikun hemm ftehim;*

XXXV. ***Oliver Scicluna***[256] *in rappreżentanza ta' Europharma Limited jippreżenta Dok. OS1*[257] *li huma fatturi relatati ma' San Giorgio Pharmacy mis-sena 2003 b'dan pero' li jippreżenta mis-sena 2004. Jgħid li r-recommended price hu dejjem 20% over wholesale price b'dan li jkun hemm instanzi fejn per eżempju ma' 12 -il kaxxa tieħu waħda b'xejn;*

XXXVI. ***PS 1 Joseph Busuttil***[258] *jgħid li jaf liż-żewġ partijiet u li kien involut f'żewġ inċidenti relatati mal-istess partijiet u li t-talba għall-għajnuna saret da parti tar-rikorrenti iżda li ma xtaqitx tieħu passi kontra żewġha. Episodju minnhom kien fejn kien ġie rraportat minn terzi li kien hemm mara li qed tiġi msawwta u meta mar ix-xhud fuq il-post (fil-parking area tal-Hotel Corinthia quddiem l-ITS jew ir-Raddisson) sabu mara ħdejn il-karozza tagħha bl-indicator imqaċċat u mal-art, fi stat ta' paniku u bdiet tibki iżda ma xtaqitx tieħu passi għaliex riedet tirranġa mar-raġel. Jgħid li kellha tbenġila f'wiċċha pero' qatt ma tathom xi ċertifikat mediku. Il-verżjoni tal-*

[253] Ara Dok. PC1 esebit a fol 1833 tal-proċess.
[254] Ara x-xhieda tiegħu datata l-24 ta' Marzu 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 1831 (fuq wara) tal-proċess.
[255] Ara a fol 1836 tal-proċess.
[256] Ara x-xhieda tiegħu datata l-24 ta' Marzu 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 1831 (fuq wara) tal-proċess.
[257] Ara a fol 1837 tal-proċess.
[258] Ara x-xhieda tiegħu datata s-6 t'April 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 1848 tal-proċess.

*intimat ma ttiħditx. L-inċident l-ieħor kien ukoll relatat ma' vjolenza li seħħ fid-dar matrimonjali fuq xi mobile li kienet ħadet lil żewġha biex tużah bħala prova pero' hu ħadu u waddbu mill-gallarija għal isfel. Wara niżel għalih, ġabru u ħarab jiġri. Ir-rikorrenti qalet li kull ma riedet kien il-mobile tagħha u li ma riditx tieħu passi avolja allegat is-swat. Aktar tard tkellem mal-intimat fl-ispiżerija u tali mobile reġa' ġie rritornat b'dan li l-intimat qatt m'ammetta li kien sawwatha, anzi deher kalm ħafna;*

XXXVII. ***Rosalind Galea***[259] *in rappreżentanza ta' Freidov tippreżenta t-trading history relatata ma' San Giorgio Pharmacy mis-sena 2004*[260]*;*

XXXVIII. ***Hilary Paul Agius***[261] *in rappreżentanza ta' Glaxo Smith Kline fejn jiddikjara li l-kumpanija li jirrappreżenta m'għandhiex liċenzja biex tbiegħ u allura ma biegħet xejn lil ħadd;*

XXXIX. ***Elena Vella***[262] *in rappreżentanza ta' Betapharma Limited tippreżenta dokument li juri l-informazzjoni relatata ma' xi xtrat San Giorgio Pharmacy*[263] *b'dan li tiddikjara li l-credit terms huma ta' 30 ġurnata;*

XL. ***Nigel Cauchi***[264] *in rappreżentanza ta' EJ Busuttil Ltd li xehed darbtejn. Fl-ewwel xhieda tiegħu jesebixxi kopja tal-invoices relattivi li l-kumpanija li jirrappreżenta forniet lil San Giorgio Pharmacy*[265] *u esebixxa wkoll sales statement*[266] *ta' x'għad fadal pagamenti x'jitħallsu minn San Giorgio Pharmacy. B'referenza għad-dokumenti mmarkati bħala* **Dok. NC1** *et sequitur jgħid li r-recommended price huwa indikat taħt il-kolonna retail li huwa dejjem 20% over il-wholesale price. Għall-mediċina l-prezz huwa fiss. Imbagħad fit-tieni xhieda tiegħu jesebixxi dokumenti oħrajn*[267]*;*

---

[259] Ara x-xhieda tagħha datata s-7 ta' Diċembru 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 2587 tal-proċess.
[260] Ara Dok. RG1 u Dok. RG2 esebiti a fol 2591 sa' 2629 tal-proċess.
[261] Ara x-xhieda tiegħu datata s-7 ta' Diċembru 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 2588 tal-proċess.
[262] Ara x-xhieda tagħha datata s-7 ta' Diċembru 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 2588 tal-proċess.
[263] Ara Dok. EV1 esebit a fol 2630 tal-proċess.
[264] Ara x-xhieda tiegħu datata s-26 ta' Marzu 2012 kif ukoll dik datata t-3 ta' Mejju 2012 yquddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[265] Liema *invoices* ġew immarkati bħala Dok. NC1 sa' NC43.
[266] Liema *statement* ġie mmarkat bħala Dok. A.
[267] B'dan li jingħad li Dok. NC 44 sa' Dok. NC 79 jmorru lura sad-9 ta' Mejju 2006.

XLI. ***Lorraine Grech Flores***[268] *in rappreżentanza ta' Serolf Trading Agency Limited tgħid li l-kumpanija li tirrappreżenta tforni lil San Giorgio Pharmacy b'pharmaceuticals, over the counter products, herbal remedies, diet products, orthopedic bħal pillows u spinal products. Tixhed ukoll fuq il-mark-up u tesebixxi numru ta' dokumenti invoices*[269] *maħruġa lil San Giorgio Pharmacy li jmorru lura għal 2004 meta nfetaħ il-kont mal-istess pharmacy. Ix-xhud tesebixxi l-purchase history*[270] *li jagħti rendikont bil-munita ewro tal-invoices kollha esebiti. Tispjega wkoll li il-kumpannija li tirrapreżenta taħdem bil-credit terms, u li s-soċjeta` in kwistjoni ma tagħmilx parallel imports u sa' fejn taf hi, m'hemmx kumpannija oħra li ġġib il-prodotti tagħhom;*

XLII. ***Peter Seychell***[271] *Direttur ta' Aldox Ltd li tissupplixxi pharmaceutical sundries jgħid li lill-intimat personali qatt ma biegħtlu xejn pero' taf lil San Giorgio Pharmacy. Jgħid li fir-riċerka tiegħu seta' jġib dokumenti li jmorru lura sas-sena 2007 u dan peress li huma parti mis-sistema elettronika tal-istess kumpanija. Jgħid li jeżistu dokumenti li jmorru lura għal aktar żmien pero' dan seta' jsir manwalment u li naturalemnt tali eżeċizzju kien jirrikjedi ħafna ħin. Ix-xhud jesebixxi s-numru ta' dokumenti*[272]*. Jixhed ukoll li l-aħħar li l-ispiżerija xtrat mingħand din is-soċjeta kienet fit-2011 u dan minħabba kwistjoni ta' natura kummerċjali li inqalgħet bejn il-partijiet u li bħala ammonti pendenti dovuti lil din is-soċjeta` kien hemm bilanċ ta' circa €500;*

XLIII. ***Edward Mifsud***[273] *direttur ta' Pharmacos Ltd jesebixxi dokumenti ta' perjodu bejn l-21 ta' Marzu 2007 sas-27 ta' April 2012 u transaction history tal-credits, debits u payments*[274]*. Jikkonferma li n-negozju kien isir anki qabel dan il-perjodu (lura għat-2003) - iżda jispjega li minħabba li biddlu s-sistema, dokumentazzjoni elettronika tmur lura biss sat-2007. Jixhed ukoll fuq il-parallel imports u ir-recommended margin of profit Jixhed ukoll li qabel l-intimat fetaħ l-ispiżerija kien għamel perjodu jaħdem mal-kumpanija*

[268] Ara x-xhieda tagħha datata s-26 ta' Marzu 2012 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[269] Liema dokumenti ġew immarkati bħala Dok. LGF1 sa' Dok. LGF 139.
[270] Immarkat bħala Dok. B.
[271] Ara x-xhieda tiegħu datata t-3 ta' Mejju 2012 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[272] Dok. PS1 hu dokument tas-sena 2007;
Dok. PS2 relatat mas-sena 2008;
Dok. PS3 relatat mas-sena 2009;
Dok. PS4 relatat mas-sena 2010;
Dok. PS5 relatat mas-sena 2011.
[273] Ara x-xhieda tiegħu datata t-3 ta' Mejju 2012 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[274] Dawn ġew mmarkati bħala Dok. EM1.

*rappreżentata minnu – u dan bejn in-1995 sat-2003, u kellhom diverġenzi fuq il-perfomance / bejgħ, u li filwaqt li x-xhud ried ikeċċi lill-intimat peress li sar jaf li l-intimat ried jiftaħ spiżerija bl-impjegati tiegħu stess, l-intimat laħaq irreżenja qabel. Jixhed ukoll li f'dak li għandha x'taqsam l-ispiżerija hemm relazzjoni professjonali normali mal-intimat;*

XLIV. ***C Bilocca***[275] *in rappreżentanza ta' Actavis Ltd, tixhed li s-soċjeta rappreżentata minnha tuża lil VJ Salamone bħala distributor u għalhekk ma kellha xejn fuq xiex tixhed.;*

XLV. ***Caroline Barthet***[276] *in rappreżentanza ta' Pharmabart tixhed li hija s-salesgirl ta' din il-kumpannija li tissuplixxi mediċina, hairdressing u beauty products. Id-dokumenti li ppreżentat waqt is-seduta kien għaddiehomla s-sid tal-kummpannija Alfred Barthet. In fatti* ***Alfred Barthet*** *xehed f'seduta oħra fejn spjega li huwa s-sid tas-soċjeta` Pharmabart u f'dan is-sens esebixxa diversi dokumenti*[277] *;*

XLVI. ***Mario Fiorini***[278] *in rappreżentanza ta' Fiorini Distributors li jgħid li l-intimat kien għamel perjodu fejn kien waqa lura fil-pagamenti tiegħu, iżda eventwalment kollox thallas;*

XLVII. ***Mark Tabone***[279] *in rappreżentanza ta' Biosphere jixhed li bħala kumpannija din tissuplixxi contact lenses u affarijiet relatati mal-għajnejn. Esebixxa invoices li jmorru lura sat-2008 kif ukoll running report*[280]*. Mistoqsi fuq il-parallel imports, huwa jixhed li dan issir iktar mill-ħwienet milli mil-ispiżeriji;*

XLVIII. ***Joseph Mamo***[281] *in rappreżentanza ta' MGS Ltd, jixhed li l-kumpannija in kwisjtoni tbiegħ prodotti ta' sbuħija u kremi. Esebixxa it-transaction history mall-ispiżerija in kwistjoni*[282] *u spjega fuq il-credit notes li eventwalment jingħataw fi prodotti. In kontro-eżami jispjega li San Girogio Pharmacy*

---

[275] Ara x-xhieda tagħha datata t-3 ta' Mejju 2012 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[276] Ara x-xhieda tagħha datata l-24 ta' Mejju 2012 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[277] Liema dokumenti ġew esebiti waqt is-seduta tas-16 ta' Marzju 2012 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien u ġew immarkati bħala Dok. AB1 sa AB6 b'dan li jmorru lura sas-sena 2007.
[278] Ara x-xhieda tiegħu datata l-24 ta' Mejju 2012 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[279] Ara x-xhieda tiegħu datata l-24 ta' Mejju 2012 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[280] Liema dokumenti ġew esebiti bħala Dok MT1 sa MT 90; Dok MTA huwa r-running report.
[281] Ara x-xhieda tiegħu quddiem il-Perit Legali datata s-16 ta' Marzu 2012.
[282] Dok. JM1.

*kienet introduċiet prodott ieħor u orħos minn terza kumpannija u konsegwentement l-ordnijiet mill-main line ta' Pharmabart naqqsu.*

XLIX. ***John Micallef***[283] *in rappreżentaza tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni li jesebixxi diversi dokumenti b'dan li fl-ewwel xhieda tiegħu jiddikjara li skond ir-records tad-dipartiment il-partijiet kienu għadhom qiegħdin jidhru bħala miżżewġin u li jgħixu flimkien. Jesebixxi kopji tar-returns bejn it-2001 u 2008*[284] *iżda jispjega kif wara il-year of assessment 2008 il-partijiet ma ssottomettewx ir-returns relattivi. Sussegwentement permezz tax-xhieda tiegħu tas-6 ta' Lulju 2015 jgħid li skond ir-records tad-dipartiment il-partijiet kienu ilhom separati mil-31 ta' Diċembru, 2007;*

L. ***Reuben Bonnici***[285] *in rappreżentanza ta' ARMS Ltd jixhed fuq il-kontijiet li hemm fuq żewġ indirizzi u ċioe:*

*(a) No 6, Fra Francesco Wizzino Street, Pembroke (li skont id-dokumenti fil-pussess tas-soċjeta` il-kont kien f'isem l-attrici A B*[286] *b'dan li jgħid ukoll li l-kont jindika li huwa domestic) u*

*(b) 186, Triq Manuel Buhagiar Pembroke dan kien indikat bħala residential b'ħames (5) konsumaturi reġistrati fuq l-istess indirizz*[287]*;*

LI. ***Godfrey Sammut***[288] *fil-kapaċita tiegħu bħala l-accountant li kien jieħu ħsieb il-VAT, kif ukoll l-income tax returns tal-intimat. Spjega li l-intimat kien jaħdem bħala sole trader u konsegwentement ma kienx jagħmel Auditing. Ma kienx iżomm id-dokumenti iżda kien jgħaddihom lill-intimat. Apparti dan fit-2012 kellu bżonn iktar spazju fuq il-computer tiegħu u għalhekk kien żamm kollox fuq pendrive u tah lill-intimat;*

LII. ***Peter Mifsud***[289] *in rappreżentanza ta' JV Pharma, mistoqsi biex jixhed fuq il-kobor tan-negozju / kummerċ li jgħaddi minn San Giorgio Pharmacy –*

---

[283] Ara x-xhieda tiegħu datata l-24 ta' Mejju 2012 u dik tas-6 ta' Lulju 2015 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[284] Liema dokumenti ġew immarkati bħala Dok. JM1 sa' JM8.
[285] Ara x-xhieda tiegħu datata s-6 ta' Lulju 2015 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[286] Ix-xhud jesebixxi Dok RB 1 sa' RB3.
[287] Ix-xhud jesebixxi Dok RB 4 sa' RB6.
[288] Ara x-xhieda tiegħu datata s-26 ta' Settemrbu 2012 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[289] Ara x-xhieda tiegħu datata l-21 ta' Marzu 2013 u x-xhieda tiegħu datata t-13 ta' Mejju 2013 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.

*jixhed li:*

"***ġejt mitlub nippreżenta transaction history mis-sena 2007 sat-18 ta' Ġunju 2012, liema transaction history qed tiġi mmarkata bħala Dok. PM1. Nispjega li 'IN' ifisser invoice filwaqt li 'SP' tfisser sales payment li tkun saret. San Giorgio Pharmacy għandha debitu mal-JV Pharma kif jirriżulta minn Dok. PM2, u li jmur għal madwar 3 xhur***". L-istess xhud jippreżenta wkoll Dok. PM3 bħala *random sample* tal-invoices li inħarġu fuq San Giorgio Pharmacy.

Jiddiskirivi l-ispiżerija bħala '*medj*a' fejn "***la hi l-agħar waħda u l-anqas l-aħjar***". Jgħid ukoll: "***Fil-passat kien hemm problemi ta' ħlas imma illum m'hemmx***". Jixhed ukoll dwar il-*mark-up* li l-ispiżerija trid tagħmel meta tiġi biex tbiegħ il-prodotti. Imbagħad fix-xhieda sussegwenti tiegħu[290] jikkonferma li fuq l-ispiżerija San Giorgio Pharmacy ma kellux dokumenti oħrajn x'jesebixxi ħlief dawk li diġa' esebixxa preċedentement iżda jżid jgħid li hemm kumpanija oħra u ċioe' *Metropolis Farma* iżda jiċċara li ma' ma' din tal-aħħar is-San Giorgio Pharmacy ma tantx kienet għamlet negozju;

*LIII.* **CP**[291] *tgħid li kienet tgħix f'Pembroke u għalhekk kienet taf lill-partijiet. Tgħid li saret taf lill-intimat mill-Paroċċa peress li kienet tieħu ħsieb il-fuljett, u anki r-reklami. Kien hemm okkażżjonijiet meta ħarġu bil-familji rispettivi tagħhom imma dan kien rari. Tgħid li kienet tmur l-ispiżerija meta kien ikollha bżonn u mhux f'xi ħin partikolari. Tgħid li r-relazzjoni li kellha miegħu kienet waħda strettament ta' "***klijenta u spiżjar u mhux ħbiberija***". Tgħid ukoll li:*

"***Ġieli kien hemm kuntatt bejni u bejnC bit-telefon pero' dan kien rari u kien relatat għal xi mistoqsija dwar xi prodotti. Kont inċempillu fuq il-land line. Ma naħsibx liC qatt ċempilli – żgur li fuq il-telefon tad-dar ma kienx iċempilli***".

*Imbagħad, fix-xhieda sussegwenti tagħha u ċioe' dik tal-5 ta' Mejju, 2014, ix-xhud tirrankonta li xi 10 snin qabel hi u l-intimat kienu jikkomunikaw u*

[290] Ara x-xhieda tiegħu datata t-13 ta' Mejju 2013.
[291] Ara x-xhieda tagħha datati s-6 ta' Mejju 2013 u l-5 ta' Mejju 2014 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.

*jitkellmu fuq kollox, iżda b'danakollu kienu ħbieb u xejn iktar. Tgħid li darba minnhom, l-attriċi marret taffronta lix-xhud fuq messaġġ li skont l-attriċi ix-xhud kienet skambjat mal-intimat, u b'konsegwenza ta' dan, ix-xhud marret mal-attriċi lejn id-dar tal-partijiet fejn it-3 li huma ddiskutew il-kwistjoni iżda ma tiftakarx id-dettall ta' x'qalu.*

*Ix-xhud tgħid li eventwalment waqfet tikkomunika mal-inimat "**għaliex hekk kienet tirrikjedi is-sitwazzjoni**..." In kontro-eżami tikkonferma li l-intimat u hi ma kienu xejn iktar ħlief ħbieb u qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi jew sesswali.*

LIV. ***E P***[292] *li tgħid li saret taf lill-partijiet bħala 'spiżjara' b'dan li ġieli rat liż-żewġ partijiet fl-ispiżerija San Giorgio. Tispjega li kienet toqgħod viċin l-ispiżerija iżda ġieli kienet iċċempel biex tkellem mal-initmat minflok tmur hemmhekk. Tgħid li ma tafx għalfejn kienet tagħżel biex iċċempel l-ispiżerija meta setgħet marret hemm. Tikkonferma li l-intimat kien taha n-numru tiegħu minħabba li dak iż-żmien it-tifla tagħha kellha problema bl-anoressija u kien jgħinha ħafna. Fi kliem l-istess xhud:*

"***Naħseb li darba konna ltqajna biex nieħdu kafe' jien uC. Ma niftakarx fejn morna nieħdu kafe' pero' niftakar li f'dan iż-żmien kellhom problemi bejniethom. Naf bil-problemi tagħhom għax naħseb li kien qalli hu. Qatt ma tani flus u dak li kont nieħu dejjem kont inħallas għalih. Qatt ma tani xejn b'xejn. Konna nibgħatu text messages lil xulxin għax konna ħbieb sew. Il-kontenut ma niftakrux pero' konna nidħku fost affarijiet oħra***".

*Tikkonfermna li hi kienet ħabiba tal-intimat u mhux tal-attriċi iżda nnegat li qatt kellha relazzjoni sesswali miegħu.*

LV. **Dr Giovanni sive John Mamo**[293] *bħala ġinekologu jgħid li kien assista lill-attriċi fl-ewwel tqala tagħha sussegwentement kien mar Għawdex allura fit-tqala l-oħra raha xi darbtejn. Jiftakar li darba l-attriċi kienet ċemplitlu f'nofs ta' lejl iżda ma weġibx ladarba ma kienitx l-isptar t'Għawdex li kien qed iċempel. Jixhed li l-attriċi qatt ma talbitu biex jimmedja bejn il-partijiet. Jispjega li jżomm clinic darba kull ħmistax fl-ispiżerija ġestita mill-intimat*

---

292 Ara x-xhieda tagħha datata l-5 ta' Mejju 2014 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.

293 Ara x-xhieda tiegħu tal-20 t'Ottubru 2014 u dik tal-24 t'April 2017 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.

*filwaqt li f'xhieda sussegwenti*[294] *jixhed in kontro-eżami li f'waħda mit-tqala tal-attriċi, l-intimat kien inkwetat għax fl-ultrasound deheru xi problemi u jgħid:*

*"**ħassejt liC kien ta' support ħafna meta martu kienet inkwetata u ovvjament hu kien inkwetat doppju: fuq il-baby u fuq il-mara**".*

In ri-eżami jixhed li hu ma jħallasx *clinic fee* peress li jippreskrivi biżżejjed u għalhekk jassumi li kien biżżejjed għax il-pazjenti jixtru mill-ispiżerija stess.

*LVI.* ***A F***[295] *jixhed li l-partijiet kienu l-ġirien u ħbieb tiegħu, u meta martu kienet għadha ħajja ġieli ħadu ħsieb lit-tfal tal-partijiet (babysitting iżda qatt ma ppretendew ħlas). Jgħid li ġieli sema' għajjat / storbju mir-residenza tal-partijiet b'dan li jgħid li d-distanza bejn id-djar rispettivi tagħhom kien ta' circa 50 metru, u mhux fl-istess triq għalkemm jispeċifika li "**Stajna nisimgħu l-għajjat pero` mhux il-kliem li qed jintqal**". Ma jiftakarx li kien hemm episodju bejn il-partijiet f'lejl minnhom, fejn u hu martu kellhom jintervjenu;*

*LVII.* ***H T***[296] *tixhed li dak iż-żmien kienet taħdem mal-Visual Trends u kien in konnessjoni max-xogħol li kienet iltaqgħet mal-intimat. Ir-raġel tagħha kien direttur tal-istess kumpanija. Tixhed li ħlief għal xi darbtejn li ħargu kollha bil-familji rispettivi tagħhom, dejjem iltaqgħu minħabba x-xogħol, u kien biss ħafna snin wara meta ċ-ċirkstanzi ta' kulhadd inbiddlu li reġgħet bdiet tiltaqa' mal-intimat – u dan kien circa 9 snin qabel ma tat ix-xhieda tagħha. Xehdet li ġieli ltaqgħu hi u l-intimat mat-tfal u ġieli fi grupp biex per eżempju jaraw xi film fir-residenza tal-intimat l-Qawra. Tgħid li komplew jiltaqgħu bħala grupp ġieli anki bi tfal għal xi sena on and off. Tixhed: "**Ma jidhirlix li qatt ħriġt ma'C waħdi. Normalment konna nkunu grupp ta' ħbieb. Kien ikun hemm preżenti f'dawk is-serati fejn konna naraw video, SB, JV u MC l-aktar. It-tfal li kienu jkunu preżenti kienu tiegħi u ta'C għax tal-oħrajn li semmejt kienu kbar. Apparti l-Qawra, darba ġewC u M id-dar tiegħi biex jgħinuni nressaq biċċa għamara. F'dan iż-żmien ma niftakarx li qatt iltqajt ma' A B pero' darba ċemplitli d-dar biex tgħajjarni fuq it-telefone***

[294] Ara x-xhieda tiegħu tal-24 t'April 2017.
[295] Ara x-xhieda tiegħu tal-20 t'Ottubru 2014 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[296] Ara x-xhieda tagħha tal-20 t'Ottubru 2014 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.

***għax dehrilha li ma kellix inkun fil-preżenza tar-raġel tagħha. Ili snin ma jkolli kuntatt ma'C B"***

LVIII. ***__Keith Caruana__***[297] *in rappreżentanza tad-Diettur tal-Kummerċ (Trade Licensing Unit) jgħid li mir-riċerka li għamel fuq il-partijiet u l-ispiżerija San Giorgio ma rriżulta xejn peress li l-liċenzi joħorġu mill-Medicines Authority;*

LIX. ***__Clint Pace__***[298] *jixhed in rappreżentanza tal-Medicines Authority jgħid li mir-riċerka fuq San Gorgio Pharmacy uC B (l-intimat) rriżulta liC Atard kellu liċenzja sabiex jopera San Giorgio Pharmacy, Triq Manuel Buhagiar Pembroke. Fit-2003, il-liċenzja diġa` kienet fuq l-intimat. Jgħid li l-applikazzjoni kienet saret lura fl-1994 li u din ġiet aċċettata mill-ewwel. Jixhed ukoll fuq l-ilmenti li kienu saru fosthom li l-ispiżerija kienet tinfed mad-dar u anki fuq ilmenti li saru fit-2010 fuq l-ispiżerija in kwistjoni. Jispjega li l-licensing fee in kwistjoni tal-ispiżerija hija ta' €128.11*[299] *fis-sena u jixhed fuq il-proċedura biex isir trasferiment ta' spiżerija li tirrikjedi biss il-firma tal-licence holder, iżda jżid jgħid li skond ir-records tal-Awtorita` kien hemm notament li dan ma setax isir fil-każ tal-ispizerija in kwistjoni għaliex hemm mandat ta' inibizzjoni. Imbagħad fix-xhieda susssegwenti tiegħu*[300] *jesebixxi dokumenti relatati mal-ilmenti li saru fuq l-ispiżerija*[301]*. Fost dawn id-dokumenti hemm s-segwenti li l-esponenti tħoss li huma l-iktar relevanti:*

*Dok. CPA3 - kontravenzjoni fuq l-intimat inkluż taħrika ta' pulizija;*

*Dok. CAP5- warning letter mibgħuta lill-intimat;*

*Dok. CPA7- complaint li kien hemm aċċess bejn l-ispiżerija u d-dar residenzjali li hija kontra l-liġi. Abbażi ta' dan saret spezzjoni fejn tali aċċess ġie konfermat;*

---

[297] Ara x-xhieda tiegħu datata s-6 t'April 2011 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Fransina Abela a fol 1847 tal-proċess u x-xhieda tiegħu datata t-23 ta' Marzu 2015 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.

[298] Ara x-xhieda tiegħu datata t-23 ta' Marzu 2015, dik tas-27 ta' Mejju 2015 u dik tal-10 t'April 2017 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.

[299] It-total li jinkludi licenzja u trading fee.

[300] Ara x-xhieda tiegħu tas-27 ta' Mejju 2015.

[301] Liema dokumenti ġew immarkati bħala Dok. CPA 1 sa' CPA 10.

*Dok. CPA8 – kopja ta' spezzjoni oħra fejn irriżulta li dak in-nhar sabu lil LT u għalhekk ġiegħluha tagħlaq għaliex l-ispiżerija ma tistax tkun miftuħa fl-assenza tal-ispiżjar. Xehed kif dakinhar stennew lil-intimat jiġi lura u dan tahom ir-raġunijiet tiegħu għall-assenza tiegħu. Sussegwentement saret meeting mal-initmat u ma' LT;*

*Dok. CPA9 – dokument bil-ħlas lura tal-liċenzji tal-ispiżerija in kwistjoni;*

*Jgħid ukoll li l-liċenzja ta' spiżerija tiswa' €349.41 (ħlas għall-ewwel applikazzjoni) u mbagħad darba fis-sena titħallas is-somma ta' €130 jew €140. Jiddikjara li l-liċenzja ta' San Giorgio Pharmacy tgħajjat lill-intimat u li għalkemm mhux neċessarju li l-liċenzja toħroġ fuq spiżjar, fi spiżerija dejjem irid ikun hemm spiżjar preżenti. Jikkonferma li kien sar rapport fuq l-ispiżerija dwar taraġ u bieb li jagħtu mill-ispiżerija għad-dar, kienet saret spezzjoni u dan irriżulta li hu minnu u x-xhud jikkonferma wkoll li sussegwentement ġie mblukkat bil-ġebel u b'mod permanenti.*

LX. ***Simon Caruana***[302] *li jixhed in rappreżentanza tal-Human Resources Department tal-Malta Enterprise jesebixxi l-FS3's tal-attriċi*[303] *u l-kopja tal-kuntratt tal-impieg tagħha liema kuntratt kien għall-perjodu definit bejn it-2015 sat-2018 iżda seta' jiġġedded jew le skont il-każ. In succinct jgħid li l-attriċi tokkupa inkarigu ta' Manager fl-Investment Department mal-Malta Enterprise b'paga annwali (gross) ta' €25,000;*

LXI. ***Joseph Saliba***[304] *li jixhed dwar l-employment history tal-partijiet u jesebixxi dokumenti in konessjoni mal-istess*[305]*;*

LXII. ***Dr. Charles Cassar***[306]*, psikoterapista jgħid li sar jaf lill-intimat xi għaxar snin qabel meta l-istess intimat kien infurmah li qiegħed ħażin ħafna u wara li tah appuntament irriżulta li l-istess intimat kien fi stat dipressiv peress li kellu relazzjoni ħażina mal-mara pero' xorta waħda ma riedx li jissepara għax ried isalva ż-żwieġ. Kien anke kellem lir-rikorrenti u mar għandhom id-dar u nduna kemm il-komunikazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet ineżistenti*

302 Ara x-xhieda tiegħu datata l-10 ta' Ġunju 2016 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
303 Liema dokumenti ġew immarkati bħala Dok. SC1 u Dok. SC2.
304 Ara x-xhieda tiegħu datata l-10 ta' Ġunju 2016 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
305 Liema dokumenti ġew immarkati bħala Dok. 'JS1' u Dok 'JS2'.
306 Ara x-xhieda tiegħu datata s-6 ta' Frar 2017 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.

*u mill-ewwel induna li ma kienux se jaslu u li ma kienux kompatibbli. Innota riżentiment reċiproku imma mhux mibgħeda da parti taż-żewġ partijiet u għalhekk ta l-għażliet lill-intimat – jew jaċċetta kollox jew jitlaq għax ma kienx hemm mod ta' kif isir kompromess. Jerġa' jgħid li l-intimat baqa' jinsisti li jsalva ż-żwieġ għax beża' li t-tfal ser ibatu u għax kien ta l-kelma. Jgħid li kien jgħin lill-intimat biex id-diżgwid ma jaffettwahx fiżikament minħabba din id-depressive state li kien fih. Jispjega li t-terapija kienet perjodika u li l-intimat baqa' jiħodha bi kbira li ż-żwieġ tiegħu ma kienx unjoni sakemm imbagħad, meta kien għadda żmien twil aċċetta r-realta' u ried li jkollu s-saħħa li jitlaq mid-dar – ħaġa li wkoll ħadet iż-żmien tagħha. Eventwalment imbagħad is-sessions waqfu u l-intimat moved on;*

LXIII. **Joseph sive Jojo Grima**[307] *bħala importatur tal-mediċini u wholesaler ta' prodotti u bżonnijiet famaċewtiċi taħt il-kappa JV Pharma Limited jgħid li wara li ra d-dokumentazzjoni kollha relattiva (inkluż il-profit and loss) u wara li għamel average tal-aħħar 5 snin rriżulta li kellu profitt nett ta' €40,000 qabel it-taxxa b'dan pero' li minn tali ammont ma kellux iħallas lill-ispiżjar għax l-ispiżjar kien l-intimat stess (li normalment spiżjar ikollu paga ta' bejn €26,000 u €34,000) u għalhekk ikkalkula fuq paga ta' €30,000 biex wasal għaċ-ċifra ta' €10,000. Ix-xhud jiddikjara li l-ispiżerija fl-opinjoni tiegħu tiswa €70,000 fuq bażi ta' profitt ta' 7 snin. In kontro-eżami jgħid li ma ħax il-valur tal-liċenzja f'tali ammont;*

LXIV. **Mireille Vincenti**[308] *fiżjoterapista li kienet ilha taħdem fl-ispiżerija San Giorgio Pharmacy għal 13 -il sena tgħid li għixet is-separazzjoni tal-partijiet peress li d-dar tagħhom u l-ispiżerija huma fuq xulxin u kienet tisma' ħafna għajjat u storbju. Tirrakkonta kif darba marret l-ispiżerija u sabet lill-intimat u lil bintu jiġbru l-ħwejjeġ minn mal-art u għinithom għax kienu ser jiġu n-nies u kienet sitwazzjoni imbarazzanti. Tgħid li l-psikjatra Peter Muscat kien jgħidilha li ma jafx kif ser jaħdem hemm minħabba li l-għajjat kien 'normali', 'common'. Issemmi episodju wkoll fejn il-wild AA kienet liebsa għall-ballet iżda ommha ma riditx tiħodha u t-tifla bdiet tibki għax riedet tmur għall-ballet. Tgħid li llum -il ġurnata l-intimat jidher relaxed and happy. Tqis lill-intimat bħala ħabib li pero' qatt ma ltaqgħu barra mix-xogħol u tiddikjara li tħallas rental fee ta' €2 għal kull pazjent*

[307] Ara x-xhieda tiegħu datata s-6 ta' Frar 2017 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[308] Ara x-xhieda tagħha datata s-6 ta' Frar 2017 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.

*(b'dan li tara 30 jew 40 pazjent fil-ġimgħa u għal madwar 49 ġimgħat fis-sena). Tagħti lista wkoll tal-professjonisti li jpoġġu fl-ispiżerija fosthom tabib tat-tfal, general practitioner u podologist;*

LXV. ***A C***[309] *li jaf lill-intimat jiċħad dak li qalet martu P C fl-affidavit tagħha (li wkoll għaddej minn proċeduri ta' separazzjoni magħha) u jgħid li qatt ma qal tali kliem għax mhux affari tiegħu;*

LXVI. ***C M***[310] *li jiġi r-raġel t'oħt l-intimat jgħid li l-partijiet ilhom bil-problemi snin twal. Jispjega li l-intimat għandu karattru fejn jipprova jkellmek u jispjegalek (anke jekk ma taqbilx miegħu) filwaqt li r-rikorrrenti għandha karattru ta' żewġ estremi f'kull ħaġa b'dan li affarijiet trivjali kienu jispiċċaw xi ħaġa serja li ddum tkaxkar il-ġranet. Isemmi episodju fejn kien ser jixtri xitla u kien fadal waħda biss u bix-xenata li għamlet ir-rikorrenti u ħalliet it-tfal mal-art spiċċa biex qallha biex tiħodha hi. Jgħid li ġieli ċemplet 30 darba f'ġurnata fuq l-istess ħaġa u għalkemm hu u l-mara tiegħu pruvaw jgħinuhom biex isalvaw iż-żwieġ (tant li żammewlhom it-tfal biex ikunu jistgħu isiefru waħedhom) ġew lura aktar ikkargati kontra xulxin. Jgħid ukoll li mat-tfal kienet estrem – jew tagħmel ġurnata tilgħab magħhom u ma tagħmel xejn aktar (lanqas issajjar) jew kif jagħmlu xi ħaġa ħażina ta' tfal li huma ssakkarhom barra mid-dar (u dan ġieli wkoll fil-bard ta' Jannar b'dan li jgħid li sar jaf dan jew minn A stess jew mit-tfal). Wasal f'punt fejn irrealizza li kull sforz li jippruvaw jirranġawhom kien inutili. Jgħid li sa' fejn jaf hu ħadd mill-partijiet ma kellu relazzjoni ma' terzi. Jiddikjara li l-problemi ta' bejniethom kienu minn qabel iż-żwieġ b'dan li dakinhar tat-tieġ qallu '***din l-aħħar roundabout għax il-Mellieħa ma jkollox aktar fejn iddawwar***' u jżid jgħid li kieku kien hu ma kienx jiżżewwiġha lil A. Jiddikjara li qatt ma ra tbenġil fuq ġisem ir-rikorrenti pero' jikkonferma li ra ġlied verbali li kien preżenti għalih. Jgħid li jaf li r-rikorrenti għamlet xi rapporti pero' ma jafx il-kontenut tagħhom u jżid jgħid li mhux l-ewwel darba li r-rikorrenti tefgħet il-ħwejjeġ tal-intimat mill-gallarija għal isfel u ra boxer shorts imdendel mal-palma;*

LXVII. ***M C B***[311] *tgħid li kienet u għadha tissupplixxi lil San Giorgio Pharmacy bl-aċċessorji pero' kienet tħossha intimidata mir-rikorrenti u kienet tħossha*

[309] Ara x-xhieda tiegħu datata l-14 ta' Marzu 2017 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[310] Ara x-xhieda tiegħu datata l-14 ta' Marzu 2017 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[311] Ara x-xhieda tagħha datata t-3 t'April 2017 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.

*skomda b'dan li r-rikorrenti kienet tgħir għaliha tant li kienet insinwat li ma kienitx aktar welcome fl-ispiżerija għalkemm tgħid li xorta waħda baqgħet tmur hemm. Tgħid ukoll li r-rikorrenti kienet timxi bl-istess mod mall-kollegi tas-sess femminili u kienet tara kif tibda argument jew ġlieda quddiem il-klijenti għalkemm l-intimat kien ikun irid imewwet kollox biex jiddiskuti fil-privat filwaqt li r-rikorrenti kienet tinsisti li l-argument jitkompla biex tkun tista' ġġibu qisu tifel żgħir u tkissru. Tispjega kif jaħdem ix-xogħol tagħha u li peress li anke hi għandha ħanut il-ħin hu essenzjali. In kontro-eżami għalkemm jiġi suġġerit lilha li kienet tmur l-ispiżerija nhar ta' Ħadd b'mod regolari tiċħad dan u tgħid li dan jekk kien isir forsi darbtejn f'sena u mhux aktar. Tgħid li r-relazzjoni tagħha mal-intimat lanqas ma tasal sal-grad ta' ħbiberija għaliex qatt ma kkomunikaw oltre mill-iskop ta' negozju. Tiċħad li kien l-intimat li kien għinha biex toħroġ mid-dar u tgħid li l-partner tagħha ta' 13 -il sena għinha u anke l-ex raġel tagħha għinuha tagħmel dan u mhux l-intimat;*

LXVIII. ***J C***[312] *jgħid li ilu jaf lill-intimat għal żmien twil u qabel Diċembru 2005 kien jafu bħala raġel tal-familja, jagħti sehemu fid-dar, jaħdem u kellu paċenzja mat-tfal ukoll. Jgħid li kien delettant tal-għodda u kien għamel xi xogħolijiet fid-dar u anke l-ispiżerija;*

LXIX. ***Patrick Harvey***[313] *bħala co-ordinator fis-servizz tal-family and support services fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ jgħid li kien hemm rapport mill-intimat*[314] *fuq il-linja 179 fuq it-tfal tal-partijiet u li abbażi tiegħu mbagħad ġie mitkellem l-istess intimat u ġie diskuss a way forward b'dan li l-intimat għażel li tiġi mitkellma wkoll l-omm u jaraw jekk hemmx il-possibilita' ta' ftehim għall-ġid tat-tfal. Tkellem mal-omm li ċaħdet l-allegazzjonijiet fil-konfront tagħha u għamlet allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu ukoll. Wara dan wasal għall-konklużjoni li jkun aħjar li jieħdu parir legali dwar social worker maħtur mill-Qorti. Jippreżenta wkoll rapport tal-allegazzjonijiet reċiproċi pero' jgħid li m'għamlu ebda investigazzjoni;*

LXX. ***Mario Magro***[315] *jixhed in rappreżentanza tal-Awtorita` tad-Djar jgħid li l-*

[312] Ara x-xhieda tiegħu datata t-3 t'April 2017 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[313] Ara x-xhieda tiegħu datata l-10 t'April 2017 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[314] Ara Dok. PH1 esebit mix-xhud Patrick Harvey fix-xhieda tiegħu datata l-10 t'April 2017 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.
[315] Ara x-xhieda tiegħu datata l-24 t'April 2017 quddiem il-Perit Legali Dr. Abigail Critien.

*applikazzjoni oriġinali kienet saret mill-intimat flimkien ma' ċerta JS fl-1987 sabiex jingħataw plot il-Pembroke u jżid jgħid li dak iż-żmien il-paga annwali tal-intimat kien ta' sitt mitt Liri Maltin (LM600) u dik ta' Scolaro kien ta' elf u mitejn Liri Maltin fis-sena (LM1200) u għalhekk il-konvenju sar ma' JS peress li kellha iktar introjtu mill-intimat. Jispjega li l-konvenju sar fit-30 ta' April, 1987 in konnessjoni mal-plot numru 186 f'Pembroke u jikkonferma li "**Il-konvenju sar magħha biss peress li kien isir mal-persuna bl-aktar introjtu għoli**". Iżid jgħid li sussegwentement l-Awtorita` rċeviet dikjarazzjoni li fuqha kienu dehru kemm l-imsemmija JS kif ukoll l-intimat (liema dikjarazzjoni ġiet iffirmata quddiem in-Nutar Dottor Marco Burlo u hi datata 21 ta' Diċembru 1992), u li permezz tagħha JS iddkjarat li ma kellhiex iktar interess fuq il-plot in kwistjoni u assenjat d-drittijiet tagħha lill-intimatC B. L-Awtorita` laqgħet it-talba fl-24 ta' Diċembru, 1992 u peress li l-Awtorita` kisbet titlu fuq dan il-plot, sar kuntratt – dan kien fid-29 ta' Diċembru, 1992, u fuq dan il-kuntratt kienu dehru kemm l-intimat kif ukoll l-attriċi;*

*LXXI.* ***Il-Perit Tancred Mifsud*** *in eskussjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti[316] fejn prattikament jinsisti li skond il-policies viġenti d-dar matrimonjali ma tistax tinqasam f'żewġ residenzi. Jagħti spjegazzjoni ta' kif jinħadem il-goodwill u jiddikjara li mexa fuq ir-returns tat-taxxi provduti lilu. Jikkonferma wkoll li skond il-kuntratt t'akkwist hemm restrizzjonijiet fuq il-plot li fuqu nbniet id-dar matrimonjali dwar jekk tistax tintuża kummerċjalment jew le;*

## *13. **IS-SEPARAZZJONI PERSONALI***

*L-esponenti tirrileva li tidher li din hija waħda mill-ftit talbiet li l-partijiet jaqblu fuqha għaliex it-tnejn li huma jaqblu li din l-Onorabbli Qorti għandha tippronunzja s-separzzjoni personali ta' bejniethom għalkemm irid jingħad li r-responsabbilita' tal-istess separazzjoni hija kontestata b'dan li ż-żewġ partijiet jgħidu li t-tort u r-responsabbilita' tal-istess hija tal-parti l-oħra. F'dan l-istadju l-istess esponenti tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jsegwi hekk:*

***"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew***

[316] Ara x-xhieda tiegħu datata s-26 ta' Ġunju 2013 a fol 3144 tal-proċess.

***kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

*L-esponenti tagħmel referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet* **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[317] *fejn ġie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux meħtieġ li jikkonkorru l-eċċessi, is-sevizzji, it-theddid u l-inġurji gravi, iżda kull waħda minn dawn ir-raġunijiet waħedha hija suffiċjenti***" u żżid tgħid li "***Il-liġi tqiegħed bħala motivi li jiġġustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali u mhux inċidenti minuri…..Għal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima***".*

*Issir referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet* **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[318] *u* **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[319] *fejn ġie ritenut li "***Għal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima***" u żżid tgħid ukoll li "***Sabiex tiġi promossa t-talba għas-separazzjoni mhux meħtieġ kumulu ta` kawżali, kull waħda mill-kawżali ta' sevizji, it-theddid u l-inġurji gravi hija suffiċjenti sabiex jiġu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***".*

*L-esponenti hija moralment konvinta li l-partijiet qiegħdin fi stadju fejn naturalment l-ebda konvivenza bħala konjuġi ma tista' tiġi prospettata tant li l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li minkejja t-trapass taż-żmien u l-maturita' tal-kawża odjerna baqgħu jissieltu sal-aħħar u baqgħu qatt ma setgħu jaslu fuq ftehim. Dan qiegħed jingħad anke abbażi tal-fatt li l-partijiet issa ilhom snin jgħixu b'mod separat minn xulxin u jidher ċar li s-separazzjoni personali hija l-unika triq possibbli għalihom u għalhekk ċertament jirriżulta li hemm bażi għas-separazzjoni personali tal-partijiet għall-anqas ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta abbażi tal-fatt li ċertament "***il-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***". Dwar ir-responsabbilita' għall-istess tkissir taż-żwieġ, l-esponenti ser tgħaddi l-kummenti tagħha fil-paragrafi segwenti.*

## *14. __IR-RESPONSABBILITA' TAS-SEPARAZZJONI PERSONALI__*

[317] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001).
[318] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001).
[319] Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002).

*Ġialadarba l-esponenti diġa' ppronunzjat ruħha dwar il-fatt li t-talba għal separazzjoni personali għandha tiġi milqugħa, l-esponenti issa ser tgħaddi sabiex tiddiskuti r-responsabbilita' u t-tort għal tali tkissir ta' żwieġ.*

*Mill-proċess voluminuż tal-partijiet u mill-provi u xhieda li tressqu jirriżulta ċar li ż-żewġ partijiet kienu u għadhom konvinti li l-parti l-oħra hija responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ. Min-naħa tagħha r-rikorrenti tikkontendi li ż-żwieġ tfarrak għal raġunijiet ta' vjolenza u adulterju kommessi minn żewġha filwaqt li min-naħa tiegħu l-intimat jikkontendi li ż-żwieġ tfarrak minħabba l-karattru vjolenti, għajjur u provokattiv da parti tar-rikorrenti kif ukoll għal raġunijiet ta' adulterju. L-istess partijiet iressqu bħala prova tal-allegazzjonijiet tagħhom numru ta' rapporti li saru mal-Pulizija li l-esponenti tiddikjara li għalkemm minnhom innifishom huma prova taż-żwieġ turbolenti li kellhom il-partijiet u li sfortunatament l-ulied kienu xhieda tiegħu, minnhom innifishom tali rapporti ma jistgħu bl-ebda mod jittieħdu bħala prova konkreta ta' vjolenza u dan abbażi tal-prinċipju sagrosant li prinċipalment kullħadd hu preżunt innoċenti sakemm ma jinstabx ħati minn Qorti kompetenti.*

*Fil-mori tal-kawża ġew preżentati żewġ sentenzi li ingħataw kontra l-intimat u ċioe' waħda relatata ma' misapproprjazzjoni ta' arloġġ f'kuntest ta' kirja (liema sentenza naturalment hi inkostestabbli) u sentenza oħra relatata ma' nuqqas ta' ħlas ta' manteniment u aċċess fejn għal darb'oħra l-intimat instab ħati iżda l-esponenti tirrileva li tali sentenzi ma jagħtux konfort lit-teżi tar-rikorrenti kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ għaliex naturalment dik relatata mal-ħlas ta' manteniment u aċċess seħħew wara li bdew il-proċeduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet u dik relatata mal-kirja wkoll seħħet wara li l-intimat ħareġ mid-dar matrimonjali u kienu bdew il-proċeduri legali ta' separazzjoni (apparti l-fatt li r-rikorrenti ma tattribwixxix tali akkadut bħala r-raġuni għas-separazzjoni tagħhom) u għalhekk żgur li dawn ma setgħux kienu l-kawża tat-tifrik taż-żwieġ ta' bejniethom.*

*Mill-atti jirriżulta li l-aktar allegazzjoni qawwija li tinsisti fuqha r-rikorrenti bħala raġuni għat-tifrik taż-żwieġ hija l-adulterju da parti ta' żewġha u f'dan il-kuntest tipprova tressaq numru ta' xhieda u tesebixxi numru ta' dokumenti u ritratti li skond hi jagħtu prova ta' tali adulterju pero' l-esponenti umilment tissottometti li tali xhieda u dokumentazzjoni ma jagħtux prova ta' adulterju*

*għaliex l-ebda xhud li tressaq ma ta prova li l-intimat kellu relazzjoni jew li kkommetta xi forma ta' adulterju magħhom fi żmien li l-partijiet kienu għadhom flimkien biex dan wassal għas-separazzjoni tagħhom. Ħadd mix-xhieda li tressqu ma qal li kien hemm xi forma ta' relazzjoni intima mal-intimat u bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti, komunikazzjoni bejn l-intimat ma' nisa oħra mhux neċessarjament ifisser li kien hemm xi forma ta' relazzjoni bejniethom għax wara kollox in-nies ikellmu n-nies. Kemm ix-xhud CP kif ukoll Elizabeth Pisani – t-tnejn li huma ċaħdu li kien hemm relazzjoni mal-intimat. Elizabeth Pisani tammetti li marret tieħu kafe' mal-intimat u li kienu jitkellmu fuq kollox pero' dan mhux biżżejjed biex jiġi pruvat adulterju għaliex kif ingħad hu possibbli li raġel u mara jkollhom relazzjoni ta' ħbiberija biss bejniethom u konsegwentement l-esponenti ma tistax tasal għall-konklużjoni li l-intimat ikkommetta adulterju ma' tali persuni u li fuq kollox tali adulterju kien il-kaġun tas-separazzjoni tal-partijiet. L-istess jingħad għan-nisa l-oħra li jissemmew mir-rikorrenti fosthom HT, MCB, LT u MV li mill-atti ma jirriżultax li hemm prova li l-intimat kellu xi relazzjoni adultera magħhom – aktar hemm impressjoni li r-rikorrenti tgħir għal kull persuna tas-sess femminil li tista' tkun viċin lejn l-intimat. L-esponenti żżid tgħid li l-fatt li l-vettura (allegatament) ta' LT setgħet kienet ipparkjata fil-viċinanzi tal-proprjeta' fejn kien qed jgħix l-intimat ma jfissirx li l-intimat kellu relazzjoni magħha speċjalment in vista tal-fatt li jidher li l-ulied kienu ħbieb ukoll u għalhekk hu plawsibbli ħafna li l-ġenituri jkunu jafu lill-ġenituri tal-ħbieb t'uliedhom pero' dan ma jagħtix prova ta' xi ħaġa oltre minn hekk.*

*Min-naħa l-oħra jista' jingħad ukoll li l-fatt li LB kien ta prokura lir-rikorrenti lanqas ma jfisser li kien hemm relazzjoni bejniethom. Irid jingħad pero' li donnu anke mix-xhieda tiegħu l-intimat ma jibnix it-teżi tiegħu bħala raġuni għat-tifrik taż-żwieġ fuq l-allegat adulterju da parti ta' martu (għall-kuntrarju li tagħmel hi).*

*Kwantu għall-allegazzjonijiet reċiproċi dwar vjolenza li ż-żewġ partijiet jagħmlu fil-konfront ta' xulxin jidher ċar li l-partijiet għamlu diversi rapporti kontra xulxin u li tali aspett kien ċertament wieħed mir-raġunijiet għala l-partijiet eventwalment isseparaw. L-esponenti hija tal-fehma li bl-attitudni u d-dynamics tagħhom bħala koppja kien hemm xenarju ta' vjolenza emozzjonali u psikoloġika reċiproka b'dan li sfortunatament l-ulied kienu preżenti għalih u trabbew f'ambjent fejn raw lill-ġenituri tagħhom jiġġieldu, jagħmlu x-xenati u jaġixxu b'mod li l-ebda ulied ma jmisshom ikunu xhieda.*

*Kwantu għall-allegazzjonijiet ta' vjolenza fiżika li wkoll saru b'mod reċiproku miż-żewġ partijiet (kemm fil-konfront ta' xulxin kif ukoll fil-konfront tal-ulied) l-esponenti tirrileva li għalkemm saru rapporti mal-Pulizija miż-żewġ partijiet dwar dan, jidher li jew ħadd ma tressaq u ma ttieħdu ebda passi kriminali jew li l-proċeduri twaqqgħu u konsegwentement m'hemm ebda sentenza mill-Qorti dwar dan. Jirriżulta pero' li l-ulied kienu aggressivi fuq ommhom b'dan li tressqu xhieda okulari li qalu li l-omm (ir-rikorrenti) kienet imsawwta minn uliedha fil-preżenza tagħhom. L-esponenti tirrileva wkoll li r-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr. Stephanie Galea jista' jitfa' ħafna dawl ukoll fuq dak li qalu t-tfal dwar il-ġenituri tagħhom u l-allegazzjonijiet relatati ma' vjolenza da parti tal-partijiet pero' kif ingħad aktar 'il fuq tali rapport m'huwiex disponibbli pero' jidher ċar li abbażi tiegħu din l-Onorabbli Qorti kienet moralment konvinta li hu fl-aħjar interessi tal-ulied li l-istess ulied jgħixu mal-intimat missierhom.*

*Tenut kont ta' dak kollu suespost l-esponenti umilment tissottometti li ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment għal raġunijiet li imputabbli liż-żewġ partijiet u ċioe' vjolenza emozzjonali u psikoloġika reċiproka, għira qawwija da parti tar-rikorrenti u n-nuqqas ta' kapaċita' tal-intimat li jgħaraf kif jimxi mal-istess rikorrenti u nuqqas kbir ta' kompatibilita' ta' karattru bejn il-partijiet li wassalhom għal ċirkustanzi tant estremi li sfortunatament l-ulied sofrew anke jekk dan ma kienx intenzjonat.*

*15. **DWAR L-APPLIKAZZJONI TAS-SANZJONIJIET KONTEMPLATI FIL-LIĠI***

*Abbażi ta' dak suespost u abbażi tal-fatt li fl-umli opinjoni tal-esponenti, r-responsabbilita' taż-żwieġ għandha taqa' fuq iż-żewġ partijiet b'mod ugwali għaliex it-tnejn li huma kkontribwew għat-tifrik taż-żwieġ li wassal għall-proċeduri odjerni, allura s-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi għandhom jiġu applikati fil-konfront tagħhom it-tnejn.*

*Għal kull buon fini jingħad li fl-opinjoni tal-esponenti, għandu jiġi applikat l-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tagħhom liema Artikolu jgħid hekk:*

***"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-***

***raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ****".*

*L-esponenti, kif diġa' kellha l-opportunita' li tiddikjara aktar 'il fuq, hija tal-umli opijoni l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli liż-żewġ partijiet u għaldaqstant fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ l-esponenti tissottometti li għandhom jiġu applikati l-Artikolu 48(1)(a), (ċ) u (d) fil-konfront tagħhom it-tnejn.*

## *16. DATA LI MINNHA GĦANDHA TITQIES IR-RESPONSABBILITA' U T-TORT TAS-SEPARAZZJONI*

*L-esponenti tirrileva li l-kawża odjerna ilha għaddejja s-snin u fil-maġġor parti tagħha kienet ir-rikorrenti li damet snin sabiex tressaq il-provi tagħha. Jidher li fil-mori saru diversi tentattivi ta' xi forma ta' ftehim amikevoli u bonarju bejn il-partijiet iżda qatt ma waslu.*

*L-esponenti tħoss li d-data tal-medjazzjoni tal-partijiet tkun data wisq kmieni sabiex tiġi kkunsidrata bħala d-data tar-responsabbilita' tas-separazzjoni għal fini ta' dak ċitat aktar 'il fuq u tas-sanzjonijiet applikabbli fil-liġi. Min-naħa l-oħra li tittieħed id-data eventwali tas-sentenza bħala d-data indikattiva u li taqta' linja tkun inġusta wkoll anke abbażi tal-fatt li r-rikorrenti ħadet il-ħin tagħha biex tressaq il-provi filwaqt li fil-frattemp in-negozju kien qiegħed jikber u jiffjorixxi – negozju li trawwem mill-intimat u mill-professjoni tiegħu ta' spiżjar u li ser*

*tgawdi minnu r-rikorrenti wkoll fil-qasma u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejniethom li għal xi raġuni ħadd mill-partijiet ma talab li tiġi xolta pendenti l-proċeduri twal ta' bejniethom. Għalhekk wara ħsieb profond fuq kif imxiet il-kawża odjerna, d-dati relattivi u l-iżvolġiment tal-istess kawża l-esponenti umilment tissottometti li bħala data relattiva għall-fini ta' dan il-paragrafu u din it-talba, d-data għandha tkun dik li fiha din l-Onorabbli Qorti ordnat l-iżgumbrament tar-rikorrenti mid-dar matrimonjali u li l-ulied kollha jgħixu fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-istess rikorrenti u ċioe' t-8 t'April 2010 li taħbat ukoll id-data meta r-rikorrenti żarmat id-dar matrimonjali, (kif jirriżulta ċar mir-rapport ta' Vincent Ciliberti li aċċeda fl-istess dar siegħa wara tali żgumbrament) u ħadet tant oġġetti li prattikament ġabet l-istess dar matrimonjali inabitabbli għal żewġha u wliedha (minkejja li kienet konxja bid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti) u ġabet lill-intimat f'sitwazzjoni fejn apparti li kellu jirranġa d-diżastru li ħalliet l-istess rikorrenti kellu jerġa' jarmaha u jonfoq il-flus biex jerġa' jġibha abitabbli għalih u għal uliedu.*

## *17. <u>MANTENIMENT GĦALL-ATTRIĊI</u>*

*L-attriċi qiegħda tagħmel talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lill-intimat iħallasha manteniment.*

*Jiġi rilevat li permezz ta' digriet mogħti fl-atti tal-medjazzjoni bejn il-partijiet, l-intimat ġie ordnat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' €450 fix-xahar bħala manteniment għaliha*[320] *liema manteniment ġie ridott għas-somma ta' €150 fix-xahar permezz ta' digriet tal-5 ta' Diċembru 2008. Sussegwentement permezz ta' digriet datat it-8 t'April 2010*[321] *tali manteniment ġie revokat. Jirriżulta pero' li permezz ta' digriet datat l-4 ta' Novembru 2010 il-manteniment għar-rikorrenti reġa' ġie stabbilit fl-ammont ta' €350 kull erba' ġimgħat*[322] *wara li wriet li l-kuntratt t'impjieg tagħha ma kienx ser jiġi mġedded. Sussegwentement talbet li l-manteniment għaliha personalment jiġi awmentat għal €900 kull 4 ġimgħat, liema talba pero' ġiet miċħuda permezz ta' digriet datat is-26 ta' Marzu 2013. Ir-rikorrenti reġgħet talbet awment tal-manteniment tagħha iżda tali talba reġgħet ġiet miċħuda permezz ta' digriet datat l-14 t'Awwissu 2013. Il-manteniment għar-rikorrenti ġie mwaqqaf permezz ta' digriet datat is-26 ta' Settembru 2016;*

[320] Ara l-verbal tas-26 ta' Settembru 2008 a fol 126 tal-proċess.
[321] Ara a fol 309 tal-proċess.
[322] Ara a fol 1710 tal-proċess.

*L-esponenti tirrileva l-ġurisprudenza u l-linja attwali tal-Qrati ta' Malta issa qiegħdin jagħtu wkoll piż għall-fatt li l-mara għandha kapaċita' li taħdem u għalhekk m'għandhiex, speċjalment f'każ ta' separazzjoni, tibqa' tara ż-żwieġ bħala xi forma ta' garanzija ta' introjtu jew bħala insurance. Fil-każ odjern jirriżulta b'mod ampju li l-attriċi mhux biss kapaċi taħdem bi qliegħ talli fattwalment irriżulta li fil-mori tal-kawża (għalkemm mhux dejjem bl-istess mod) kważi dejjem kellha xi forma t'impjieg. Tant hu hekk li fid-digriet tat-8 t'April 2010 din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta ddikjarat li l-ebda manteniment m'hu dovut lilha abbażi tal-fatt li taħdem għalkemm kien hemm żmien fejn tali manteniment reġa' ġie fis-seħħ (kif spjegat aktar 'il fuq) meta r-rikorrenti infurmat lil din l-Onorabbli Qorti li l-kuntrat t'impjieg tagħha ma kienx ser jiġi mġedded, liema sitwazzjoni reġgħet inbidlet għaliex ir-rikorrenti sabet impjieg ieħor alternattiv. Barra minn hekk irid jingħad li r-rikorrenti kellha żmien biżżejjed (biss biss il-kawża ilha għaddejja s-snin) fejn l-istess rikorrenti kellha kull opportunita' li ssib saqajha kif fil-verita' jidher li għamlet u għalhekk l-esponenti ma tarax raġuni għala r-rikorrenti għandha tipperċepixxi xi forma ta' manteniment da parti ta' żewġha (speċjalment meta kien hemm żmien ukoll ta' overlapping u kien għadu jitħallas manteniment mingħand l-intimat fl-istess żmien li r-rikorrenti kienet qed taħdem bi qliegħ) u t-talba tal-intimat għar-rifużjoni ta' tali manteniment ġiet miċħuda*[323].

*Fid-dawl ta' dan kollu u fid-dawl tal-fatt li hekk kif ingħad aktar 'il fuq l-esponenti tħoss li għandhom jiġu applikati s-sanzjonijiet imsemmija fil-konfront taż-żewġ partijiet (inkluża s-sanzjoni relatata mal-manteniment), l-istess esponenti umilment tissottometti li t-talba tar-rikorrenti għall-manteniment tagħha personali għandha tiġi miċħuda.*

## *18.* ***KURA U KUSTODJA TAL-ULIED***

*Illi l-esponenti tirrileva li talbiet relatati mal-kura u l-kustodja tal-minuri għandhom dejjem jiġu deċiżi skond il-prinċipju ta' x'inhu fl-aħjar interessi tal-minuri. F'dan l-istadju l-esponenti tagħmel referenza għall-kawza fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[324] *fejn ġie dikjarat li "**Il-prinċipju li għandu jipprimeġġja, meta l-Qorti tiġi biex tagħti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suġġerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għall-***

[323] Ara d-digriet datat is-26 ta' Settembru 2016.
[324] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1947, Vol. 33D 1947.

***interess tal-istess tfal**" kif ukoll għall-kawża fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon**[325] u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino**[326] fejn ġie ritenut li "**r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal**".*

*Tenut kont ta' dak suespost, dawn kienu l-prinċipji li neċessarjament wasslu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fil-mori tal-kawża odjerna tagħti provvedimenti pendente lite dwar il-kura u l-kustodja tal-istess ulied. Tali digrieti pendente lite ser jissemmew f'dan ir-rapport għal finijiet ta' komplettezza stante li llum -il ġurnata l-ulied huma kollha maġġorenni.*

*B'mod kronoloġiku jingħad li:*

*Permezz ta' digriet datat is-26 ta' Settembru 2008[327] l-attriċi ġiet fdata bil-kura u l-kustodja tal-ulied b'dan li l-istess attriċi ġiet awtorizzata tgħix fid-dar matrimonjali (mal-ulied li tagħhom ġiet fdata l-kura u l-kustodja) ad esklużjoni tal-intimat;*

*Permezz ta' digriet datat il-5 ta' Diċembru 2008[328] din l-Onorabbli Qorti rrevokat id-digriet preċedenti tas-26 ta' Settembru 2008 u ordnat li b'effett mit-8 ta' Diċembru 2008 il-kura u l-kustodja tal-minuri tkun konġunta bejn il-partijiet b'dan pero' li l-wild AA tgħix mal-intimat missierha filwaqt li l-ulied AB u AC jgħixu mal-attriċi ommhom mill-Ħadd fl-10.00am sat-Tlieta fis-7.00pm u mill-Ħamis fis-7.00pm sal-Ġimgħa fis-7.00pm bil-kumplament tal-ġranet jgħixu mal-missier.*

*Sussegwentement permezz ta' digriet datat it-8 t'April 2010[329] din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta ordnat li l-ulied kolllha għandhom jgħixu mal-missier b'dan li ġie ordnat li l-kura u l-kustodja tagħhom proviżorjament ġiet fdata lill-istess missier b'aċċess għall-ulied lir-rikorrenti s-Sibt jew il-Ħadd mill-10.00am sat-8.00pm.*

*L-esponenti tirrileva li fil-mori tal-kawża ġiet appuntata Dr. Stephanie Galea bħala Avukat tat-Tfal, liema rapport ġie preżentat fit-18 ta' Frar 2010 u ġie sfilzat*

325 Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972.
326 Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 1972.
327 Ara l-verbal esebit a fol 126 tal-proċess.
328 Ara d-digriet esebit a fol 150 tal-proċess.
329 Ara a fol 309 tal-proċess.

*u miżmum issiġġillat fis-sigrieta b'ordni ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta kif jirriżulta min-notament tad-Deputat Reġistratur datata d-19 ta' Frar 2010*[330]*. Għalkemm fiż-żmien li qiegħed jiġi redatt ir-rapport odjern l-ulied kollha kienu laħqu għalqu l-eta' ta' tmintax (18) -il sena u konsegwentement kwistjonijiet relatati ma' kura u kustodja huma ormai survolati, fid-dawl tas-sentenza fl-ismijiet* ***Lotino Borg Ritchell vs Edward Borg u l-Avukat Ġenerali*** *deċia nhar it-28 ta' Frar 2020 mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, l-esponenti umilment tħoss li tali rapport għandu jkun rinserit fil-proċess u disponibbli għaż-żewġ partijiet.*

*Fid-dawl ta' dak suespost u ċ-ċirkustanzi preżenti l-esponenti umilment tissottometti li din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni minn tali talbiet relatati mal-kura u l-kustodja tal-ulied peress li issa dawn jistgħu jiddeċiedu fejn jgħixu u ma' min jgħixu bħala nies adulti.*

## *19. __MANTENIMENT TAL-ULIED__*

*Din it-talba hija normalment konsegwenzjali għat-talba relatata mal-kura u l-kustodja tal-minuri u naturalment ir-residenza ordinarja tal-istess minuri. Ġialadarba, pero' l-ulied kollha llum huma maġġorenni, allura l-kompetu tal-esponenti hu li tara min minn tali ulied għadu jista' jibbenefika mill-manteniment u jekk skond il-liġi, hemmx manteniment dovut għalihom.*

*Jirriżulta li fil-mori tal-kawża kien hemm diversi kambjamenti stante li per eżempju f'Settembru 2008 il-kura u l-kustodja tal-ulied (li dak iż-żmien kienu għadhom minuri) ġiet fdata f'idejn l-attriċi filwaqt li l-intimat ġie ordnat iħallas manteniment ta' €450 għat-3 ulied*[331]*. Sussegwentement, permezz ta' digriet datat il-5 ta' Diċembru 2008*[332] *ir-residenza tal-minuri nbidlet b'dan li l-wild AA ġiet ordnata li tgħix ma' missierha filwaqt li AB u AC jgħixu mal-attriċi ommhom mill-Ħadd fl-10.00am sat-Tlieta fis-7.00pm u mill-Ħamis fis-7.00pm sal-Ġimgħa fis-7.00pm bil-kumplament tal-ġranet jgħixu mal-missier. Abbażi ta' dan it-tibdil, l-intimat ġie ordnat iħallas manteniment ta' €300 fix-xahar għall-minuri subien b'effett mill-1 ta' Diċembru 2008.*

[330] Ara a fol 369 tal-proċess.
[331] Ara l-verbal tas-26 ta' Settembru 2008 esebit a fol 126 tal-proċess.
[332] Ara d-digriet esebit a fol 150 tal-proċess.

*Għalkemm permezz ta' digriet datat it-8 t'April 2010*[333] *din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta ordnat li l-ulied kolllha għandhom jgħixu mal-missier b'dan li ġie ordnat li l-kura u l-kustodja tagħhom proviżorjament ġiet fdata lill-istess missier b'aċċess għall-ulied lir-rikorrenti s-Sibt jew il-Ħadd mill-10.00am sat-8.00pm, r-rikorrenti xorta waħda ma ġietx ordnata tħallas manteniment versu wliedha. Fil-fatt tali talba għal ħlas ta' manteniment ġiet miċħuda permezz ta' digriet datat il-11 ta' Mejju 2011, permezz ta' digriet datat is-17 ta' Frar 2012, permezz ta' digriet ieħor datat id-9 ta' Settembru 2012 kif ukoll permezz ta' digriet datat is-26 ta' Settembru 2016. Kien biss permezz ta' digriet datat it-30 t'Ottubru 2018 li r-rikorrenti ġiet ordnata tħallas manteniment għall-ulied AB u AC B fl-ammont ta' €400 fix-xahar (stante li fiż-żmien ta' tali digriet il-wild AA kienet diġa' għalqet l-eta' ta' 23 sena). Għalkemm id-digrieti ma jagħtux raġuni speċifika għala tali talbiet għal ordni ta' ħlas ta' manteniment da parti tar-rikorrenti damu jiġu miċħuda għal numru ta' snin, mir-risposti ntavolati da parti tal-istess rikorrenti jidher li waħda mir-raġunijiet li wasslu għal tali sitwazzjoni kien il-fatt li l-ġestjoni tan-negozju u allura l-finanzi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti kien kollu ġestit mill-intimat (apparti l-fatt li kien hemm żmien li l-istess rikorrenti kienet taħdem fuq bażi part-time).*

*Mill-atti jirriżulta li l-ulied ilhom jgħixu ma' missierhom għal numru ta' snin b'dan li l-istess intimat missier assuma r-responsabbilita' finanzjarja għall-istess ulied esklussivament waħdu. Kif ingħad aktar 'il fuq, fil-mori tal-kawża din l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba tal-istess intimat sabiex ir-rikorrenti omm tiġi ordnata tħallas manteniment versu wliedha diversi drabi u kien biss wara numru ta' snin u ċioe' permezz ta' digriet tat-30 t'Ottubru 2018 hawn fuq imsemmi li r-rikorrenti ġiet ordnata tħallas manteniment għaż-żewġt ulied. L-esponenti tirrileva li minkejja li r-rikorrenti dejjem (jew kważi dejjem) kellha xi forma ta' introjtu, xorta baqgħet tinsisti li ma tħallasx manteniment għal uliedha (b'dan li lanqas jirriżulta li offriet xi forma ta' assistenza finanzjarja għall-istess ulied) u dan joħroġ ċar anke mir-risposti li hi intavolat għad-diversi rikorsi ta' żewġha dwar ordni ta' ħlas ta' manteniment. Dan fl-umli opinjoni tal-esponenti juri li r-rikorrenti minkejja li tinsisti li tant tħobb lil uliedha, xorta waħda għal snin twal ma wriet ebda inizzjattiva li tgħin b'mod finanzjarju fit-trobbija tagħhom (anke b'mod minimu) u tali posizzjoni m'għinet xejn sabiex il-partijiet jaslu għal xi forma ta' ftehim jew sabiex ikun hemm anqas atti ġudizzjarji ntavolati da parti tal-intimat (per eżempju għal talbiet relatati ma' ħlas ta' manteniment). Dan ser*

[333] Ara a fol 309 tal-proċess.

*jiġi diskuss u rifless ukoll fl-allokament tal-ispejjeż tal-kawża aktar 'il quddiem. Min-naħa tiegħu l-intimat jinsisti li r-rikorrenti għandha tiġi mġiegħla tħallas il-manteniment b'lura għas-snin kollha li kien hu li assuma r-responsabbilita' tal-ulied pero' l-esponenti umilment tissottometti li ma taqbilx ma' tali teżi stante li fl-ewwel lok m'hemm ebda talba f'dan is-sens, fit-tieni lok għaliex kien fl-interess suprem tal-ulied li l-istess ulied imorru jgħixu mal-intimat missierhom u jkunu mantnuti esklussivament minnu sabiex ma jkun jonqoshom xejn (anke għaliex kien hu li kellu l-ġestjoni tan-negozju f'idu u minn tali ġestjoni r-rikorrenti kellha sehemha wkoll), fit-tielet lok għaliex l-ulied u l-interessi supremi tagħhom ma jistgħux jiġu ridotti għal kwistjonijiet finanzjarji u fl-aħħar u mhux l-anqas għaliex din l-Onorabbli Qorti kienet ukoll ċaħdet it-talba tal-intimat li jitħallas manteniment b'lura permezz ta' digriet datat il-11 ta' Mejju 2011[334].*

*L-esponenti tirrileva li fil-mori tal-kawża rriżulta li kien hemm bżonn li l-ulied jgħixu ma' missierhom u li tali missier jassumi r-responsabbilita' tagħhom b'mod esklussiv anke b'mod finanzjarju u hekk sar. Fl-umli opinjoni tal-esponenti din l-Onorabbli Qorti kienet korretta f'tali deċiżjoni għaliex il-prinċipju tal-aħjar interessi tal-ulied jitlob li d-drittijiet u l-bżonnijiet tal-istess ulied jiġu qabel kull aspett finanzjarju.*

*L-esponenti tiddikjara li hi konxja mil-linea ta' ġurisprudenza, fosthom il-kawżi fl-ismijiet* **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[335] *u* **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[336] *fejn saret referenza għal:*

*Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-*

***"Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skond il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja"***

*għal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:*

***"Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu***

[334] Ara a fol 2095 tal-proċess.
[335] Deċiża nhar il-25 ta' Ġunju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Rik Ġur 2668/1996).
[336] Deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Rik Ġur Nru 1396/2001).

***u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied***."

*u għal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jingħad li:-* ***"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodiċi***."

*L-esponenti hija konxja wkoll mid-dispozizzjonijiet tal-liġi li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso wliedhom u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess, aktar u aktar meta llum il-miżżewġin huma f'pożizzjoni ta' ugwaljanza u għandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "****jerfgħu r-responsabilitajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom***."

*L-esponenti tirrileva li kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħha, l-obbligu għall-manteniment tal-minuri m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-ġenituri iżda huwa obbligu assolut – obbligu li r-rikorrenti għal diversi raġunijiet ma refgħetx għal numru ta' snin (stante li qabel id-digriet tas-sena 2018 fejn ġiet ordnata tħallas manteniment għas-subien, qatt ma offriet li tħallas xi forma ta' manteniment jew tagħti għajnuna finanzjarja lill-intimat għat-trobbija tal-ulied) pero' wieħed ma jridx jinsa wkoll il-fatt li r-rikorrenti ma kienitx qiegħda tipperċepixxi mill-ebda forma ta' introjtu jew profitti li kienu qed jiġu ġestiti mill-ispiżerija u li dawn baqgħu dejjem tul is-snin jiġu perċepiti u wżati bl-aktar mod liberu mill-intimat.*

*L-esponenti issa ser tgħaddi sabiex tevalwa jekk l-ulied jew uħud minnhom għandhomx dritt għal xi forma ta' manteniment. L-esponenti tibda biex tħares lejn l-eta' tal-ulied. Il-wild AA twieldet fit-13 ta' Novembru 1994 u konsegwentement għandha aktar minn 23 sena u konsegwentement l-ebda manteniment fil-preżent ma jista' jiġi likwidat fil-konfront tagħha. Tant hu hekk li permezz tad-digriet tat-30 t'Ottubru 2018 din l-Onorabbli Qorti ordnat biss manteniment versu l-ulied AB u AC B. Il-wild AB li twieled fis-7 ta' Lulju 1997 għandu 22 sena u għalhekk jekk hu student fuq bażi full-time għandu d-dritt għal manteniment sakemm jibqa' student full-time jew jagħlaq l-eta' massima ta' 23 sena skond liema eventwalita' sseħħ l-ewwel. Il-wild AC li twieled fid-19 ta' Ġunju 1999 għandu 20 sena u għalhekk bħal ħuħ AB jekk hu student fuq bażi full-time għandu d-dritt għal manteniment sakemm jibqa' student full-time jew*

*jagħlaq l-eta' massima ta' 23 sena skond liema eventwalita' sseħħ l-ewwel.*

*Għalhekk fl-umli opinjoni tal-esponenti, f'każ li jissusstixxu r-rekwiżiti hawn fuq imsemmija għall-ulied AB u AC jew min minnhom (u ċioe' jekk huma studenti fuq bażi full-time), ir-rikorrenti għandha tiġi ordnata tħallas is-somma ta' €250 għal kull wild kull xahar bħala manteniment għall-istess ulied (stante li l-esponenti tħoss li l-ammont ta' €200 hu baxx wisq u skond l-aħħar informazzjoni disponibbli mill-atti l-istess rikorrenti m'għandhiex introjtu minimu, apparti l-fatt li aktar minn 10 snin ilu, l-intimat kien ordnat iħallas is-somma ta' €450 fix-xahar għat-tliet ulied), liema manteniment għandu jgħaddi direttament għand l-intimat f'każ li għadhom jgħixu taħt l-istess saqaf miegħu jew direttament lill-istess ulied f'każ li stabilixxew residenza għalihom. L-esponenti hija tal-fehma wkoll li tali manteniment għandu jgħola kull sena skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jinqata' direttament mill-paga tal-istess rikorrenti in vista tal-fatt li l-attriċi wriet kemm kienet iebsa u kemm qatt ma ħallset manteniment għal uliedha minkejja li kienet taħdem u minkejja li naturalment kienet konxja mill-fatt li żewġha kien qed jassumi r-responsabbilita' sħiħa tal-istess ulied.*

## *20. __AĊĊESS__*

*L-esponenti tirrileva li kif diġa' ġie kkonstatat, l-ulied tal-partijiet illum -il ġurnata huma kollha adulti u għalhekk l-ebda ordni ta' aċċess ma tista' tingħata. Fiċ-ċirkustanzi l-esponenti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba li ormai ġiet eżawrita biż-żmien.*

## *21. __TALBA AD HOC SABIEX IR-RIKORRENTI TGĦIX FID-DAR MATRIMONJALI AD ESKLUŻJONI TAL-INTIMAT__*

*L-esponenti umilment tissottometti li r-rikorrenti qiegħda tagħmel tali talba b'dan li fil-mori tal-kawża ċ-ċirkustanzi nbidlu b'tali mod li kien l-intimat li kien qiegħed jirrisjedi fl-istess fond mal-ulied. Stante l-likwidazzjoni tal-assi kif deskritt aktar 'il quddiem l-esponenti umilment tissottometti li tali talba għandha tiġi miċħuda.*

## *22. __TALBA AD HOC SABIEX L-INTIMAT JGĦIX FID-DAR MATRIMONJALI AD ESKLUŻJONI TAR-RIKORRENTI SAKEMM IL-WILD AC JAGĦLAQ L-ETA' TA' 18 -IL SENA__*

*L-esponenti umilment tissottometti li l-intimat kien ċar, konċiż u konsistenti fil-posizzjoni tiegħu mill-bidu nett tal-proċeduri u jidher li fil-mori tal-kawża ingħata d-dritt li jgħix fl-istess dar matrimonjali flimkien mal-ulied imma ad esklużjoni tar-rikorrenti u ilu jgħix hemmhekk għal numru ta' snin (minn April 2010). Stante l-likwidazzjoni tal-assi kif deskritt aktar 'il quddiem u stante t-talba u l-posizzjoni tal-intimat li talab biss li jgħix f'tali dar sakemm il-wild AC jagħlaq l-eta' ta' 18 -il sena (liema avveniment seħħ għaliex il-wild AC għalaq tali eta' u aktar) u jirriżulta wkoll li l-istess intimat għadu jgħix fl-istess dar sal-lum -il ġurnata, allura l-esponenti umilment tissottometti li tali talba llum ġiet eżawrita għaliex dak li talab l-intimat fil-prattika diġa' ħadu.*

## *23. __XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI__*

*L-esponenti umilment tirrileva li dawn it-talbiet huma wkoll konsegwenzjali għat-talba ta' separazzjoni bejn il-partijiet u li konsegwentement huwa neċessarju li abbażi tas-separazzjoni personali tagħhom, il-komunjoni tal-akkwisti viġenti tiġi xolta u likwidata. Din hija waħda mill-ftit talbiet li ż-żewġ partijiet jaqblu dwarha u għalhekk l-esponenti, wara li kif spjegat aktar 'il fuq jirriżulta bl-aktar mod ċar li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna s-separazzjoni bejn il-partijiet huwa naturali u konsegwenzali li l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet tiġi xolta wkoll.*

*Għalhekk din it-talba għandha tiġi milqugħa.*

## *24. __LIKWIDAZZJONI U DIVIŻJONI TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI__*

*Illi għal kull buon fini l-esponenti tirrileva li l-partijiet iżżewġu nhar is-16 ta' Mejju 1993 u għalhekk, din hija d-data meta ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.*

1. ***__Assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti:__***

*Illi jirriżulta li l-komunjoni tal-akkwisti hija komposta mis-segwenti:*

I. *L-ispiżerija San Giorgio (il-proprjeta' immobbli u l-avvjament tagħha)*
II. *Garaxx / Store*

III. *Stock*
IV. *Dar matrimonjali f'Pembroke u l-arja tagħha*
V. *Il-mobbli fid-dar matrimonjali*
VI. *Debiti*
VII. *Kredituri*

*L-esponenti tirrileva li ser tistrieħ kompletament fuq il-valuri u l-istimi tal-Periti mqabbda minn din l-Onorabbli Qorti u ċioe' l-Perit Tancred Mifsud bħala Perit Tekniku u l-Perit komputista William Spiteri Bailey b'dan li jingħad li huma l-aktar rapporti riċenti li ġew meħuda bħala l-valuri finali. Għalhekk fid-dawl ta' dan il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet hija kompriża mis-segwenti bil-valuri skond kif hawn indikat:*

I. *L-ispiżerija San Giorgio (il-proprjeta' immobbli, l-avvjament tagħha, d-debituri, l-overdraft u l-kredituri tagħha u stock) = €383,888*[337]

II. *Garaxx / Store = €42,000*[338]

III. *Dar matrimonjali f'6 Triq Fra Francesco Pembroke u l-arja tagħha €480,000*[339]*;*

IV. *Il-mobbli fid-dar matrimonjali li ma jirriżultax valur attwali u preżenti tagħhom (għalkemm l-esponenti tirrileva li dawk preżenti (jew ħafna minnhom) inxtraw mill-intimat stante li jirriżulta mill-atti li r-rikorrenti żarmat tali dar meta ġiet żgumbrata mid-dar u kif ingħad aktar 'il fuq tali data għandha tkun id-data stabbilita għal finijiet ta' din is-separazzjoni);*

*Kwantu għal xi debiti oħra li ssemmew fil-mori tal-kawża dawn jew ġew inklużi fir-rapporti tal-Periti msemmija jew ser jiġu msemmija fil-qasma hekk kif proposta mill-esponenti kif spjegat hawn taħt.*

*Dan allura jfisser li dak li hu kwantifikabbli f'dan l-istadju, l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet għandha valur kumplessiv ta' €905,888 u għalhekk jekk wieħed kellu jiddividi tali komunjoni preċiżament bin-nofs l-ammont li għandu jieħu kull parti jammonta għal €452,944.*

[337] Ara r-rapport tal-Perit Komputista William Spiteri Bailey.
[338] Ara r-rapport tal-Perit Komputista William Spiteri Bailey.
[339] Ara r-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Tancred Mifsud tat-3 ta' Mejju 2018 a fol 3491 tal-proċess.

***Porzjon A assenjabbli lil Marie A B:***

I. *Is-somma ta' €432,944*[340] *mill-bejgħ fis-suq miftuħ tad-dar matrimonjali f'6 Triq Fra Francesco Pembroke u l-arja tagħha, liema bejgħ għandu jsir għal prezz li m'huwiex anqas minn €480,000*[341]*. L-esponenti tissuġġerixxi li l-intimat jingħata d-dritt tal-ewwel preferenza għall-akkwist tal-istess dar matrimonjali stante li kien l-istess intimat li ingħata d-dritt li jgħix fl-istess dar flimkien mal-ulied, ilu jgħix hemm għal numru ta' snin u kien hu li reġa' rama' tali dar matrimonjali u ġabha abitabbli wara d-diżastru li ħalliet ir-rikorrenti meta ġiet żgumbrata mill-istess dar matrimonjali. L-esponenti hija tal-fehma wkoll li l-partijiet għandhom jiġu ordnati sabiex bl-ebda mod ma jressqu tali proprjeta' għall-bejgħ bis-subbasta qabel sentejn mid-data tas-sentenza;*

II. *Nofs ir-rikavat mill-bejgħ tad-dar matrimonjali li għandha tinbiegħ għal prezz li m'huwiex anqas minn €480,000 b'dan pero' li minn tali rikavat, ir-rikorrenti għandha l-ewwel tieħu s-somma ta' €432,944, kif indikat fl-ewwel paragrafu, imbagħad l-intimat jieħu s-somma ta' €20,000 u mbagħad kwalunkwe ammont rimanenti għandu jinqasam ugwalment bejniethom.*

III. *Kontijiet bankarji intestati f'isimha;*

IV. *Nofs sehem indiviż mill-kontijiet bankarji intestati f'isem iż-żewġ partijiet li m'humiex fil-passiv (in debit);*

V. *Kwalunkwe vettura intestata f'isimha b'dan li kwalunkwe spejjeż (inkluż liċenzji, penalitajiet, polza t'assigurazzjoni u dejn) abbinati mal-istess għandhom jitħallsu esklussivament mir-rikorrenti;*

***Porzjon B assenjabbli lilC B:***

I. *L-ispiżerija San Giorgio (il-proprjeta' immobbli, l-avvjament tagħha, d-*

[340] Liema tirrappreżenta s-somma ta' €452,944 u ċioe' nofs il-valur tal-komunjoni tal-akkwisti li minnu ser titnaqqas is-somma ta' €20,000 li l-esponenti llikwidat *arbitro buon viri* favur l-intimat għall-mobbli kollha li kellu jerġa' jixtri l-istess intimat meta r-rikorrenti żarmat id-dar matrimonjali.
[341] Ara r-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Tancred Mifsud tat-3 ta' Mejju 2018 a fol 3491 tal-proċess.

*debituri, l-overdraft u l-krudituri tagħha u stock) = €383,888*[342]

II. *Garaxx / Store = €42,000*[343]

III. *Kwalunkwe kontijiet / debiti (inklużi xi arretrati) u pendenti relatati mal-istess spiżerija u garaxx għandhom jitħallsu mill-intimat;*

IV. *Nofs ir-rikavat mill-bejgħ tad-dar matrimonjali li għandha tinbiegħ għal prezz li m'huwiex anqas minn €480,000 b'dan pero' li minn tali rikavat, ir-rikorrenti għandha l-ewwel tieħu s-somma ta' €432,944, l-intimat jieħu s-somma ta' €20,000*[344] *u mbagħad kwalunkwe ammont rimanenti għandu jinqasam ugwalment bejniethom. L-esponenti tissuġġerixxi li l-intimat jingħata d-dritt tal-ewwel preferenza għall-akkwist tal-istess dar matrimonjali stante li kien l-istess intimat li ingħata d-dritt li jgħix fl-istess dar flimkien mal-ulied, ilu jgħix hemm għal numru ta' snin u kien hu li reġa' rama' tali dar matrimonjali u ġabha abitabbli wara d-diżastru li ħalliet ir-rikorrenti meta ġiet żgumbrata mill-istess dar matrimonjali. L-esponenti hija tal-fehma wkoll li l-partijiet għandhom jiġu ordnati sabiex bl-ebda mod ma jressqu tali proprjeta' għall-bejgħ bis-subbasta qabel sentejn mid-data tas-sentenza;*

V. *Kwalunkwe kontijiet / debiti (inklużi xi arretrati) u pendenzi relatati mal-istess dar matrimonjali għandhom jitħallsu mill-intimat sal-ġurnata li jivvaka mill-istess dar jew sad-data tal-eventwali bejgħ tal-istess dar matrimonjali fis-suq miftuħ skond liema eventwalita' sseħħ l-ewwel;*

VI. *Kontijiet bankarji intestati f'ismu*

VII. *Nofs sehem indiviż mill-kontijiet bankarji intestati f'isem iż-żewġ partijiet li m'humiex fil-passiv (in debit);*

VIII. *Kwalunkwe vettura intestata f'ismu b'dan li kwalunkwe spejjeż (inkluż liċenzji, penalitajiet, polza t'assigurazzjoni u dejn) abbinati mal-istess*

[342] Ara r-rapport tal-Perit Komputista William Spiteri Bailey.
[343] Ara r-rapport tal-Perit Komputista William Spiteri Bailey.
[344] Rappreżentanti s-somma li l-esponenti llikwidat *arbitro buon viri* favur l-intimat għall-mobbli kollha li kellu jerġa' jixtri l-istess intimat meta r-rikorrenti żarmat id-dar matrimonjali.

*għandhom jitħallsu esklussivament mill-intimat;*

## *25. ASSI PARAFERNALI*

*L-esponenti umilment tissottometti li għalkemm il-partijiet akkwistaw proprjeta' immobbli qabel iż-żwieġ, tali proprjeta' ġiet likwidata u diviża kif spjegat aktar 'il fuq. Ma ġew esebiti ebda provi dwar xi pretensjonijiet jew assi li jistgħu jiġu konsidrati bħala parafernali tal-partijiet u konsegwentement l-esponenti ser tastjeni minn tali talba.*

## *26. NOMINA TA' NUTAR U KURATURI DEPUTATI GĦALL-EVENTWALI KONTUMAĊI*

*L-esponenti umilment tirrileva wkoll li stante li hemm proprjetajiet immobbli li kollha jsejjħu lill-partijiet u li jridu jiġu diviżi skond kif elenkat u spjegat aktar 'il fuq, hemm bżonn li din l-Onorabbli Qorti tinnomina Nutar sabiex il-proprjeta' immobbli ta' bejniethom tiġi diviża.*

*Naturalment ġialadarba l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti neċessarjament ser tinkludi l-proprjeta' immobbli u dan ser jirrikjedi kuntratt pubbliku u l-firma taż-żewġ partijiet, hemm ukoll il-bżonn li jiġu appuntati kuraturi deputati għall-eventwali kontumaċi tal-partijiet f'każ li xi ħadd minnhom jew ma jkunx fil-possibilita' li jidher u jiffirma l-kuntratt jew jibqa' jisfida u jkun inadempjenti minkejja l-ordni fl-eventwali sentenza.*

## *27. L-ISPEJJEŻ TAL-KAWŻA*

*Illi b'mod ġenerali, il-mod kif jitħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji huwa regolat bl-Artikoli 223 sa' 225 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ta' Malta, b'dana li normalment kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lill-parti telliefa għall-ispejjeż. Dan hu in linea ma' dak li tiddikjara din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha ta' nhar il-25 ta' Frar, 2005 (Appell Ċivili Numru. 53/1996/1) fl-ismijiet* ***Victor Debrincat et Vs Maria Cassar et****.*

*L-esponenti tifhem li r-responsabbilita' tas-separazzjoni u t-tifrik taż-żwieġ ingħatat liż-żewġ partijiet kif spjegat aktar 'il fuq pero' fl-istess ħin ma tħoss li jkun ekwu u ġust li l-ispejjeż tal-istess kawża jiġu allokati liż-żewġ partijiet bl-*

*istess mod u dan abbażi tas-segwenti raġunijiet:*

1. *Illi mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti kellha pretensjonijiet kbar ħafna li ma kienux reali u li għalhekk abbażi tagħhom l-intimat ma kellu ebda għażla ħlief li jasal sal-għadba tal-Qorti;*

2. *Illi mill-atti jirriżulta li l-posizzjoni tal-intimat, sa' mill-bidu nett kienet waħda raġonevoli mmens tant li wara l-ħatra ta' diversi esperti tal-Qorti, d-diviżjoni u likwidazzjoni li kien qiegħed jissuġġerixxi l-initmat kienet fil-verita' aktar vantaġġjuża għar-rikorrenti għaliex jirriżulta li d-dar matrimonjali għandha valur akbar mill-ispiżerija u l-garaxx u l-intimat kien kuntent li tali dar tiġi trasferita favur ir-rikorrenti filwaqt li hu jiġi assenjat l-ispiżerija u l-garaxx;*

3. *Illi mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti ma wriet ebda forma ta' rieda tajba li tmantni lil uliedha (minkejja li dawn kienu qed jgħixu esklussivament ma' missierhom u kienu qed jiġu mantnuti esklussivament minnu wkoll mingħajr ebda forma ta' għajnuna), liema posizzjoni kompliet sabiex tkabbar id-distakk bejn il-partijiet, tkabbar in-nuqqas ta' possibilita' ta' ftehim u żżid l-atti ġudizzjarji fil-proċess u l-ispejjeż ġudizzjarji;*

*Għalhekk abbażi ta' dan l-esponenti tħoss li r-rikorrenti għandha tbati l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża.*

*Fid-dawl ta' dan l-esponenti umilment tissottometti li tali t-talba tal-intimat li r-rikorrenti tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża għandha tiġi milqugħa.*

***Konklużjoni***

*Illi għalhekk, mill-provi kollha prodotti u fil-fehma umli ta' l-esponenti, din l-Onorabbli Qorti għandha:*

*1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti rikonvenzjonata u tal-intimat rikonvenzjonant limitatament kwantu għat-talba ta' pronunzja ta' separazzjoni b'dan li tali separazzjoni tiġi pronunzjata minħabba raġunijiet li huma imputabbli liż-żewġ partijiet b'mod ugwali;*

*2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrenti rikonvenzjonata u tas-seba' talba tal-intimat rikonvenzjonant stante li l-mertu llum eżawrit;*

*3. Tiċħad it-tielet talba tar-rikorrenti rikonvenzjonata;*

*4. Tiċħad ir-raba' talba tar-rikorrenti rikonvenzjonata;*

*5. Tilqa' l-ħames talba tar-rikorrenti rikonvenzjonata u t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tal-intimat rikonvenzjonant għax-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bil-mod kif spjegat fil-paragrafi intitolati 'Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti' u 'Likwidazzjoni u Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti' rispettivament u għal dan il-għan tinnomina Nutar sabiex jippublika d-diviżjoni ta' bejn il-partijiet u kuraturi deputati sabiex jidhru fuq tali kuntratt pubbliku fl-eventwali kontumaċja ta' xi wieħed jew waħda mill-partijiet u għal dan il-għan tiġi ffissata wkoll data għall-istess publikazzjoni.*

*6. Tilqa' s-sitt talba tar-rikorrenti rikonvenzjonata u tistablixxi għal dan il-għan l-istess data li minnha l-partijiet għandhom jitqiesu bħala responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ u ċioe' t-8 t'April 2010;*

*7. Tiċħad is-seba' talba tar-rikorrenti rikonvenzjonata u s-sitt talba tal-intimat rikonvenzjonant;*

*8. Tiċħad it-tmien talba tar-rikorrenti rikonvenzjonata;*

*9. Tilqa' d-disa' talba tar-rikorrenti rikonvenzjonata u t-tieni talba tal-intimat rikonvenzjonant limitatament għal kif spjegat fil-paragrafu intitolat 'Dwar l-Applikazzjoni tas-Sanzjonijiet Kontemplati fil-Liġi'*

*10. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tmien talba tal-intimat rikonvenzjonant stante li l-mertu tagħha hu eżawrit ukoll;*

*11. Tilqa' d-disa' talba tal-intimat rikonvenzjonant limitatament għall-minuri AB u AC kif spjegat aħjar fil-paragrafu intitolat 'Manteniment għall-Ulied';*

*12. Tilqa' l-għaxar talba tal-intimat rikonvenzjonant.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata.*

*Tant għandha l-unur tissottometti l-esponenti għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti tinsab tal-fehma li l-Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta' din il-kawza. Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-imsemmi rapport u għandha l-konvinċiment morali sħiħ li l-Perit Legali qdiet bis-sewwa l-obbligu tagħha u pprovdiet lil Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-kaz odjern. Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha.

## 2. L-Azzjoni Odjerna:

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara liC B ħati għat-tifrik taz-zwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 38, 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ;

2. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tgħaddi esklussivament f'idejn l-attriċi, filwaqt li l-konvenut jiġi ordnat iħallas manteniment adegwat għall-istess minuri;

4. Tordna li l-attriċi għandha tingħata manteniment għaliha personalment;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u

konsegwentament tillikwida u tassenja ukoll l-assi u krediti parafernali lill-attriċi;

6. Tiddikjara d-data tar-responsabbilita' għat-tifrik taz-zwieġ;

7. Tawtorizza lill-attriċi tgħix ġewwa d-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni tal-intimat.

Il-Qorti tirreferi wkoll għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, illi permezz tagħha l-konvenut rikonvenzjonat jitlob lill-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-attriċi ħatja għat-tifrik taz-zwieġ;

2. Tapplika kontra l-attriċi d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li jiġi ddikjarat li l-attriċi ddekkadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tipperċepixxi minn xi mantenimet minn għand il-konvenut;

3. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tgħaddi esklussivament f'idejn l-konvenut, filwaqt li tiddeċiedi rigward l-aċċess tal-minuri mal-attriċi u konsegwentament tordna lill-attriċi sabiex tħallas manteniment adegwat għall-istess minuri;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u konsegwentament tillikwida u tassenja ukoll l-assi u krediti parafernali lill-attriċi;

5. Tawtorizza lill-konvenut jgħix ġewwa d-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni tal-attriċi, tal-inqas sakemm l-izgħar wild jilħaq isir maġġorenni.

Għaldaqstant, il-Qorti tevalwa li l-partijiet ma għandhom l-ebda ħajra li jsalvaw iz-zwieġ tagħhom. Jidher ċar għall-Qorti li hemm disgwid kbir bejn il-partijiet fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ u kif ukoll rigward l-effetti konsegwenzjali taz-zwieġ.

Barra minn hekk il-Qorti tixtieq tippuntwalizza illi minkejja l-fatt illi din il-kawza ġiet istitwita mill-attriċi f'isimha proprju u kif ukoll in rapprezentanza ta' uliedha minuri, fil-verita' ma kienx hemm il-lok u n-neċċessita' illi l-ulied ikunu parti mill-kawza odjerna stante li s-separazzjoni *per se* u l-effetti konsegwenzjali tagħha jikkonċernaw primarjament lill-mizzewġin.

3. **Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:**

*Il-Verzjoni tal-Partijiet u l-Allegati Tortijiet Attribwiti Lilhom:*

A skans ta' ripetizzjoni zejda, il-Qorti mhux ser tgħaddi sabiex terġa' tirreplika l-verzjoni tal-partijiet, u dan in vista tal-fatt illi dan diġa' jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, hekk riprodott hawn fuq fl-intier tiegħu. In sintezi, il-Qorti tara illi:

a. A B tallega illi z-zwieġ tal-partijiet sfaxxa fix-xejn minħabba s-segwenti raġunijiet u dan minħabba l-għemil tal-konvenut: (i) adulterju, (ii) vjolenza, inkluz swat, (iii) inġurji gravi, (iv) eċċessi, (v) theddid, u (vi) abbandun; filwaqt li,

b. Noel B jallega illi z-zwieġ tfarrak minħabba s-segwenti raġunijiet u dan bi ħtija tal-attriċi: (i) adulterju, (ii) vjolenza, inkluz swat, (iii) inġurji gravi, (iv) sevizzi/moħqrija, u (v) inkompatibbilita' fil-karattru.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal kaz odjern.

*a.* *Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[345] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[346] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[347] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li*"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[348] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[349] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi*

[345]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[346]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[347]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[348]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

[349]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.

*superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[350]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[351]

b. *Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

*"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[352]

Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi:

"*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*".[353]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[354] fejn ġie dikjarat li:

"*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

c. *Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili: Abbandun*

L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

---

[350]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[351]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[352] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[353] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[354] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba".*

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn, u ċjoe' l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, filwaqt li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża fl-ismijiet **Andrea Avellino vs. Regina Avellino**,[355] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

*"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli".*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[356] fejn il-Qorti sostniet illi:

*"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn...".*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:</u>*

*In primis* il-Qorti tirrileva illi taqbel mal-konklużjoni milħuqa mill-abbli Perit Legali u ċjoe' illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment b'tort attribwibbli liż-żewġ partijiet. Madanakollu u speċifikament f'dan ir-rigward, għalkemm il-Qorti tinsab

[355] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.
[356] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

tal-fehma illi fil-maġġor parti tar-rapport tagħha l-Perit Legali waslet għal konkluzjonijiet ġusti, fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li l-Qorti tagħmel numru ta' osservazzjonijiet ulterjuri li dawn jimmeritalhom li jiġu inkluzi fid-deċizjoni aħħarija.

L-attriċi targumenta illi kien zewġha li kisser iz-zwieġ tagħhom u dan stante adulterju, vjolenza ta' natura fizika, emozzjonali u finanzjarja, inġurji gravi, eċċessi, theddid u abbandun. Madanakollu mill-provi mressqa minnha u kif ukoll min-nota ta' sottomissjonijiet tagħha stess, jidher illi l-attriċi ffukat biss fuq l-allegazzjoni tal-vjolenza u tal-adulterju, u fil-fatt il-Perit Legali jidher li ħadet konjizzjoni ta' dawn iz-zewġ allegazzjonijiet biss. Għaldaqstant il-Qorti ma tistgħax issib lil konvenut ħati ta' eċċessi, theddid u abbandun, meta dawn l-allegazzjonijiet ġew injorati u mhux ippruvati mill-attriċi stess.

Mill-banda l-oħra u fir-rigward tal-allegat adulterju u vjolenza pperpetrata fuq l-attriċi, il-Qorti hija tal-fehma illi:

a. <u>Għal dak li għandu x'jaqsam ma' adulterju hekk allegatament kommess mill-konvenut,</u> il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-Perit Legali u ċjoe' li l-provi mressqa mil-attriċi f'dan ir-rigward ma kienux tali li jissodisfaw il-grad rikjest mil-liġi. L-attriċi tibbaza l-allegazzjoni tagħha fuq il-fatt li rat b'għajnejha stess *chats* u messaġġi, pakketti tal-*condoms*, ix-xhieda ta' diversi nisa li magħhom allegatament il-konvenut kellu/għandu relazzjoni magħhom, u kif ukoll ix-xhieda ta' ħuha Arthur Gauci, oħtha Anne Marie Tabone u l-mara ta' ħuha Maria Gauci, li raw lill-konvenut ma' mara.

   Il-Qorti tara illi l-attriċi ma resqet l-ebda prova ta' dawn ic-*chats* u messaġġi, jew tal-*condoms* li sabet ġol-karozza tiegħu. L-attriċi kellha kull fakolta' li tieħu ritratti tal-istess u tezebihom fl-atti, izda din naqset milli tagħmlu. Barra minn hekk, ix-xhieda tal-familjari tagħha li jikkonfermaw illi raw lil konvenut fil-prezenza ta' mara oħra, fil-fehma tal-Qorti tali prova hija waħda suġġettiva għall-aħħar u l-Qorti ma temminx li għandha tikkonsidra tali prova bħala l-aqwa prova jew dik prinċipali in vista tal-fatt li xhieda ta' familjari minnha nnifisha għandha titqies bħala prova korraborattiva u mhux identifikattiva. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara ukoll illi hekk kif saħqet tajjeb il-Perit Legali, ħadd minn dawk in-nisa mresqa mill-attriċi ma konferma li kellu relazzjoni intima u amoruza mal-konvenut. Madanakollu

l-Qorti ħadet konjizzjoni tax-xhieda ta' CP, u għalkemm ix-xhud stess ma kienetx konsistenti fi kliemha, jibqa' l-fatt illi l-adulterju da parti l-konvenut *per se* ma ġiex ippruvat. Il-kompitu tal-Qorti f'dan l-istadju ma huwiex li tara kif iġġib ruħha jew l-intenzjoni ta' terza persuna, izda kif ġab ruħu u l-intenzjoni tal-konvenut. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi l-konvenut kellu ħbiberija ma' diversi nisa, madanakollu tali ħbiberija minnha nnifisha ma tagħti l-ebda prezunzjoni illi l-istess ħbiberija kienet intima u mhux platonika.

In sintezi l-Qorti tinsab tal-fehma illi l-konvenut kien konsapevoli illi l-ħbiberiji tiegħu ma' nies tas-sess femminili kienu ser inisslu fl-attriċi element ta' għira u rabja. Fil-fatt kien il-konvenut stess li allega fl-affidavit tiegħu illi fl-ewwel sena taz-zwieġ kienu jiġġieldu kontinwament għaliex l-attriċi kienet mara possessiva, għajjura u taħseb ħazin fuq l-inqas ħaġa, tant li *"kienet ossessjonata li hemm mara oħra u kienet iġaghalni inħossni li ma inhix fdat"*.[357] Huwa minnu dak li qalet l-Perit Legali illi komunikazzjoni bejn l-intimat ma' nisa oħra mhux neċessajament ifisser li kien hemm xi forma ta' relazzjoni bejniethom u dan ġialadarba n-nies ikellmu n-nies. Madanakollu mhux kull persuna taġixxi l-istess, u tali komportament jaf joħloq jew joħroġ fil-beraħ numru ta' insikurezzi u dubji, li fl-aħħar mill-aħħar jafu jkissru zwieġ, speċjalment jekk kien hemm diġa' prezenti tali tendenzi li forsi qatt ma ġew indirizzati peremezz ta' għajnuna professjonali. Għaldaqstant u minkejja li l-Qorti ma għandhiex provi bizzejjed sabiex issib lil konvenut ħati ta' adulterju, u għalkemm ukoll li l-konvenut kellu kull dritt li jkollu numru ta' ħbiberiji ma' nisa differenti, jibqa' inkonfutabbli li tenut kont taċ-ċirkostanzi odjerni huwa kien konsapevoli li bil-ħbiberiji tiegħu ma' diversi nisa seta' jikkawza f'martu dubji serji, insikurezzi kbar, u torment mentali, li fil-fehma tal-Qorti tali aġir għandu jammonta għal inġurji gravi.

b. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' vjolenza ta' natura fizika, emozzjonali u finanzjarja, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi l-partijiet għamlu diversi rapporti kontra xulxin mal-Pulizija u kif ukoll illi bl-attitudni u d-dinamika tagħhom bħala koppja, kien hemm xenarju ta' vjolenza emozzjonali u psikoloġika reċiproka.

[357] Fol. 4502.

Madanakollu l-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-Perit Legali fir-rigward tal-allegazzjoni ta' vjolenza fizika fuq il-persuna tal-attriċi. Għalkemm huwa minnu illi l-attriċi għamlet diversi rapporti lill-Pulizija u li ma ttiehdu l-ebda passi kontra l-konvenut bil-konsegwenza li ma hemm l-ebda sentenza kriminali rigward dan, jirrizulta b'mod ċar illi dak vantat mill-attriċi huwa minnu hekk kif jista' jiġi kkorraborat essenzjalment permezz ta' numru ta' ċertifikati mediċi pprezentati u oħrajn li għalihom ssir referenza fir-rapporti tal-Pulizija, u kif ukoll permezz tar-rapport tas-social worker Josette Camilleri tal-20 ta' Settembru 2010. Il-Qorti hija konsapevoli illi ulied il-partijiet kienu vjolenti ma' ommhom, madanakollu l-Qorti ma tinsabx konvinta li tbenġil kollu li l-maġġor parti tax-xhieda prodotta mill-attriċi xehdu dwaru, kien ikkawzat mill-ulied u mhux mill-konvenut u dan jingħad għal zewġ raġunijiet: (i) iz-zewġ ċertifikati pprezentati mar-rapporti tal-Pulizija huma datati 1 ta' Lulju 2004 u 6 ta' Awwissu 2004,[358] u b'hekk ifisser illi AA kellha disa' (9) snin, AB kellu seba' (7) snin u AC kellu ħames (5) snin, u l-Qorti ma hijiex konvinta li dak iz-zmien ulied il-partijiet kienu fi grad li jikkommettu vjolenza fizika fuq ommhom, u (ii) kien il-konvenut stess li ammetta u kkonferma mas-social worker Josette Camilleri illi *"kien hemm inċidenti fejn hu kien 'goff' ma' A. Jgħid li dan ġara minħabba li A kienet tiprovokah u tgħid ħafna paroli zejda quddiem it-tfal"*.[359] Fid-dawl ta' dawn il-provi l-Qorti tinsab moralment konvinta li l-konvenut għandu demmu spont u kapaċi jkun vjolenti. Magħdud ma' dan, mill-atti jirrizulta ċar illi da parti l-konvenut kien hemm numru atti ta' vjolenza. Il-fatt li ma hemmx sentenza fejn il-konvenut ma nstabx ħati ta' vjolenza fuq martu ma jfissirx li huwa qatt ma wettaq tali atti.

Flimkien mas-suespost, l-attriċi tisħaq ukoll illi hija kienet ukoll vittma ta' vjolenza finanzjarja – liema kwistjoni l-Perit Legali ma daħlitx fil-mertu tal-istess. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tiġbor il-ħsibijiet tagħħha f'dan ir-rigward u tgħid illi hija kienet vitma ta' *"financial hardship perpetrat mill-konvenut li kien qed jiggestixxi n-negozju tal-partijiet u lil esponenti kien ihallieha nieqsa billi ma jtiha xejn tant li kienu jghinuha familjari taghha, jhedded li ser inaqqas il-flus anke meta kien hemm ordni li jhallas il-manteniment, jhedded li ser johrog lit-tfal subien mil-iskola privata"*.[360] Il-Qorti ma tinsabx tal-fehma li z-zwieġ tal-partijiet tkisser

[358] Ara fol. 972, 998.
[359] Fol. 559.
[360] Fol. 4938.

proprju minħabba vjolenza ekonomika jew li sakemm inbdew il-proċeduri odjerni kien hemm tali vjolenza. Mill-atti jidher li l-attriċi kellha numru ta' kontijiet bankarji fuq isimha, minn liema kontijiet jidher li kien hemm numru ta' transazzjonijiet u b'hekk kellha l-fakolta' li tixtri għaliha u għal uliedha skont kif deherilha dejjem xieraq. Għaldaqstant il-Qorti ma tarax kif dan l-argument ivvantat mill-attriċi jista' jiġi emnut minn din il-Qorti.

Nonostante s-suespost, dan ma jfissirx illi l-attriċi hija nieqsa minn kull tip ta' ħtija li kien ta' kontribut għat-tifrik taz-zwieġ tal-partijiet. Għal dan il-għan il-Qorti tara illi l-konvenut jallega illi z-zwieġ tkisser minħabba adulterju, vjolenza, inġurji gravi, moħqrija da parti l-attriċi u kif ukoll inkompattibilita' ta' karattru:

a. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-adulterju allegatament kommess da parti l-attriċi, il-Qorti taqbel pjenament mal-Perit Legali illi ma hemm l-ebda prova dwar tali allegazzjoni għaliex il-fatt li LB kien ta prokura lir-rikorrenti lanqas ma jfisser li kien hemm relazzjoni bejniethom. Il-konvenut kellu kull fakolta' li jressaq bħala xhud tiegħu lill-istess LB, izda huwa għazel li dan ma jagħmlux. Lanqas ma tresqet xi prova dwar l-allegazzjoni li l-attriċi kienet infidila lejn zewġha waqt li kient tkun imsiefra fuq xogħol, jew li tevita li jkollha rapporti intimi mal-konvenut, jew li kienet tkun parteċipi f'numru ta' *chattings*. Barra minn hekk il-Qorti tara ukoll illi l-konvenut jittenta jibni din l-allegazzjoni tiegħu anke billi jitfa' dell ikrah fuq l-attriċi u jisħaq illi l-attriċi kienet diġa' infidila lejh saħansitra minn qabel iz-zwieġ. Madanakollu l-Qorti ma tarax kif dan jista' jkun ta' relevanza f'dan l-istadju għaliex jekk huwa minnu li l-attriċi kienet infidila lejn l-konvenut qabel iz-zwieġ, jidher ċar illi l-konvenut kien ħafer lill-attriċi u għazel illi jkompli bir-relazzjoni tiegħu magħha, saħansitra jizzewwiġha.

b. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' vjolenza, il-Qorti tara li ma hemm l-ebda prova li tikkonstata li l-attriċi kienet perpetriċi ta' vjolenza fizika fil-kontront ta' zewġha u dan minkejja l-allegazzjoni tal-konvenut illi *"l-attrici ukoll sawwtet lir-ragel fuq rasu b'injama waqt li kien rieqed, waddbitlu affarijiet perikuluzi u li kienu jigu f'idha, u dan bl-iskop li tweggghu jew tipprovokah. Warra xi battibekk gieli anke, waqt li il-konvenut ikun rieqed taghtu daqqiet got-testikoli tieghu u dan bhala vendetta"*.[361] Madanakollu l-istess ma jistgħax jingħad fir-rigward ta' vjolenza emozzjonali. Il-Qorti tirribadixxi

[361] Fol. 5011.

illi hekk kif saħqet tajjeb il-Perit Legali l-partijiet għamlu diversi rapporti kontra xulxin mal-Pulizija, liema komportament juri l-attitudni u d-dinamika tagħhom bħala koppja, fejn kienet tiddomina l-vjolenza emozzjonali u psikoloġika reċiproka. Il-Qorti tinsab perswaza illi l-attriċi kellha rimors qawwi illi hi kellha tissagrifika l-karriera tagħha sabiex trabbi familja filwaqt li kellha tara b'għajnejha lill-konvenut jikber fil-karriera tiegħu u jiffjorixxi negozju ta' spizerija. Il-Qorti temmen illi l-attriċi għamlet dan kollu minn qalbha, izda tezisti l-possibilta' li b'xi mod l-attriċi kienet tħossha inferjuri għall-konvenut, bil-konsegwenza li kienet tinfexx tipprovokah u tizzikah, u dan għaliex kienet perfettament konsapevoli li l-konvenut huwa bniedem b'demmu spont u taqbizlu malajr. Minkejja l-fatt li l-attriċi dejjem innegat illi hija persuna li tipprovoka u li tgħir għall-konvenut, il-Qorti ssib inverosimili l-verzjoni tagħha hekk kif il-Qorti setgħat tieħu idea ċara tal-karattru veru tal-attriċi permezz tax-xhieda ta' Dr Mireille Vincenti,[362] fizjoterapista li taħdem fl-ispizerija tal-konvenut għal minn tal-inqas tlettax-il (13) sena. Din spjegat kif darba marret l-ispiżerija u sabet lill-intimat u lil bintu jiġbru l-ħwejjeġ minn mal-art u għinithom għax kienu ser jiġu n-nies u kienet sitwazzjoni imbarazzanti. Fl-istess xhieda spjegat ukoll kif il-psikjatra Peter Muscat kien jgħidilha li ma jafx kif ser jaħdem fl-ispizerija minħabba li l-għajjat kien sar normali. Magħdud ma' dan, ir-raġel ta' oħt l-intimat, Charles Micallef, ukoll jagħti stampa tal-karattru tal-attriċi, u ċjoe' persuna li tfittex ix-xagħra fl-għaġina, persistenti, estremista, tant li karatteristiċi kienu jezistu sa minn qabel iz-zwieġ u xhud jispjega kif dakinhar taz-zwieġ tal-partijiet, huwa pprova jara li l-konvenut kien verament ċert mid-deċizjoni tiegħu li jizzewweġ lill-attriċi.[363] Għaldaqstant, u tenut kont taċ-ċirkostanzi, il-Qorti għandha raġunijiet validi sabiex temmen illi l-attriċi kienet tipprovoka lill-konvenut, liema aġir ukoll iwassal għal torment mentali u li f'għajnejn il-Qorti jammonta għall-inġurji gravi.

c. <u>Għal dak li għandu x'jaqsam ma' moħqrija</u>, il-Qorti ma tarax li din l-allegazzjoni ġiet ippruvata u b'hekk ma hemmx lok li l-Qorti għandha ssib lill-attriċi ħatja ta' dan.

d. <u>Għal dak li jirrigwarda l-inkompatibbilita' fil-karattru</u>, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju dwar dan hekk kif l-atti kollha ta' din il-kawza huma prova ta'

[362] Fol. 4492.
[363] Fol. 4496.

> dan. Il-karattri tal-partijiet kienu daqstant kontrastanti minn xulxin, li kulma jmur kien hemm iktar lok li jweġġgħu lil xulxin u kif ukoll lil uliedhom. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li dan kien ukoll ikkonfermat permezz tax-xhieda tal-psikoterapista Dr Charles Cassar fejn saħaq illi minn sessjonijiet li kellu mal-partijiet huwa nduna mill-ewwel li l-komunikazzjoni bejn il-partijiet kienet inezistenti u li l-karattru tagħhom kien inkompatibbli.[364]

Għaldaqstant jirrizulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom. Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konkluzjoni li z-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u dan minħabba inkompatibbilita' fil-karattru, u konsegwentament issib lill-konvenut ħati ta' vjolenza fizika u emozzjonali, u kif ukoll ta' inġurji gravi, filwaqt li ssib lill-attriċi ħatja ta' vjolenza emozzjonali u inġurji gravi, b'dana illi l-Qorti tiddikjara ukoll illi d-data meta z-zwieġ tal-partijiet tkisser b'mod definittiv hija t-8 ta' April 2010 u ċjoe' d-data li fiha din il-Qorti ordnat l-izgumbrament tal-attriċi mid-dar matrimonjali u din għazlet li zzarma l-istess dar u trendiha inabitabbli.

## 4. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:

Il-partijiet jitlobu lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' xulxin d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

Jiġi ribadit illi l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

[364] Fol. 4490.

Fil-każ odjern, iz-zewġ partijiet instabu ħatja għat-tkissir taz-zwieġ tal-partijiet minħabba vjolenza u inġurji gravi b'mod reċiproku. Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tapplika fil-konfront taz-zewġ partijiet l-effetti *in toto* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tagħhom iddekadew mid-dritt tagħhom li jirċievu manteniment mingħand xulxin u tilfu wkoll kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilhom wara l-mewt ta' xulxin.

## 5. Manteniment lill-Attriċi:

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi tagħmel talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lill-intimat iħallas manteniment għaliha personali. Madanakollu fid-dawl tal-fatt li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tirrileva illi *"peress li c-cirkostanzi tal-attrici illum inbiddlu u hija qed tahdem fuq bazi full-time ma hijiex qed titlob li jigi likwidat manteniment ghalieha personalment",*[365] il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

Nonostante s-suespost u fir-rigward tal-kwistjoni tal-manteniment lill-attriċi, il-Qorti tara illi fl-affidavit tiegħu l-konvenut jiddikjara illi huwa għandu jitħallas lura dik is-somma mħallsa minnu lill-attriċi f'manteniment għaliha personali u dan għal perjodu bejn Awwissu 2010 u Ottubru 2016.[366] Il-konvenut jispjega illi huwa kien ġie iħallas lill-attriċi s-somma ta' €350 kull erba' ġimgħat, u b'hekk l-attriċi ħadet is-somma komplessiva ta' madwar €27,300 għaliha personali u dan minkejja li kienet taħdem. Għaldaqstant il-konvenut qiegħed jitlob rifuzjoni ta' manteniment li fil-fehma tal-konvenut tħallas indebitament lill-attriċi għaliex kienet taħdem.

Mill-atti jirrizulta illi:

i. Permezz ta' digriet mogħti fl-atti tal-medjazzjoni bejn il-partijiet, il-konvenut ġie ordnat iħallas lill-attriċi s-somma ta' €450 fix-xahar bħala manteniment għaliha,[367] liema manteniment ġie ridott għas-somma ta' €150 fix-xahar permezz ta' digriet tal-5 ta' Diċembru 2008;

ii. Permezz ta' digriet datat 8 t'April 2010,[368] tali manteniment ġie revokat;

---

[365] Fol. 4953.
[366] Fol. 4514.
[367] Ara l-verbal tas-26 ta' Settembru 2008 a fol 126 tal-proċess.
[368] Ara a fol 309 tal-proċess.

iii. Permezz ta' digriet datat 4 ta' Novembru 2010 il-manteniment għall-attriċi reġa' ġie stabbilit fl-ammont ta' €350 kull erba' ġimgħat,[369] wara li wriet li l-kuntratt t'impjieg tagħha ma kienx ser jiġi mġedded;

iv. Permezz ta' digriet datat 26 ta' Settembru 2016,[370] il-manteniment għall-attriċi ġie mwaqqaf stante li impjieg fuq bazi *full-time* fejn l-attriċi bdiet taħdem mid-19 ta' Jannar 2015.

Fil-liġi tagħna l-istitut tal-indebitu hu prospettat taħt zewġ speċi, u ċjoe' indebitu *ex persona* (Artikolu 1021 u 1022 tal-Kodiċi Ċivili) u dak *ex re* (Artikolu 1147 tal-Kodiċi Ċivili). Dan l-istitut ġie approfondit fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Galea vs Grace Borg**,[371] fejn ġie spjegat illi *"ghalkemm fiz-zewg speci d-dritt ta' ripetizzjoni ghandu l-istess fondament, il-fattispeci tal-wahda hu divers minn ta' l-ohra; Markatament, din id-diversita` tikkonsisti fil-fatt li mentri fil-kaz ta' l-indebitu ex persona il-pagament irid ikun sar bi zball, fil-kaz ta' l-indebitu ex re id-debitu li bil-hlas gie estint ma jezistix affattu".*

Fil-kaz odjern ma hemmx dubju li l-manteniment li kien qiegħed jitħallas mill-konvenut kien *pendente lite*. F'dan ir-rigward il-Qorti tara li skont Artikolu 3 tal-Kodiċi Ċivili l-partijiet fiz-zwieġ għandhom l-obbligu li jmantnu lil xulxin. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara ukoll li skont Artikolu 22 tal-Kodiċi Ċivili *"Min ikun ta l-manteniment m'ghandux jedd jitlob ir-radd ta' dak il-manteniment li jkun ta wara li tkun spiccat ir-raguni li ghaliha kien obbligat ghall-manteniment".*

Għaldaqstant u fid-dawl ta' dan, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Josette Vella vs Sebastian Vella**,[372] fejn ġie mgħallem illi: *"...hija regola generali tad-dritt civili li <u>l-alimenti jinghataw biex ikunu effettivament ikkonsmati mill-kreditur taghhom ghall-ghajxien u s-sopravivenza attwali u ta' l-istess kreditur u ghalhekk ma jistghux jintalbu lura</u>. Dan il-principju japplika wkoll fil-kaz ta' l-alimenti derivanti miz-zwieg. Hawnhekk il-pensjoni alimentari ma tkoprix biss il-bzonnijiet strettament necessarji tal-kreditur izda hija*

[369] Ara a fol 1710 tal-proċess.
[370] Fol. 3380.
[371] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Ottubru 2005, u konsegwentament ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell nhar id-29 ta' Frar 2008.
[372] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 ta' Ottubru 2003.

*proporzjonata ghall-mezzi tal-kreditur”* (sottolinejar tal-Qorti). F’din il-kawza appena ċitata, ġiet trattata l-kwistjoni jekk ir-raġel kellux dritt jitlob rifuzjoni ta’ manteniment li ħallas *pendente lite* lill-attriċi wara li z-zwieġ tagħhom ġie annullat u l-Qorti applikat l-Artikolu 22 tal-Kodiċi Ċivili, u konsegwentament ddikjarat li r-raġel ma kellux il-jedd li jitlob rifuzjoni tal-manteniment imħallas *pendente lite*. L-istess ġie deċiz fil-kawza bl-ismijiet **Anthony Buttigieg vs Margaret Buttigieg**,[373] fejn il-Qorti ddikjarat illi ma kienx hemm lok għal rifuzjoni ta’ manteniment wara li l-kawza ta’ separazzjoni tkun ġiet dezerta mill-partijiet, u *inter alia* l-Qorti pprovdiet li *“L-Artikolu 1147 tal-Kodici Civili jipprovdi li r-radd tal-haga ma jinghatax fejn dak li kellu jinghata kien minhabba obbligazzjoni naturali. Argument li ghandu japplika fil-kaz ta’ obbligu legali”.*

Il-Qorti tifhem u anzi tirribadixxi illi l-ħlas ta’ manteniment m’huwiex xi att ta’ kortezija izda obbligu legali. Fil-fatt din il-Qorti dejjem ezeġiet li l-konvenut jmantni lill-martu skont l-obbligu tiegħu ai termini tal-liġi u dan sakemm din kienet qiegħda taħdem fuq bazi *part-time*, hekk kif jirrizulta mid-digriet tal-Qorti stess, l-FS3s tal-attriċi mill-2007 sal-2015, u l-*employment history* tal-attriċi stess.[374] Madanakollu fil-mori tal-proċeduri jirrizulta li l-attriċi sabet impjieg fuq bazi *full-time* b’introjtu tajjeb, liema impjieg ġie a konjizzjoni tal-Qorti permezz ta’ rikors pprezentat mill-konvenut nhar il-5 ta’ Settembru 2016.[375] Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-kuntratt tal-attriċi mal-Malta Enterprise,[376] din laqgħat it-talba tal-konvenut u waqfet il-manteniment kompletament filwaqt li f’dak li stadju ċaħdet it-talba tal-konvenut għar-rifuzjoni tal-manteniment.[377]

F’dan l-istadju u wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi, sottomissjonijiet, liġi u ġurisprudenza, rat illi l-fattispeċji tal-kaz odjern huma differenti minn dawk elenkati fis-sentenzi surrefriti, u b’hekk fis-sitwazzjoni odjerna tinsab moralment konvinta li d-dikjarazzjoni tal-konvenut għar-rifuzjoni tal-manteniment li ħallas fil-mori tal-proċeduri hija ġustifikata, u dan limitatament għal dak il-perjodu bejn Jannar 2015 u Settembru 2016, ċjoe’ l-perjodu minn meta l-attriċi bdiet taħdem fuq bazi *full-time* sad-data tad-digriet ta’ din il-Qorti fejn irrevokat id-dritt tal-attriċi li tipperċepixxi minn manteniment. Dan jammonta għas-somma ta’ €7,350.

---

[373] Deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), (Ġurisdizzjoni Superjuri), (Sezzjoni Familja), nhar is-6 ta’ Lulju 2010.

[374] Ara: (i) Id-digriet tal-Qorti – Fol. 1710, (ii) l-FS3s tal-attriċi mis-sena 2007 sal-2015 – Fol. 4446 – 4449, 4484 – 4488, u (iii) *employment history* tal-attriċi – Fol. 4439.

[375] Fol. 3293.

[376] Fol. 3299.

[377] Fol. 3380.

Għal perjodu qabel Jannar 2015, il-Qorti tara li l-manteniment mogħti lill-attriċi kien ġustifikat moralment u legalment, għaliex għalkemm l-attriċi kellha dħul tagħha, tali dħul ma kienx l-istess bħal dak tal-konvenut u b'hekk b'tali manjiera l-attriċi kienet qiegħda tgawdi mid-dħul ġġenerat mill-ispizerija li fiha kien jaħdem zewġha. Madanakollu jirrizulta illi l-attriċi b'mod malizzjuz riedet tistorr l-impjieg il-ġdid tagħha u dan bl-intiza li tibqa' tipperċepixxi mill-manteniment mogħti lilha mill-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti dan l-għemil huwa wieħed qarrieqi, u jekk xejn għandu jiġi ppenalizzat.

Għaldaqstant u fid-dawl tad-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut,[378] il-Qorti waslet għal konkluzjoni illi l-asserzjoni tiegħu ma hijiex waħda frivola. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara ukoll illi ma għandhiex raġuni valida sabiex tiddubita l-veraċita' tal-verzjoni tal-konvenut hekk kif din dejjem kienet konsistenti. B'hekk is-somma ta' €7,350 f'rifuzjoni ta' manteniment a favur il-konvenut għandha tiġi kkunsidrata fl-ambitu ta' likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti in via ta' ekwiparazzjoni.

### 6. Kura, Kustodja, Aċċess u Mantaniment għall-Minuri:

Miz-zwieġ tal-partijiet twieldu tlett itfal, u ċjoe' AA B imwielda nhar it-13 ta' Novembru 1994, AB B imwieled nhar is-7 ta' Lulju 1997, u AC B imwieled nhar id-19 ta' Lulju 1999. Dan ifisser illi fil-prezent, ulied il-partijiet għandhom sitta u għoxrin (26) sena, erbgħa u għoxrin (24) sena, u tnejn u għoxrin (22) sena, rispettivament, u b'hekk huma kollha maġġorenni. Għaldaqstant ma hemmx iktar lok li l-Qorti tippronunzja ruħha dwar il-kura, il-kustodja tagħhom u d-dritt ta' aċċess, u għalhekk ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-manteniment, iz-zewġ partijiet jitolbu lil Qorti sabiex tiffissa manteniment għall-ulied u din bħala talba konsegwenzjali għal dik li għandha x'taqsam mal-kura u kustodja. Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi.*" L-Artikolu 3B subinċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: *"Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtietnaturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied.*" Għalhekk abbażi tal-premess,

[378] Fol. 4514.

jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Qabel mal-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi rigward id-determinazzjoni tal-manteniment, jiġi nnutat illi l-konvenut qiegħed jippretendi ukoll l-arretrati tal-manteniment għall-minuri, liema kwistjoni ġiet sollevata mill-konvenut fl-affidavit tiegħu,[379] u konsegwentament ribadita fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Il-konvenut jispjega illi l-attriċi qatt ma ħallset manteniment u b'hekk dawn l-arretrati għandhom jinħadmu fuq il-perjodu li jibda mis-sena 2010, ċjoe' d-data meta l-attriċi ġiet zgumbrata mid-dar matrimonjali u dan tal-inqas sas-sena 2016, b'manteniment ta' €200 għal kull wild. Fid-dawl ta' dan, il-konvenut jasal għaċ-ċifra ta' €7,200 fis-sena, li għal sitt (6) snin tali manteniment jammonta għal €43,200.

Għad-dikjarazzjoni tal-konvenut, il-Qorti tara illi fir-rapport tagħha l-Perit Legali *"umilment tissottometti li ma taqbilx ma' tali teżi stante li fl-ewwel lok m'hemm ebda talba f'dan is-sens, fit-tieni lok għaliex kien fl-interess suprem tal-ulied li l-istess ulied imorru jgħixu mal-intimat missierhom u jkunu mantnuti esklussivament minnu sabiex ma jkun jonqoshom xejn (anke għaliex kien hu li kellu l-ġestjoni tan-negozju f'idu u minn tali ġestjoni r-rikorrenti kellha sehemha wkoll), fit-tielet lok għaliex l-ulied u l-interessi supremi tagħhom ma jistgħux jiġu ridotti għal kwistjonijiet finanzjarji u fl-aħħar u mhux l-anqas għaliex din l-Onorabbli Qorti kienet ukoll ċaħdet it-talba tal-intimat li jitħallas manteniment b'lura permezz ta' digriet datat il-11 ta' Mejju 2011".* Madanakollu, il-Qorti ma tikkondividix l-istess ħsieb tal-Perit Legali u dan għar-raġunijiet segwenti.

[379] Fol. 4512.

Għalkemm huwa minnu illi l-interessi supremi tal-minuri ma jistgħux jiġu ridotti għal kwistjonijiet finanzjarji, il-Qorti ma temminx li hija għandha twassal messaġġ li ma jirriflettix dak li tistipula l-liġi nostrana. Artikolu 3B u Artikolu 7 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili jistipulaw b'mod ċar illi iz-zewġ ġenituri għandhom l-obbligu li jikkontribwixxu għat-trobbija ta' uliedhom, liema obbligu huwa wieħed assolut. Madanakollu, Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jeziġi illi l-manteniment għandu jingħata skont il-bzonn ta' min jitolbu u kif ukoll skont il-mezzi ta' min għandu jagħtih.

Fiċ-ċirkostanzi odjerni jirrizulta illi f'April 2010 kien fl-aħjar interess tal-minuri illi dawn imorru jirrisjedu mal-konvenut, u dan ġialadarba f'tali perjodu l-konvenut kien finanzjarjament iktar stabbli mill-attriċi. Fl-istess zmien, permezz ta' digriet ta' din il-Qorti, l-attriċi sfat zgumbrata mid-dar matrimonjali filwaqt li l-introjtu tagħha meta kkumparat ma' dak tal-konvenut ma kienx wieħed konsiderevoli tant illi l-attriċi baqgħat tipperċepixxi manteniment għaliha nnifisha minngħand il-konvenut sa Settembru 2016, liema manteniment kien jammonta għal €350 kull erba' (4) ġimgħat. Għaldaqstant il-Qorti tispjega illi nonostante d-diversi rikorsi pprezentati mill-konvenut sabiex l-attriċi tħallas manteniment *pendente lite* għall-ulied, din il-Qorti baqgħat dejjem tirrifjuta tali talba fid-dawl ta' Artikolu 20 subinċiz 1 tal-Kodiċi Ċivili, ċjoe' dejjem ikkonsidrat il-bzonn tal-konvenut li jitlob tali manteniment u l-mezzi tal-attriċi sabiex tagħti dak mitlub minnha.

Għaldaqstant il-Qorti ma hijiex moralment konvinta li d-dikjarazzjoni tal-konvenut fir-rigward tal-arretrati hija korretta fl-interita' tagħha, ċjoe' l-Qorti ma taqbilx illi l-konvenut għandu jitħallas l-arretrati f'manteniment għal perjodu ddikjarat minnu li jkopri mis-sena 2010 sas-sena 2016. Għal maġġor parti minn dak il-perjodu, senjatament mill-2010 sal-2014, il-Qorti kienet tal-fehma li abbazi tal-fattispeċji tal-kaz in ezami ma kienx hemm lok għall-attriċi tħallas manteniment għal uliedha. Madanakollu, il-Qorti lanqas ma taqbel illi wara li l-attriċi bdiet taħdem fuq bazi *full-time* mal-Malta Enterprise mid-19 ta' Jannar 2015 u l-paga tagħha kienet waħda konsiderevoli, il-konvenut kellu jibqa' jmantni lill-ulied esklussivament hu mingħajr ebda kontribuzzjoni da parti l-attriċi. Għalkemm il-Qorti tittenta tissimpatizza mal-attriċi u tipprova tifhem l-argument tagħha illi s-sehem finanzjarju tagħha għat-trobbija ta' uliedha kien kopert mill-profitt iġġenerat mid-dħul tal-ispizerija, il-Qorti xorta waħda tara li dan l-argument ma jreġix sal-aħħar. Minn Jannar 2015 ma kien fadal l-ebda raġuni

valida ai termini tal-liġi li setgħet tizonera lill-attriċi milli tikkontribwixxi finanzjarjament għal uliedha u *di piu'* din ma setgħatx tibqa' tistaħba taħt il-kappa tal-profitt iġġenerat mill-ispizerija, ċjoe' l-introjtu ta' zewġha.

Il-Qorti tista' tifhem illi jista' jkun hemm diskrepanza fl-introjtu tal-ġenituri, madanakollu dan ma għandux ifisser illi wieħed mill-ġenituri għandu jippenalizza lill-ġenitur l-ieħor minħabba s-suċċess lavorattiv tiegħu. Lanqas ma għandu dak il-ġentur b'introjtu inqas illi jitfa' r-responsabbilta' tiegħu li jikkontribwixxi finanzjarjament għal uliedu fuq dak il-ġenitur bi introjtu ikbar, bil-konsegwenza li dan tal-aħħar jispiċċa jmantni lill-ulied esklussivament hu. F'għajnejn il-Qorti dan l-aġir huwa wieħed egoist u li ma jidentifikax ruħu mal-idea tal-*bonus pater familas.* Dak li kienet tippretendi l-Qorti mill-attriċi huwa proprju illi taġixxi skont dak li kienet ilha tipriedka dwaru matul il-proċeduri, u ċjoe' li tpoġġi l-interessi ta' uliedha qabel tagħha u dan billi tnaqqas il-pika, tikkontribwixxi finanzjarjament għat-trobbija tal-ulied flimkien mal-konvenut *se mai* minn Jannar 2015, u tħalli lill-Qorti tiddeċiedi b'mod liberu dwar is-sehem tal-attriċi mill-profitt tal-ispizerija, mingħajr ma tinterferixxi ġialadarba huma jinsabu quddiemha għal ġudizzju tagħha.

Il-Qorti tara ukoll li huwa minnu dak li qalet il-Perit Legali u ċjoe' li l-konvenut ma ressaq l-ebda talba b'mod formali u skont ir-rekwiziti tal-liġi sabiex jingħata l-arretrati ta' manteniment minngħand l-attriċi. Madanakollu l-Qorti tara illi fil-verita' tali talba l-konvenut ma setgħax iressaqha fl-istadju li pprezenta l-kontrotalba tiegħu in vista tal-fatt illi ulied il-partijiet marru jirrisjedu mal-konvenut wara ordni tal-Qorti mogħtija permezz ta' digriet *pendente lite* għal proċeduri istanti, senjatament nhar it-8 ta' April 2010. Għaldaqstant jirrizulta ċar illi l-konvenut ma kellu l-ebda għazla ħlief li jagħmel dikjarazzjoni ġuramentata permezz ta' affidavit ulterjuri sabiex jittenta jakkwista l-arretrati ta' manteniment.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Linda Pulis vs Alfred Pulis,** deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Frar 2007, fejn il-mara bdiet kawza ta' separazzjoni kontra zewġha, fejn *inter alia* talbet lill-Qorti tiffissa l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attriċi. Jirrizulta illi permezz ta' digriet *pendente lite* s-Sekond Awla tal-Qorti Ċivili kienet ordnat li r-raġel iħallas manteniment lil martu, liema diġriet ġie onerat mir-raġel għal sitt (6) xhur biss, u dan minkejja li tali ordni qatt ma ġiet varjata. B'hekk il-mara, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, vvantat pretensjoni fl-ammont ta' Lm8,000

rapprezentanti arretrati ta' manteniment. Minkejja dan, l-Ewwel Qorti njorat kompletament tali pretensjoni u *rebus sic stantibus* ċaħdet it-talba tal-mara għall-manteniment sakemm zewġha isib xogħol bi qligħ. Għaldaqstant, il-mara pprezentat rikors ta' appell ibbazat fuq aggravju wieħed, u ċjoe' li l-Ewwel Qorti ma kienetx korretta meta ddeċediet li ma tiffisax manteniment lilha imqar billi tordna l-ħlas ta' arretrati ta' manteniment. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Appell spjegat illi t-talba oriġinali tal-mara kienet waħda għad-determinazzjoni tal-manteniment fis-sens ta' Artikolu 54 subartikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili, izda ingħad illi "*ghalkemm huwa veru li dawn id-disposizzjonijiet jirreferu primarjament ghad-determinazzjoni tal-manteniment ex nunc, meta fil-kors ta' kawza ta' separazzjoni issir il-prova ta' arretrati ta' manteniment, l-ewwel Qorti generalment tiehu in konsiderazzjoni dawn l-arretrati fil-komputazzjonijiet u kalkoli ghad-determinazzjoni ta' l-istess manteniment, u dan specjalment meta flok manteniment fi hlas rateali jigi ordnat il-hlas ta' somma globali, pagabbli f'daqqa jew fi skadenzi"*. B'hekk dan ifisser illi għalkemm wieħed ma jkunx għamel talba *ad hoc* għall-arretrati ta' manteniment, l-Ewwel Qorti xorta waħda tieħu in konsiderazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' arretrati fid-deċizjoni tagħha, salv li ssirilha prova tal-imsemmija arretrati. Naturalment dan jagħmel sens speċjalment jekk bħal kaz odjern ma kienx possibbli għall-konvenut li jifformula tali talba fl-istadju tal-kontrotalba in vista li f'dak iz-zmien ma kien hemm l-ebda raġuni sabiex il-konvenut jkollu tali pretensjoni. Għaldaqstant din il-Qorti ma għandhiex tiċħad id-dikjarazzjoni tal-konvenut abbazi tal-fatt li ma ressaq l-ebda talba f'dan is-sens.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi fiċ-ċirkostanzi odjerni l-pretensjoni tal-konvenut ma hijiex merament asserzjoni izda hija waħda ppruvata, fondata u ġusta. Għal dan il-għan, il-Qorti tara illi mill-atti jirrizulta li kull wild tal-partijiet baqa' jistudja fuq bazi *full-time* wara l-għeluq tat-tmintax-il (18) sena. Il-Qorti tikkalkula illi:

a. L-arretrati ta' manteniment għal AA B għandu jinħadem abbazi tal-perjodu bejn Jannar 2015 u Novembru 2017, u ċjoe' meta AA għalqet tlieta u għoxrin (23) sena, liema perjodu jwassal għal ħamsa u tletin (35) xhar li meta jiġu multiplikati bis-somma ta' €200, jagħtu ċ-ċifra ta' <u>€7,000</u>;

b. L-arretrati ta' manteniment għal AB B għandu jinħadem abbazi tal-perjodu bejn Jannar 2015 u Ottubru 2018, u ċjoe' d-data meta l-Qorti ordnat lill-

attriċi tħallas manteniment, liema perjodu jwassal għal sitta u erbgħin (46) xahar li meta jiġu multiplikati bis-somma ta' €200, jagħtu ċ-ċifra ta' €9,200, u

c. L-arretrati ta' manteniment għal AC B għandu jinħadem abbazi tal-perjodu bejn Jannar 2015 u Ottubru 2018, u ċjoe' d-data meta l-Qorti ordnat lill-attriċi tħallas manteniment, liema perjodu jwassal għal sitta u erbgħin (46) xahar li meta jiġu multiplikati bis-somma ta' €200, jagħtu ċ-ċifra ta' €9,200;

d. Dan iwassal għat-total ta' €25,400 f'arretrati ta' manteniment rapprezentanti sehem finanzjarju tal-attriċi għat-trobbija ta' uliedha.

B'hekk is-somma ta' €25,400 f'arretrati ta' manteniment a favur il-konvenut għandha tiġi kkunsidrata fl-ambitu ta' likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti in via ta' ekwiparazzjoni.

Il-Qorti tixtieq tippuntwalizza illi f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta, il-Qorti nnifisha ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn ġenitur u ieħor, bejn omm u missier. Kull ġenitur għandu jkun konformi mal-liġi u jara fiċ-ċert li qiegħed jonera l-obbligi tiegħu, speċjalment fejn si tratta l-interessi supremi tal-minuri. Ma hemm l-ebda dubju illi l-attriċi kellha l-obbligu illi tikkontribwixxi finanzjarjament għal uliedha, u dan sia jekk hemm *in vigore o meno* digriet ta' din il-Qorti. Dan l-aġir huwa deplorat minn din il-Qorti u għandu saħansitra jiġi penalizzat, hekk kif il-Qorti ma tistgħax tittollera tali attitudni, mhux mill-missirijiet biss izda anke mill-ommijiet. Il-Qorti tissottolineja illi l-irwol tagħha fil-qadi ta' dmirijietha huwa li tissalvagwardja l-interessi taz-zewġ partijiet, u kif ukoll illi din il-Qorti bl-ebda mod ma tittollera l-logħba tas-sessi fejn l-omm għandha dejjem tiġi mgħejuna filwaqt li l-missier għandu jiġi mkasbar. Iz-zewġ ġenituri għandu jitpoġġew fuq l-istess mizien mingħajr ma ssir l-ebda distinzjoni bejniethom waqt li dawn jiġu skrutinizzati sabiex issir ġustizzja.

Magħdud mal-premess u fir-rigward ta' determinazzjoni ta' manteniment, il-Qorti tara li fil-kaz odjern ulied il-partijiet huma kollha maġġorenni u għaldaqstant jispetta lill-Qorti sabiex tara min mill-ulied għadu jista' jibbenefika mill-manteniment. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi tikkonferma illi kemm AA u kif ukoll AB għandhom iktar minn tlieta u għoxrin (23) sena u jinsabu f'impjieg fuq bazi *full-time*, izda min-naħa l-oħra AC għadu taħt it-tlieta

u għoxrin (23) sena u għadu student.[380] Magħdud ma' dan, il-Qorti tara ukoll illi fl-aħħar digriet *pendente lite* rigward il-manteniment u ċjoe' d-digriet datat 30 ta' Ottubru 2018, il-Qorti kienet ordnat lill-attriċi tħallas manteniment għal uliedha AB u AC in vista li dawn kienu qegħdin jirrisjedu ma' missierhom.

Fid-dawl tas-suespost, il-provi mresqa, is-sottomissjonijiet tal-partijiet u Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tordna lill-attriċi tħallas is-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' ġimgħat għal AC B u dan f'kaz li għadu jistudja fuq bazi *full-time,* liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi minnu l-attriċi. Fiċ-ċirkostanzi odjerni u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-attriċi hija obbligat li tħallas manteniment għal AC B sakemm il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Dan il-manteniment għandu jgħaddi direttament għand l-intimat f'każ li l-iben għadu jgħix taħt l-istess saqaf miegħu jew direttament lill-istess iben f'każ li dan stabilixxa residenza għalih.

## 7. Id-Dritt ta' Residenza ġewwa d-Dar Matrimonjali:

Il-Qorti tara li z-zewġ partijiet resqu talba sabiex jingħatalhom id-dritt li jgħixu ġewwa d-dar matrimonjali. Madanakollu l-Qorti taqbel pjenament mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali, u ċjoe' li ebda mill-partijiet ma għandu jingħatalu dan id-dritt stante li din għandha tiġi likwidata hekk kif ser jiġi spjegat fit-taqsima tax-xoljiment, likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Din il-konkluzjoni hija konformi ma' dak li jirrizulta mill-atti, u ċjoe: (i) li l-attriċi ilha ġiet zgumbrata mid-dar matrimonjali fuq ordni tal-Qorti sa mill-2010 u llum tinsab f'impjieg fuq bazi *full-time*, liema impjieg indubjament jista' jassisti lill-attriċi sabiex issib residenza alternattiva kif għamlet dawn l-aħħar snin, u (ii) minkejja l-fatt li l-kovenut ingħatalu d-dritt li jirrisjedi ġewwa d-dar matrimonjali għal dawn l-aħar ħdax-il (11) sena, it-talba tiegħu kienet limitata fis-sens li jingħata d-dritt ta' lokazzjoni sakemm ibnu AC B jagħlaq tmintax-il (18) sena, b'hekk it-talba llum hija ezawrita in vista li AC illum għandu tnejn u għoxrin (22) sena.

[380] Fol. 4946.

**8. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar is-16 ta' Mejju 1993, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom*

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti kollha, hija taqbel penjament mal-Perit Legali u ċjoe' illi l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet għandha valur kumplessiv ta' €905,888 u għalhekk jekk wieħed kellu jiddividi tali komunjoni preċiżament bin-nofs l-ammont li għandu jieħu kull parti jammonta għal €452,944, liema somma hijja bbazata fuq il-valuri u l-istimi tal-Periti mqabbda mill-Qorti stess, u ċjoe' l-Perit Tancred Mifsud bħala Perit Tekniku u l-Perit William Spiteri Bailey bħala Perit Komputista – liema rapporti huma wkoll dawk l-aktar riċenti.

Mill-atti jirrizulta li dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti huma s-segwenti:

a. Id-dar matrimonjali bl-indirizz "*6, Triq Fra Francesco Wizzino, Pembroke*" u l-arja sovrastanti: Il-Perit Legali assenjat lil din id-dar il-valur ta' €480,000, u dan skont l-aħħar stima mogħtija mill-Perit Tancred Mifsud bħala l-perit tekniku mqabbad mill-Qorti stess – liema valur qiegħed jiġi addottat minn din il-Qorti wkoll. Għalkemm mill-atti jirrizulta illi ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar dak li għandu jsir fuq id-dar matrimonjali, il-Qorti tara li fiċ-ċirkostanzi odjerni huwa ferm għaqli illi din id-dar tinbiegħ u dan minnflok tiġi assenjata lil wieħed/waħda mill-partijiet.

Għalkemm il-Qorti hija konsapevoli dwar il-ftehim bonarju li kellhom il-partijiet lura fiz-zmien, dan l-istess ftehim illum ma għadux applikabbli in vista tal-fatt illi kemm xi krediti li jridu jitħallsu u b'hekk huwa neċessarju li d-dar matrimonjali titpoġġa għal bejgħ.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqbel mal-Perit Legali, fis-sens illi tordna illi l-proprjeta' surreferita għandha titpoġġa għall-bejgħ fis-suq miftuħ bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta' *average* ta' valutazzjoni ta' 3 *estate agents* li jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom b'dan illi tali bejgħ m'għandux isir għal prezz inqas minn €480,000. Il-Qorti tordna ukoll illi l-konvenut għandu jingħata d-dritt tal-ewwel preferenza għall-akkwist tal-imsemmi fond u dan għar-raġunijiet imsemmija fir-rapport tal-Perit Legali. Ir-rikavat ta' dan il-bejgħ għandu jinqasam hekk: (i) is-somma ta' **€400,194 lill-attriċi** bħala sehemha mill-kommunjoni tal-akkwisti, liema somma hija l-bilanċ rimanenti minn sehemha globali ta' €452,944 u dan wara li tnaqsu dawk il-krediti favur il-konvenut, ċjoe' is-somma ta' €7,350 f'rifuzjoni ta' manteniment personali, €25,400 f'arretrati ta' manteniment tal-ulied u s-somma ta' €20,000 bħala sehem l-attriċi mill-ispiza edukattiva ta' bintha AA sabiex tistudja barra minn xtutna, (ii) is-somma ta' **€52,750 lill-konvenut** bħala rifuzjoni ta' manteniment għall-attriċi, sehem l-attriċi għal manteniment ta' uliedhom u l-ispiza edukattiva ta' AA B sabiex tistudja barra minn Malta, (iii) is-somma ta' **€27,056 lill-konvenut** bħala s-somma rimanenti mis-somma globali ta' €480,000 wara li l-attriċi tkun ħadet sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti li b'mod globali jammonta għal €452,944, u (iv) f'kaz li l-fond in kwistjoni jinbiegħ għal somma ikbar minn €480,000, il-bilanċ ulterjuri għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

b. <u>Il-mobbli kollha misjuba ġewwa d-dar matrimonjali, li ma jirriżultax valur attwali u preżenti tagħhom, liema mobbli ġew akkwistati mill-konvenut wara li l-attriċi zgumbrat id-dar matrimonjali u rrendietha inabitabbli</u>: Il-Perit Legali fir-rapport tagħha llikwidat *arbitrio buon viri* favur il-konvenut is-somma ta' €20,000 u dan bħala kumpens għall-mobbli kollha li kellu jerġa' jixtri wara li l-attriċi zgumbrat id-dar matrimonjali. L-attriċi tisħaq illi l-Perit Legali kellha ukoll l-obbligu illi tieħu konjizzjoni ukoll tax-xogħolijiet li saru mill-attriċi fil-perjodu bejn l-2008 u l-2010. Fil-fehma tal-Qorti, fiċ-ċirkostanzi ma tressqet l-ebda prova ta' dawk il-mobbli kollha li

jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u wisq anqas tal-valur tal-istess. Il-Qorti tinsab moralment konvinta illi mal-izgumbrament tal-attriċi mid-dar matrimonjali din ħadet magħha dak kollu li kien jinsab ġewwa tali fond. Għaldaqstant u fin-nuqqas ta' prova konkreta dwar il-mobbli prezenti *per se* u l-valur tagħhom, il-Qorti tara xieraq illi l-mobbli prezenti għandhom jiġu assenjati lill-konvenut u dan minnflok tiġi assenjata lilu s-somma ta' €20,000 skont il-konsiderazzjoni tal-Perit Legali. Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut ma kienx fl-impossibilita' li jressaq dawk il-provi neċessarji dwar il-mobbli mixtrija minnu wara l-izgumbrament ta' martu mid-dar matrimonjali u b'hekk il-Qorti hija prekluza milli tillikwida somma *arbitrio boni viri*. Fid-dawl ta' dan issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Michelina Bezzina vs Julian Bezzina**, fejn ġie ribadit illi: "*jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit* ";

c. L-ispizerija bħala proprjeta' immobbli bl-indirizz *"San Giorgio Pharmacy, Triq Manuel Buhagiar, Pembroke"*, inkluz il-garaxx u kif ukoll l-avvjament tagħha, id-debituri, l-overdraft, il-kredituri u l-*istock*: Skont ir-rapport tal-Perit Komputista William Spiteri Bailey dan in-negozju huwa stmat għal €425,888.[381] L-attriċi ma taqbilx ma' din l-istima, filwaqt li tikkritika r-rapport tal-imsemmi Perit billi tgħid illi *"il-valutazzjoni li huwa taha ghall-ispizerija ma hijiex rjali u li l-metodu ta' komputazzjoni mhijiex skont il-prassi stabilita ghal dawn it-tip ta' valutazzjonijiet"*.[382] Minkejja tali kritika, mill-atti jirrizulta ċar illi minkejja li l-attriċi wriet bla ombra ta' dubju illi ma taqbilx mal-istima provduta, din naqset illi tipprevalixxi ruħha mill-fakolta' li titlob il-ħatra ta' periti addizzjonali u dan skont id-dritt tagħha ai termini tal-Artikolu 674 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fid-dawl ta' dan u kif ukoll tar-rapport innifsu, il-Qorti ma tarax għaliex m'għandhiex tistrieħ fuq il-konkluzjonijiet milħuqa mill-Perit Komputista. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tassenja lill-konvenut l-ispizerija in kwistjoni inkluz il-garaxx, l-avvjament tagħha, id-debituri, l-*ovedraft*, il-kredituri u l-*istock*, u dan bħala sehem l-konvenut mill-komunjoni tal-akkwisti.[383] Magħdud ma' dan, il-

381 Fol. 4688.
382 Fol. 4967.
383 Li flimkien mas-somma ta' €27,056 mill-bejgħ tad-dar matrimonjali, il-konvenut jieħu s-somma komplessiva ta' €452,944.

Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas kwalunkwe kont jew debitu ezistenti, inkluz arretrati, relatati mal-imsemmija spizerija u garaxx;

d. Il-vettura tal-għamla Toyota Cami bin-numru ta' reġistrazzjoni BBQ-749 għandha tiġi assenjata lil dik il-parti li fuqha tinsab intestata din il-vettura, b'dana illi tali parti għandha tħallas kwalunkwe spejjez relatati mal-vettura in kwistjoni;

e. Il-vettura tal-għamla Fun Cargo bin-numru ta' reġistrazzjoni HBD-609 għandha tiġi assenjata lil dik il-parti li fuqha tinsab intestata din il-vettura, b'dana illi tali parti għandha tħallas kwalunkwe spejjez relatati mal-vettura in kwistjoni;

f. Kull kont bankarju intestat fuq isem wieħed tal-partijiet, il-Qorti tordna illi kull parti għandha zzomm dawk il-kontijiet li huma ntestati fuq isimha. Madanakollu u fir-rigward ta' dawk il-kontijiet konġunti, izda ad eskluzjoni ta' dawk li jikkonċernaw debitu, dawn għandhom jingħalqu minnufih u l-ammonti jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet;

**9. Assi Parafernali**

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel tagħha dak li rrilevat il-Perit Legali fir-rapport tagħha, u ċjoe' li ma ġew esebiti ebda provi dwar xi pretensjonijiet jew assi li jistgħu jiġu konsidrati bħala parafernali tal-partijiet. Għaldaqstant ma hemm lok għal din il-Qorti sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati miz-zewġ partijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u kif ukoll l-ewwel talba rikonvenzjonali, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u dan minħabba inkompatibbilita' fil-karattru, b'dana ukoll illi l-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ hija attribwibbli liz-zewġ partijiet abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta; Il-Qorti qiegħda tindika li n-numru

progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taz-Zwieġ tal-partijiet huwa 630/1993, u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba attriċi u tas-seba' talba rikonvenzjonali stante li l-mertu llum huwa ezawrit;

3. Tiċħad it-tielet u r-raba' talba attriċi rigward il-manteniment għat-tfal u għaliha personalment;

4. Tilqa' il-ħames talba attriċi u kif ukoll it-tielet, ir-raba' u l-ħames talba rikonvenzjonali, u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-paritjiet, b'dan illi d-divizjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tat-tmien (8) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali'*, u għal dan il-għan il-Qorti taħtar lin-Nutar Dr. Sean Critien sabiex jippubblika d-divizjoni ta' bejn il-partijiet, u taħtar ukoll lill-Avukat Dr. Joseph Bonnici u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti bħala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaċja ta' xi wieħed jew waħda mill-partijiet, u tordna li l-kuntratt relattiv jigi ppubblikat fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja, il-Belt Valletta f'data fil-futur;

5. Tilqa' s-sitt talba attriċi u tistabbilixxi illi d-data li minnha l-partijiet għandhom jitqiesu responsabbli għat-tifrik taz-zwieġ hija dik tat-8 ta' April 2010;

6. Tiċħad is-seba' talba attriċi u kif ukoll is-sitt talba rikonvenzjonali rigward l-assi parafernali;

7. Tiċħad it-tmien talba attriċi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tmien talba rikonvenzjonali stante li l-mertu huwa ezawrit;

8. Tilqa' d-disa' talba attriċi, kif ukoll it-tieni u l-għaxar talba rikonvenzjonali, u tapplika kontra z-zewġ partijiet s-sanzjonijiet *in toto* kif elenkati f'Artikolu 48 *eq seq* tal-Kodiċi Ċivili;

9. Tilqa' d-disa' talba rikonvenzjonali limitatament għal minuri AC, hekk kif spjegat fis-sitt (6) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'Kura, Kustodja, Aċċess u Mantaniment għall-Minuri'*.

Il-Qorti tordna li l-ispejjez ta' din il-kawza għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.